(f) teħtieġ li, għall-għanijiet tat-transazzjonijiet bejn fergħa stabbilita fil-Kolombja u l-kumpanija prinċipali tagħha jew kumpaniji relatati oħra, kull waħda minn dawk l-entitajiet jiġu kunsidrati bħala istituzzjoni indipendenti u li, mingħajr ħsara għal ta' hawn fuq, istituzzjoni finanzjarja tal-Parti l-oħra tkun responsabbli għall-obbligi mogħtija f'kuntratt mill-fergħa tagħha fil-Kolombja;

(g) teħtieġ lis-sidien u r-rappreżentanti tal-fergħat stabbiliti fil-Kolombja biex jaqblu mal-ħtiġijiet ta' solvenza u integrità morali stabbiliti mil-liġi Kolombjana li għandhom ikunu qablu magħhom il-partijiet interessati u l-entitajiet finanzjarji organizzati fil-Kolombja; u

(h) tippermetti lil fergħat stabbiliti fil-Kolombja biex jagħmlu trasferimenti tal-profitti netti tagħhom, jekk ma jkun hemm l-ebda defeċit fl-investiment tar-riżervi tekniċi tagħhom li jistgħu jikkostitwixxu ksur fl-obbligi kontrattwali tagħhom , u l-anqas defeċit fil-marġni ta' solvenza jew ir-riżervi tekniċi tagħhom li ma jikkostitwixxix f'biżżejjed kopertura mir-riżerva tad-devjazzjoni tar-rata tal-klejms u riskji oħra li jistgħu jinqalgħu fl-operazzjoni tagħhom, u l-anqas defeċit f'rekwiżiti kapitali oħra maħsuba fir-regoli lokali.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 2. assigurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni<br><br>3. intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, bħal senserija u aġenzija<br><br>4. servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni, bħas-servizzi ta’ konsulenza, attwarjali, evalwazzjoni tar-riskju u servizzi għas-soluzzjonijiet ta’ klejms | Xejn. |
| B. Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (għajr l-assigurazzjoni) | |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 1. aċċettar ta' depożiti u fondi oħra ripagabbli mill-pubbliku<br><br>2. kull tip ta' self, fosthom kreditu għall-konsumatur, kreditu ipotekarju, bejgħ u ffinanzjar ta' tranżazzjonijiet kummerċjali<br><br>3. kiri finanzjarju | Xejn, minbarra li l-Kolombja tirriżerva d-dritt li tagħżel kif tirregola l-istabbiliment ta' fergħat tal-banek inklużi fost l-oħrajn, il-karatteristiċi tagħhom, l-istruttura, ir-relazzjoni mal-kumpanija prinċipali tagħhom, ir-reġim ta' liċenzji; kontabbiltà; ir-responsabbiltà tal-amministraturi; l-operazzjonijiet awtorizzati, inklużi operazzjonijiet mal-bank ċentrali; responsabbiltà lejn il-kredituri lokali; rekwiżiti kapitali, riżervi tekniċi, u l-obbligi relatati mal-patrimonju tar-riskju u l-investimenti tagħhom, rekwiżiti ta' kapital, riżervi tekniċi, u l-obbligi relatati mal-patrimonju tar-riskju u l-investimenti tagħhom[1].<br><br>Għal dak l-għan, il-Kolombja tista' titlob li l-kapital assenjat lill-fergħat tal-banek tal-Parti l-oħra fil-Kolombja jkun miġjub effettivament fil-Kolombja u mibdul fi flus lokali, skont il-liġi Kolombjana. L-operazzjonijiet tal-fergħat tal-banek tal-Parti l-oħra għandhom jiġu limitati mill-kapital assenjat u miġjub fil-Kolombja. |

[1] Il-Kolombja tista' tistabbilixxi r-rekwiżiti li ġejjin, fost oħrajn:
(a) teħtieġ il-fergħat biex jaqblu mal-istess obbligi meħtieġa attwalment jew li jistgħu jkunu meħtieġa fil-futur tal-banek stabbiliti taħt il-liġi Kolombjana;
(b) tiżgura li l-mekkaniżmi jeżistu biex jiżguraw id-disponibbiltà għall-Kolombja ta' informazzjoni li hi propjetà ta' bank partikolari tal-Parti l-oħra mill-awtoritajiet superviżorji u/jew regolatorji finanzjarji ta' dik il-Parti l-oħra qabel ma tippermetti l-istabbiliment ta' fergħa minn dak il-bank;
(c) teħtieġ bank li jfittex jistabbilixxi bis-saħħa ta' fergħa biex juri li hu jilħaq il-ħtiġijiet regolatorji u prudenzjali ta' superviżjoni fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu, skont il-prattiki internazzjonali;
(d) teħtieġ li l-atti meħuda u kuntratti li ddaħħlu fil-Kolombja minn fergħat ta' banek tal-Parti l-oħra stabbiliti fil-Kolombja jkunu soġġetti għal-liġi u l-awtoritajiet Kolombjani;
(e) toħroġ regoli għall-fergħat msemmija f'dawn l-impenji, li jistgħu jirrelataw mal-aspetti li ġejjin tal-operazzjoni tagħhom, fost l-oħrajn: ir-reġim tal-liċenzji; il-kontabbiltà; ir-responsabbiltà tal-amministraturi; l-operazzjonijiet awtorizzati, inklużi operazzjonijiet mal-bank ċentrali; u responsabbiltà lejn il-kredituri;
(f) titlob li kwalunkwe kapitalizzazzjoni sussegwenti jkollha l-istess trattament bħall-kapital inizzjali tal-fergħa;
(g) teħtieġ li, għall-għanijiet tat-transazzjonijiet bejn fergħa stabbilita fil-Kolombja u l-kumpanija prinċipali tagħha jew kumpaniji relatati oħra, kull waħda minn dawk l-entitajiet jiġu kunsidrati bħala istituzzjoni indipendenti u li, mingħajr ħsara għal ta' hawn fuq, istituzzjoni finanzjarja tal-Parti l-oħra tkun responsabbli għall-obbligi mogħtija f'kuntratt mill-fergħa tagħha fil-Kolombja;
(h) teħtieġ lis-sidien u r-rappreżentanti tal-fergħat stabbiliti fil-Kolombja biex jaqblu mal-ħtiġijiet ta' solvenza u integrità morali stabbiliti mil-liġi Kolombjana li għandhom ikunu qablu magħhom il-partijiet interessati u l-entitajiet finanzjarji organizzati fil-Kolombja; u
(i) Tippermetti lil fergħat stabbiliti fil-Kolombja biex jagħmlu trasferimenti tal-profitti netti tagħhom, jekk l-ebda problemi ma jinħolqu fil-marġni ta' solvenza u rekwiżiti kapitali oħra maħsuba fir-regoli lokali.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 4. is-servizzi kollha ta’ ħlas u ta’ mogħdija tal-flus, fosthom il-kards ta’ kreditu, ta’ ħlas u ta’ debitu, it-travellers cheques u l-bankers drafts<br><br>5. garanziji u impenji<br><br>6. negozjar għall-kont proprju jew għall-kont tal-klijenti, kemm jekk fuq skambju, f’suq over-the-counter jew mod ieħor, dawn li ġejjin:<br><br>(a). strumenti tas-suq tal-flus (inklużi ċekkijiet, kambjali u ċertifikati ta’ depożiti);<br><br>(b) kambju; | |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
| --- | --- |
| (ċ) prodotti derivattivi li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, futures u opzjonijiet;<br><br>(d). ir-rata tal-kambju u strumenti tar-rata tal-imgħax, fosthom prodotti bħal tpartit, ftehim dwar ir-rata bil-quddiem;<br><br>(e). titoli trasferibbli; u<br><br>(f). strumenti u assi finanzjarji oħra negozjabbli, inkluż id-deheb.<br><br>7. parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, fosthom sottoskrizzjoni u tqegħid bħala aġent (b'mod pubbliku jew privat) u l-provvediment ta' servizzi relatati ma' dan il-ħruġ<br><br>8. senserija tal-kambju | |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 9. ġestjoni tal-assi, bħalma huwa ġestjoni ta' flus jew portafolji, kull forma ta' ġestjoni ta' investiment kollettiv, il-ġestjoni ta' fondi tal-pensjonijiet, servizzi ta' kustodja, depożitarji u fiduċjarji, għajr fondi tal-pensjonijiet, l-immaniġġjar ta' fondi ta' pagament għall-immaniġġjar u s-sensji (Sociedades Administradoras de Fondos de Pensiones u Cesantias) u l-immaniġġjar ta' assi oħra relatati mas-sistema ta' sigurtà soċjali. | Xejn, għajr:<br><br>servizzi ta' kustodja, sakemm mhumiex relatati mal-immaniġġjar ta' skema ta' investiment kollettiv;<br>servizzi ta' fiduċjarji, iżda mhux li jeskludul-holding fil-fiduċjarja tal-investimenti minn skema ta' investiment kollettiv stabbilita bħala fiduċjarja ; u;<br>servizzi ta' eżekuzzjoni, sakemm mhumiex relatati mal-immaniġġjar ta' skema ta' investiment kollettiv. |
| 10. servizzi ta' saldu u rilaxx għal assi finanzjarji, fosthom titoli, prodotti derivattivi u strumenti oħra negozjabbli<br><br>11. għoti u trasferiment ta' tagħrif finanzjarju, u pproċessar ta' dejta finanzjarja u softwer relatat. | Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 12. servizzi ta' konsulenza, ta' intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari oħra fuq l-attivitajiet kollha elenkati fis-sottoparagrafi 1 sa 11, fosthom referenza u analiżi tal-kreditu, riċerka u parir dwar l-investiment u l-portafolji, parir dwar l-akkwisti u dwar ir-ristrutturar u l-istrateġija korporattiva | |
| 14. TURIŻMU U SERVIZZI RELATATI MAL-IVVJAĠĠAR | |
| A. Lukandi, Ristoranti u Kejtering<br><br>(CPC 641, CPC 642 u CPC 643) | Għal CPC 641<br><br>Xejn.<br><br>Għal CPC 642 u CPC 643 Trattament Nazzjonali<br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Għal CPC 642 u CPC 643 Aċċess għas-Suq<br>Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| B. Servizzi tal-Aġenziji tal-Ivjaġġar u tal-Operaturi tal-Vjaġġi Turisitiċi<br>(CPC 7471) | Xejn. |
| C. S Servizzi ta' Gwidi Turistiċi<br>(CPC 7472) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima. |
| 15. SERVIZZI RIKREATTIVI, KULTURALI U SPORTIVI (minbarra servizzi awdjoviżivi) | |
| A. Servizzi ta' Divertiment | |
| Serivizzi ta' ċirku, parks ta' divertiment u attrazzjonijiet simili(CPC 96194) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
| --- | --- |
| Serivizzi ta' ballroom, diskoteki u tagħlim taż-żfin(CPC 96195) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima. |
| B. Servizzi tal-Aġenziji tal-Aħbarijiet u tal-Istampa<br>(CPC 962) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Aċċess għas-Suq<br>Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima.<br><br>Id-direttur jew il-maniġer ġenerali ta' gazzetta ppubblikata fil-Kolombja li tiffoka fuq il-politika Kolombjana jrid ikun ta' nazzjonalità Kolombjana. |
| C. Biblijoteki, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra<br>(servizzi ffinanzjati mill-privat biss)<br>(CPC 963) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Mhux marbuta. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
| --- | --- |
| D. Sevizzi sportivi<br>(CPC 9641) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Mhux marbuta. |
| E. Parks rikreattivi u Servizzi ta' fuq ix-xtajta<br>(CPC 96491) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima. |
| 16. SERVIZZI TAT-TRASPORT | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima. |
| A. Trasport marittimu | Il-Kolombja tieħu impenji skont il-Lista ta' Servizzi tat-Trasport Marittimu. |
| B. Trasport fil-Mogħdijiet tal-Ilma Interni | |
| a) Trasport tal-passiġġieri<br>(CPC 7221) | Xejn. |
| b) Trasport tal-merkanzija<br>(CPC 7222) | Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| C. Trasport bil-Ferrovija | |
| a) Trasport tal-passiġġieri<br>(CPC 7111) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn.<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, minbarra r-restrizzjonijiet fuq in-numru ta' konċessjonijiet u n-numru totali ta' operazzjonijiet. |
| b) Trasport tal-merkanzija<br>(CPC 7112) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn.<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, minbarra r-restrizzjonijiet fuq in-numru ta' konċessjonijiet u n-numru totali ta' operazzjonijiet. |
| D. Trasport fuq l-Art | |
| a) Trasport tal-passiġġieri<br>(CPC 7121 u CPC 7122) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn.<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, minbarra r-restrizzjonijiet fuq in-numru ta' konċessjonijiet u n-numru totali ta' operazzjonijiet. |
| b) Trasport tal-merkanzija<br>(CPC 7123, għajr il-ġarr ta' oġġetti postali għall-kont proprju) | Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
| --- | --- |
| E. Trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhumiex fjuwil<br><br>(CPC 7139) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn.<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, minbarra r-restrizzjonijiet fuq in-numru ta' konċessjonijiet u n-numru totali ta' operazzjonijiet. |
| 17. SERVIZZI AWŻILJARI GĦAT-TRASPORT | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima.<br><br>Mhux marbuta fir-rispett tan-numru ta' konċessjonijiet u n-numru totali tal-operazzjonijiet. |
| A. Servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu | |
| g) Kiri ta' Bastimenti bl-Ekwipaġġ<br><br>(CPC 7213) | Xejn. |
| h) Servizzi ta' ġbid u rmunkar<br><br>(CPC 7214) | Trattament Nazzjonali u Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, minbarra li d-detentur ta' konċessjoni biex jipprovdi servizzi tal-portijiet għandu jkun imniżżel skont il-liġi Kolombjana bħala korporazzjoni (*sociedad anónima)* li l-għan korporattiv tagħha hu l-bini, il-manutenzjoni, u l-amministrazzjoni ta' portijiet. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| j) Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra<br>(parti minn CPC 749) | Xejn. |
| B. Servizzi awżiljarji għat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni | |
| a) Servizzi ta' ġestjoni tat-tagħbija<br>(parti minn CPC 741) | Xejn. |
| b) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen<br>(parti minn CPC 742) | Xejn. |
| c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija<br>(parti minn CPC 748) | Xejn. |
| d) Kiri ta' Bastimenti bl-Ekwipaġġ<br>(CPC 7223) | Xejn. |
| e) Servizzi ta' ġbid u rmunkar<br>(CPC 7224) | Trattament Nazzjonali u Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, minbarra li d-detentur ta' konċessjoni biex jipprovdi servizzi tal-portijiet għandu jkun imniżżel skont il-liġi Kolombjana bħala korporazzjoni (*sociedad anónima)* li l-għan korporattiv tagħha hu l-bini, il-manutenzjoni, u l-amministrazzjoni ta' portijiet. |
| g) Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra<br>(parti minn CPC 749) | Xejn. |
| C. Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija | |
| a) Servizzi ta' ġestjoni tat-tagħbija<br>(parti minn CPC 741) | Xejn. |
| b) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen<br>(parti minn CPC 742) | Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija<br>(parti minn CPC 748) | Xejn. |
| d) Servizzi ta' ġbid u rmunkar<br>(CPC 7113) | Xejn. |
| e) Servizzi ta' appoġġ għat-trasport bil-ferrovija<br>(CPC 743) | Xejn. |
| f) Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra B<br>(parti minn CPC 749) | Xejn. |
| Servizzi ta' Permessi tad-Dwana(kif definit fil-punt 5 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali ta' din it-Taqsima) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, minbarra li biex tkun tista' twettaq is-servizzi doganali li ġejjin, persuna trid tkun tgħix fil-Kolombja jew ikollha rappreżentant responsabbli legalment għall-attivitajiet tagħha jgħix fil-Kolombja: intermedjazzjoni doganali, intermedjazzjoni għas-servizzi postali *("intermediación para servicios postales")* u *mensajeria especializada* (inkluż twassil urġenti), id-depożitu ta' merkanzija, it-trasport ta' merkanzija taħt il-kontroll doganali, jew servizzi ta' merkanzija internazzjonali, jew biex taġixxi bħala Utent Doganali Permanenti *("Usuarios Aduaneros Permanentes")* jew Utent li Jesporta Ħafna *("Usuarios Altamente Exportadores")*.<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn [1], minbarra restrizzjonijiet fuq in-numru ta' konċessjonijiet għal dawn it-tip ta' servizzi. |

[1] Konċessjoni ta' utilità pubblika jew proċeduri ta' liċenzji jistgħu japplikaw f'każ ta' okkupazzjoni tal-ispazju pubbliku.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| D. Servizzi awżiljarji għat-Trasport fuq l-Art | |
| a) Servizzi ta' ġestjoni tat-tagħbija<br>(parti minn CPC 741) | Xejn. |
| b) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen<br>(parti minn CPC 742) | Xejn. |
| ċ) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija<br>(parti minn CPC 748) | Xejn. |
| d) Kiri ta' Vetturi Kummerċjali tat-Triq bl-Operaturi<br>(CPC 7124) | Xejn. |
| e) Servizzi ta' sostenn għat-tagħmir tat-trasport fuq l-art<br>(CPC 744) | Xejn. |
| f) Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra<br>(parti minn CPC 749) | Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| Servizzi ta’ Permessi tad-Dwana(kif definit fil-punt 5 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali ta' din it-Taqsima) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, minbarra li biex tkun tista’ twettaq is-servizzi doganali li ġejjin, persuna trid tkun tgħix fil-Kolombja jew ikollha rappreżentant responsabbli legalment għall-attivitajiet tagħha jgħix fil-Kolombja: intermedjazzjoni doganali, intermedjazzjoni għas-servizzi postali *(“intermediación para servicios postales”)* u *mensajeria especializada* (inkluż twassil urġenti), id-depożitu ta’ merkanzija, it-trasport ta’ merkanzija taħt il-kontroll doganali, jew servizzi ta’ merkanzija internazzjonali, jew biex taġixxi bħala Utent Doganali Permanenti *(“Usuarios Aduaneros Permanentes”)* jew Utent li Jesporta Ħafna *(“Usuarios Altamente Exportadores”)*.<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn [1], minbarra restrizzjonijiet fuq in-numru ta’ konċessjonijiet għal dawn it-tip ta’ servizzi. |
| E. Servizzi awżiljari għat-trasport bl-ajru | |
| a) Servizzi ta’ ġestjoni fuq l-art | Xejn. |
| b) Servizzi ta’ magażinaġġ u mħażen<br>(parti minn CPC 742) | Xejn. |
| c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija<br>(parti minn CPC 748) | Xejn. |
| e) Bejgħ u Markitjar | Xejn, minbarra dispożizzjonijiet fuq kummissjonijiet u/jew pagamenti li t-trasportaturi japplikaw lill-aġenti tal-ivjaġġar u lill-intermedjarji b’mod ġenerali. |
| f) Sistema ta’ Riżervazzjoni permezz tal-Kompjuter | Xejn. |
| g) Ġestjoni tal-ajruport | Xejn. |

[1] Konċessjoni ta’ utilità pubblika jew proċeduri ta’ liċenzji jistgħu japplikaw f’każ ta’ okkupazzjoni tal-ispazju pubbliku.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| Servizzi ta’ Permessi tad-Dwana(kif definit fil-punt 5 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali ta' din it-Taqsima) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, minbarra li biex tkun tista’ twettaq is-servizzi doganali li ġejjin, persuna trid tkun tgħix fil-Kolombja jew ikollha rappreżentant responsabbli legalment għall-attivitajiet tagħha jgħix fil-Kolombja: intermedjazzjoni doganali, intermedjazzjoni għas-servizzi postali *(“intermediación para servicios postales”)* u *mensajeria especializada* (inkluż twassil urġenti), id-depożitu ta’ merkanzija, it-trasport ta’ merkanzija taħt il-kontroll doganali, jew servizzi ta’ merkanzija internazzjonali, jew biex taġixxi bħala Utent Doganali Permanenti *(“Usuarios Aduaneros Permanentes”)* jew Utent li Jesporta Ħafna *(“Usuarios Altamente Exportadores”).*<br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn [1], minbarra restrizzjonijiet fuq in-numru ta’ konċessjonijiet għal dawn it-tip ta’ servizzi. |
| F. Servizzi awżiljari għat-trasport bil-pajpijiet ta’ prodotti li mhumiex fjuwil | |
| a) Servizzi ta’ magażinaġġ u mħażen ta’ oġġetti minbarra l-karburant trasportat bil-pajpijiet,<br>(parti minn CPC 742) | Xejn. |
| 18. SERVIZZI TAL-ENERĠIJA | |
| A. Servizzi Anċillari għall-Minjieri<br>(CPC 883) | Xejn |

[1] Konċessjoni ta’ utilità pubblika jew proċeduri ta’ liċenzji jistgħu japplikaw f’każ ta’ okkupazzjoni tal-ispazju pubbliku.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| B. Trasport ta' petroleum u gass naturali<br>(CPC 71310) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Mhux marbuta fir-rispett tan-numru ta' konċessjonijiet u n-numru totali tal-operazzjonijiet. |
| C. Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen ta' karburanti li jiġu trasportati bil-pajpijiet<br>(parti minn CPC 742)<br><br>Servizzi ta' ħżin bl-ingrossa ta' likwidi jew gassijiet<br>(CPC 74220) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima |
| D. Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' karburanti solidi, likwidi u gassużi u prodotti relatati<br>(CPC 62271)<br><br>u servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' elettriku, fwar u misħun<br><br>Japplika dak li hu stabbilit fis-Settur<br>9. Servizzi ta' Distribuzzjoni | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn.<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, minbarra li impriżi organizzati taħt il-liġi Kolombjana qabel it-12 ta' Lulju, 1994 biss, jistgħu jagħmlu markitjar (*comercialización)* u t-trasmissjoni ta' enerġija elettrika jew jipparteċipaw f'aktar minn waħda mill-attivitajiet li ġejjin fl-istess waqt: il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, jew it-trasmissjoni ta' enerġija elettrika. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| E. Servizzi ta' Bejgħ bl-Imnut ta' fjuwil tal-magni<br>(CPC 613)<br><br>Japplika dak li hu stabbilit fis-Settur<br>9. Servizzi ta' Distribuzzjoni | Xejn. |
| F. Bejgħ bl-imnut, ta' żejt għall-fjuwil, gass fil-fliexken, faħam u injam<br>(CPC 63297)<br><br>u servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' elettriku, (gass mhux fil-fliexken), fwar u misħun<br><br>Japplika dak li hu stabbilit fis-Settur<br>9. Servizzi ta' Distribuzzjoni | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn.<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, minbarra li impriżi organizzati taħt il-liġi Kolombjana qabel it-12 ta' Lulju, 1994 biss, jistgħu jagħmlu markitjar(*comercialización)* u t-trasmissjoni ta' enerġija elettrika jew jipparteċipaw f'aktar minn waħda mill-attivitajiet li ġejjin fl-istess waqt: il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, jew it-trasmissjoni ta' enerġija elettrika. |
| G. Servizzi anċillari għad-distribuzzjoni tal-enerġija (inkluż it-tħaddim tat-trasmissjoni/distribuzzjoni tal-elettriku)<br>(CPC 887) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima.<br><br>Impriżi organizzati taħt il-liġi Kolombjana qabel it-12 ta' Lulju, 1994 biss, jistgħu jagħmlu markitjar (*comercialización)* u t-trasmissjoni ta' enerġija elettrika jew jipparteċipaw f'aktar minn waħda mill-attivitajiet li ġejjin fl-istess waqt: il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, jew it-trasmissjoni ta' enerġija elettrika.<br><br>Mhux marbuta fir-rigward tal-istabbiliment ta' żoni esklussivi għas-servizzi anċillari għad-distribuzzjoni tal-enerġija biex ikun |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
| --- | --- |
| | żgurat is-servizz universali |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| SERVIZZI TAL-KOMUNITÀ, SOĊJALI U PERSONALI<br>SERVIZZI OĦRA | |
| Servizzi ta' funerali, kremazzjoni u dfin<br>(CPC 97030) | Trattament Nazzjonali<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2 u 3 ta' din it-Taqsima<br><br>Aċċess għas-Suq<br><br>Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima.<br><br>Il-forniment ta' servizzi tal-funerali jista' jkun magħmul minn entitajiet ta' natura kooperattiva jew reċiproka, entitajiet mhux għall-profitt (*entidades sin ánimo de lucro)* u korporazzjonijiet (*sociedades comerciales)*, msemmija fl-Artikolu 86 tal-Liġi 1328 tal-2009, indipendentament minn min huma l-azzjonisti tagħhom. |

LISTA TA' SERVIZZI TAT-TRASPORT MARITTIMU

NOTI GĦAL-LISTA TA' SERVIZZI TAT-TRASPORT MARITTIMU INTERNAZZJONALI

Meta s-servizzi ta' trasport bit-triq, bil-ferrovija u fuq il-passaġġi tal-ilma interni, kif ukoll is-servizzi awżiljarji relatati mhumiex kompletament koperti b'mod ieħor f'din il-Lista, operatur tat-trasport multimodali (kif definit fil-punt 3 tad-definizzjonijiet tan-Noti għal-lista ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali ta' din it-Taqsima) għandu jkollu l-abbiltà li jikri trakkijiet, vaguni tal-ferrovija jew barkuni, u tagħmir relatat, għall-iskop tat-trasmissjoni tal-merkanziji internament, jew ikollu l-aċċess għal, u l-użu ta', dawn il-forom ta' attivitajiet multimodali fuq termini u kundizzjonijiet raġjonevoli u mhux diskriminatorji għall-iskop tat-twettiq tal-operazzjonijiet tat-trasport multimodali.

"Termini u kundizzjonijiet raġjonevoli u mhux diskriminatorji" tfisser, għall-fini tal-operazzjonijiet tat-trasport multimodali u għal dan l-impenn addizzjonali, l-abbiltà tal-operatur tat-trasport multimodali li jagħmel l-arranġamenti għall-ġarr tal-merkanzija tiegħu fuq bażi f'waqtha, inkluża prijorità fuq merkanzija oħra li tkun daħlet fil-port f'data aktar tard.

DEFINIZZJONIJIET

1. Fil-każ tal-Kolumbja, minħabba l-lokazzjoni ġeografika tagħha, "kabotaġġ" hija dik realizzata bejn il-portijiet kontinentali Kolumbjani jew il-portijiet insulari Kolumbjani, skont l-Artikolu 143 tad-Digriet 2324 tal-1984[1] u l-Artikolu 2 tad-Digriet 804 tal-2001[2].

2. "Forom oħrajn ta' preżenza kummerċjali għall-provvista ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali" tfisser l-abbiltà għall-fornituri tas-servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali ta' membri oħra li jwettqu lokalment l-attivitajiet kollha li huma meħtieġa għall-provvista lill-klijenti tagħhom ta' servizz tat-trasport parzjalment jew kompletament integrat, fejn it-trasport marittimu jikkostitwixxi element sostanzjali. (Madankollu, dan l-impenn ma għandux jitqies bħala li jillimita bi kwalunkwe mod l-impenji mwettqa taħt il-mod transkonfinali tal-provvista).

---

1 DIGRIET 2324 TAL-1984: (….)."ARTIKOLU 143.- TRASPORT INTERNAZZJONALI U BIL-KABOTAĠĠ: Is-servizzi tat-trasport marittimu jistgħu jkunu internazzjonali jew ta' kabotaġġ. Is-servizzi internazzjonali jiġu pprovduti bejn il-portijiet barranin u l-portijiet Kolumbjani, u s-servizzi ta' kabotaġġ jiġu pprovduti bejn il-portijiet Kolumbjani.
*PARÁGRAFO* [PARAGRAFU]:-Meta f'operazzjoni ta' kabotaġġ tat-trasport, il-merkanzija titgħabba/tinħatt jew il-passiġġieri jitgħabbew/jitniżżlu f'port barrani, din titqies, għall-effetti kollha, bħala trasport internazzjonali."

2 DIGRIET 804 TAL-2001: "Artikolu 2: DEFINIZZJONIJIET: (…) It-trasport marittimu bil-kabotaġġ: Huwa dak imwettaq bejn il-portijiet kontinentali tal-Kolumbja jew il-portijiet insulari tal-Kolumbja"

Dawn l-attivitajiet jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

(a) il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' servizzi tat-trasport marittimu u servizzi relatati permezz ta' kuntatt dirett mal-klijenti, mill-kwotazzjoni sal-ħruġ tal-fatturi, dawn is-servizzi huma dawk operati jew offruti mill-fornitur tas-servizzi nnifsu jew minn fornituri tas-servizzi li magħhom il-bejjiegħ tas-servizz ikun stabbilixxa arranġamenti kummerċjali permanenti;

(b) l-akkwist, f'isimhom stess jew f'isem il-klijenti tagħhom (u l-bejgħ mill-ġdid lill-klijenti tagħhom) ta' kwalunkwe servizzi ta' trasport u servizzi relatati, inklużi servizzi ta' trasport ġewwieni b'kull mod, partikolarment il-passaġġi tal-ilma interni, it-trasport bit-triq u bil-ferrovija, meħtieġa għall-provvista tas-servizz integrat;

(c) it-tħejjija tad-dokumentazzjoni dwar id-dokumenti tat-trasport, id-dokumenti doganali, jew dokumenti oħrajn relatati mal-oriġini u l-karattru tal-oġġetti ttrasportati;

(d) l-għoti ta' informazzjoni kummerċjali b'kull mezz, inklużi sistemi ta' informazzjoni kompjuterizzata u skambju ta' dejta elettronika (soġġetti għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4, Kapitolu 5, Titlu IV ta' dan il-Ftehim);

(e) it-twaqqif ta' kwalunkwe arranġament kummerċjali (inkluża l-parteċipazzjoni fl-istokk ta' kumpanija) u l-ħatra ta' persunal irreklutat lokalment (jew, fil-każ ta' persunal barrani, soġġetta għall-impenn orizzontali dwar il-moviment tal-persunal) ma' kwalunkwe aġenzija tat-tbaħħir stabbilita lokalment;

(f) jaġixxu f'isem il-kumpaniji, jorganizzaw is-sejħa tal-vapur jew jieħdu ħsieb it-tagħbijiet meta jkun hemm bżonn.

3. "Operatur tat-trasport multimodali" tfisser il-persuna li f'isimha tinħareġ il-polza ta' kargu/id-dokument tat-trasport multimodali, jew kwalunkwe dokument ieħor li juri kuntratt ta' trasport multimodali ta' oġġetti, u li hija responsabbli għat-trasport ta' oġġetti skont il-kuntratt tat-trasport.

4. "Servizzi ta' mmaniġġjar ta' merkanzija marittima" tfisser attivitajiet eżerċitati minn kumpaniji ta' burdnara, inklużi operaturi tat-terminali, iżda li ma tinkludix l-attivitajiet diretti tal-persuni li jaħdmu fil-baċiri tat-tarzni, meta din il-forza tax-xogħol tkun organizzata indipendentement mill-kumpaniji tal-burdnara jew tal-operaturi tat-terminali. L-attivitajiet koperti jinkludu l-organizzazzjoni u s-superviżjoni ta':

- it-tagħbija/il-ħatt ta' merkanzija lejn/minn vapur;

- l-irbit/it-tneħħija tal-irbit tal-merkanzija;

- l-ilqugħ/il-kunsinna u ż-żamma tal-merkanziji f'post sikur qabel ma jitgħabbew fuq il-bastimenti jew wara l-ħatt minn fuq il-bastimenti.

5. "Servizzi ta' żdoganar" (inkella "servizzi ta' aġenti doganali") tfisser attivitajiet li jikkonsistu fit-twettiq f'isem parti oħra tal-formalitajiet doganali li jikkonċernaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport tal-merkanzija li tkun sejra għad-destinazzjoni tagħha, kemm jekk dan is-servizz ikun l-attività ewlenija tal-fornitur tas-servizz kif ukoll jekk suppliment tas-soltu tal-attività ewlenija tiegħu

6. "Servizzi ta' stazzjon u ta' maħżen tal-kontejners" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fil-ħażna tal-kontejners, kemm jekk fiż-żoni tal-portijiet kif ukoll jekk aktar 'il ġewwa fuq l-art, bl-għan li jimtlew/jinħattu, jissewwew u jitlestew biex ikunu disponibbli għall-ġarr tal-merkanzija bil-baħar.

7. "Servizzi ta' aġenzija marittima" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fir-rappreżentanza, f'żona ġeografika partikolari, bħala aġent tal-interessi kummerċjali ta' linja jew ta' kumpanija tal-bastimenti waħda jew aktar, għall-finijiet li ġejjin:

   - il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' servizzi tat-trasport marittimu u servizzi relatati, mill-kwotazzjoni sal-ħruġ tal-fatturi, u l-ħruġ ta' poloz ta' tagħbija f'isem il-kumpaniji, ix-xiri u l-bejgħ mill-ġdid tas-servizzi relatati meħtieġa, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni u l-provvista ta' informazzjoni kummerċjali;

- jaġixxu f'isem il-kumpaniji, jorganizzaw is-sejħa tal-vapur jew jieħdu ħsieb it-tagħbijiet meta jkun hemm bżonn.

8. "Servizzi ta' bgħit ta' merkanzija" tfisser l-attività li tikkonsisti fl-organizzazzjoni u fil-monitoraġġ tal-operazzjonijiet tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar f'isem it-trasportaturi bil-baħar, permezz tax-xiri ta' servizzi ta' trasport u ta' servizzi relatati, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni u l-provvista ta' informazzjoni kummerċjali.

9. Iċ-ċaqliq tat-tagħmir. Il-fornituri tat-trasport marittimu internazzjonali jistgħu jċaqilqu / jirrilokaw tagħmir (kontejners vojta, flatbeds, eċċ.) fil-vapuri tagħhom bejn il-portijiet Kolumbjani[1].

[1] Skont il-leġiżlazzjoni Kolumbjana, dawn l-attivitajiet ma jinkludux *cabotaje (kabotaġġ).*

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| SERVIZZI TAT-TRASPORT | |
| SERVIZZI TAT-TRASPORT MARITTIMU | |
| Trasport Internazzjonali (merkanzija u passiġġieri) CPC 7211 u 7212 inqas trasport ta' kabotaġġ (kif definit fil-punt 1 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista tas-servizzi ta' trasport internazzjonali marittimu ta' din it-Taqsima) | (a) L-istabbiliment ta' kumpaniji reġistrata bl-għan tat-tħaddim ta' flotta taħt il-bandiera nazzjonali tal-Istat tal-istabbiliment<br>Trattament Nazzjonali<br>Mhux marbuta<br>Aċċess għas-Suq<br>Mhux marbuta<br>(b) Forom oħra ta' preżenza kummerċjali għall-forniment ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali (kif definit fil-punt 2 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista tas-servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali ta' din it-Taqsima):<br>Trattament Nazzjonali<br>Xejn<br>Aċċess għas-Suq<br>Xejn<br>Is-servizzi tal-port li ġejjin isiru għad-dispożizzjoni tal-fornituri tat-trasport marittimu internazzjonali fuq termini u kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji:<br>1. Pilotaġġ<br>2. Assistenza fl-irmunkar<br>3. Forniment, l-għoti tal-fjuwil u l-għoti tal-ilma<br>4. Ġbir tal-iskart u rimi ta' skart tas-saborra<br>5. Servizzi tal-Kaptan tal-Port<br>6. Għajnuniet għan-navigazzjoni<br>7. Servizzi operattivi bbażati fuq ix-xatt li huma essenzjali għall-operazzjonijiet tal-bastimenti, fosthom komunikazzjonijiet, provvisti ta' ilma u elettriku<br>8. Faċilitajiet ta' tiswija tal-emerġenza<br>9. Ankraġġ, irmiġġ u servizzi ta' rmiġġ |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| Servizzi Marittimi Awżiljari | |
| Servizzi ta' Mmaniġġjar tal-Merkanzija Marittima (kif definit fil-punt 4 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali ta' din it-Taqsima) | Trattament Nazzjonali<br>Xejn, minbarra li d-detentur ta' konċessjoni biex jipprovdi servizzi tal-portijiet għandu jkun imniżżel skont il-liġi Kolombjana bħala korporazzjoni (*sociedad anónima)* li l-għan korporattiv tagħha hu l-bini, il-manutenzjoni, u l-amministrazzjoni ta' portijiet.<br><br>Bastimenti b'bandiera Kolombjana biss jistgħu jipprovdu servizzi tal-portijiet f'ilmijiet Kolombjani. Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali, id-*Dirección General Marítima* tista' tawtorizza forniment ta' tali servizzi minn bastimenti b'bandiera barranija jekk l-ebda bastiment Kolombjan m'għandu l-kapaċità biex iforni tali servizz. L-awtorizzazzjoni tkun maħruġa għal sitt xhur, iżda tista' tiġġedded sa sena.<br>Aċċess għas-Suq<br>Xejn[1], minbarra r-restrizzjonijiet fuq in-numru ta' konċessjonijiet u n-numru totali ta' operazzjonijiet għal dawn it-tipi ta' servizzi.<br><br>Id-detentur ta' konċessjoni biex jipprovdi servizzi tal-portijet għandu jkun imniżżel skont il-liġi Kolombjana bħala korporazzjoni (*sociedad anónima)* li l-għan korporattiv tagħha hu l-bini, il-manutenzjoni, u l-amministrazzjoni ta' portijiet. |
| Servizzi ta' magażinaġġ u Mħażen (CPC 742) | Trattament Nazzjonali<br>Xejn, minbarra li d-detentur ta' konċessjoni biex jipprovdi servizzi tal-portijiet għandu jkun imniżżel skont il-liġi Kolombjana bħala korporazzjoni (*sociedad anónima)* li l-għan korporattiv tagħha hu l-bini, il-manutenzjoni, u l-amministrazzjoni ta' portijiet..<br>Bastimenti b'bandiera Kolombjana biss jistgħu jipprovdu servizzi tal-portijiet f'ilmijiet Kolombjani. Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali, id-*Dirección General Marítima* tista' tawtorizza forniment ta' tali servizzi minn bastimenti b'bandiera barranija jekk l-ebda bastiment Kolombjan ma għandu l-kapaċità biex iforni tali servizz. L-awtorizzazzjoni tkun maħruġa għal sitt xhur, iżda tista' tiġġedded sa sena.<br>Aċċess għas-Suq<br>Xejn[2], minbarra r-restrizzjonijiet fuq in-numru ta' konċessjonijiet u n-numru totali ta' operazzjonijiet għal dawn it-tipi ta' servizzi.<br>Id-detentur ta' konċessjoni biex jipprovdi servizzi tal-port għandu jkun imniżżel skont il-liġi Kolombjana bħala korporazzjoni (*sociedad anónima)* li l-għan korporattiv tagħha hu l-bini, il-manutenzjoni, u l-amministrazzjoni ta' portijiet. |

1 Konċessjoni ta' utilità pubblika jew proċeduri ta' liċenzji jistgħu japplikaw f'każ ta' okkupazzjoni tal-ispazju pubbliku.
2 Konċessjoni ta' utilità pubblika jew proċeduri ta' liċenzji jistgħu japplikaw f'każ ta' okkupazzjoni tal-ispazju pubbliku.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
| --- | --- |
| Servizzi ta' Permessi tad-Dwana (kif definit fil-punt 5 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali ta' din it-Taqsima) | Trattament Nazzjonali<br>Xejn, minbarra li biex tkun tista' twettaq is-servizzi doganali li ġejjin, persuna trid tkun tgħix fil-Kolombja jew ikollha rappreżentant responsabbli legalment għall-attivitajiet tagħha jgħix fil-Kolombja: intermedjazzjoni doganali, intermedjazzjoni għas-servizzi postali *("intermediación para servicios postales")* u *mensajeria especializada* (inkluż twassil urġenti), id-depożitu ta' merkanzija, it-trasport ta' merkanzija taħt il-kontroll doganali, jew servizzi ta' merkanzija internazzjonali, jew biex taġixxi bħala Utent Doganali Permanenti *("Usuarios Aduaneros Permanentes")* jew Utent li Jesporta Ħafna *("Usuarios Altamente Exportadores")*.<br>Aċċess għas-Suq<br>Xejn [1], minbarra r-restrizzjonijiet fuq in-numru ta' konċessjonijiet u n-numru totali ta' operazzjonijiet għal dawn it-tipi ta' servizzi. |
| Servizzi ta' Stazzjon u Depot tal-Kontejners (kif definit fil-punt 6 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista tas-servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali ta' din it-Taqsima) | Trattament Nazzjonali<br>Xejn<br>Aċċess għas-Suq<br>Xejn[2], minbarra r-restrizzjonijiet fuq in-numru ta' konċessjonijiet u n-numru totali ta' operazzjonijiet għal dawn it-tipi ta' servizzi. |
| Servizzi ta' Aġenzija Marittima (kif definit fil-punt 7 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista tas-servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali ta' din it-Taqsima) | Trattament Nazzjonali<br>Xejn<br>Aċċess għas-Suq<br>Xejn, minbarra r-restrizzjonijiet fuq in-numru ta' konċessjonijiet u n-numru totali ta' operazzjonijiet għal dawn it-tipi ta' servizzi. |
| Servizzi Marittimi ta' Dispaċċ tal-Merkanzija (kif definit fil-punt 8 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista tas-servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali ta' din it-Taqsima) | Trattament Nazzjonali<br>Xejn<br>Aċċess għas-Suq<br>Xejn, minbarra r-restrizzjonijiet fuq in-numru ta' konċessjonijiet u n-numru totali ta' operazzjonijiet għal dawn it-tipi ta' servizzi. |

1 Konċessjoni ta' utilità pubblika jew proċeduri ta' liċenzji jistgħu japplikaw f'każ ta' okkupazzjoni tal-ispazju pubbliku.

2 Konċessjoni ta' utilità pubblika jew proċeduri ta' liċenzji jistgħu japplikaw f'każ ta' okkupazzjoni tal-ispazju pubbliku.

TAQSIMA B

PARTI UE

Jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| AT | L-Awstrija |
| BE | Il-Belġju |
| BG | Il-Bulgarija |
| CY | Ċipru |
| CZ | Ir-Repubblika Ċeka |
| DE | Il-Ġermanja |
| DK | Id-Danimarka |
| ES | Spanja |
| EE | L-Estonja |
| UE | L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha |
| FI | Il-Finlandja |
| FR | Franza |
| EL | Il-Greċja |
| HU | L-Ungerija |
| IE | L-Irlanda |
| IT | L-Italja |
| LV | Il-Latvja |
| LT | Il-Litwanja |
| LU | Il-Lussemburgu |
| MT | Malta |
| NL | Il-Pajjiżi l-Baxxi |
| PL | Il-Polonja |

| | |
|---|---|
| PT | Il-Portugall |
| RO | Ir-Rumanija |
| SK | Ir-Repubblika Slovakka |
| SI | Is-Slovenja |
| SE | L-Isvezja |
| UK | Ir-Renju Unit |

1. Il-lista tal-impenji ta' hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi liberalizzati skont l-Artikolu 114 ta' dan il-Ftehim u, permezz ta' riservi, il-limitazzjonijiet tal-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali li japplikaw għall-istabbilimenti u l-investituri tal-Pajjiżi firmatorji tal-Andini f'dawn l-attivitajiet. Il-listi huma komposti mill-elementi li ġejjin:

   (a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-subsettur li fih sar l-impenn mill-Parti, u l-ambitu tal-liberalizzazzjoni li għalih tapplika r-riserva; u

   (b) it-tieni kolonna tiddeskrivi r-riservi applikabbli.

Meta l-kolonna msemmija fis-subparagrafu (b) tinkludi biss riservi speċifiċi għal Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea mhux imsemmija hemmhekk jassumu impenji fis-settur ikkonċernat mingħajr riservi.[1]

Is-setturi jew is-subsetturi mhux imsemmija fil-lista ta' hawn taħt ma sarux impenji għalihom.

2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u tas-subsetturi individwali:

(a) "ISIC rev 3.1" tfisser il-Klassifikazzjoni Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stabbiliti fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 4, *ISIC REV 3.1*, 2002;

(b) "CPC" tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali (Central Products Classification) kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 77, *CPC prov*, 1991; u

(ċ) "CPC ver. 1.0" tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali (Central Products Classification) kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 77, *CPC ver 1.0*, 1998.

[1] In-nuqqas ta' riservi speċifiċi għal kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea f'settur partikolari huwa bla ħsara għar-riservi orizzontali jew għar-riservi settorjali wiesgħa madwar l-Unjoni Ewropea li jistgħu japplikaw.

3. Il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifiki, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar meta dawn ma jikkostitwixxu l-ebda limitazzjoni fuq l-aċċess għas-suq jew fuq it-trattament nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikoli 112 u 113 ta' dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (eż. il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, obbligi universali tas-servizzi, il-ħtieġa li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa li wieħed jgħaddi mill-eżamijiet speċifiċi, inklużi l-eżamijiet tal-lingwa, ir-rekwiżit mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet jistgħu ma jitwettqux f'żoni jew f'partijiet bl-ambjent protett u li huma ta' interess storiku u artistiku partikolari), anki jekk mhux elenkati, japplikaw f'kull każ għall-investituri tal-Pajjiżi firmatorji tal-Andini.

4. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 107 ta' dan il-Ftehim, il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri li jikkonċernaw is-sussidji mogħtija mill-Partijiet.

5. Skont l-Artikolu 112 ta' dan il-Ftehim, ir-rekwiżiti mhux diskriminatorji fir-rigward tat-tipi tal-forma legali ta' stabbiliment mhumiex inklużi fil-lista ta' hawn taħt.

6. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' impenji ma għandu jkollhom l-ebda effett ta' awto-eżekuzzjoni u għalhekk ma jikkonferixxu l-ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi individwali.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| IS-SETTURI KOLLHA | Propjetà immobbli<br>AT, BG, CY, CZ, DK, EE, ES, EL, FI, HU, IE, IT, LT, LV, MT, PL, RO, SI, SK: Restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta' art u proprjetà immobbli minn investituri barranin[1] barranin[1] |
| IS-SETTURI KOLLHA | Utilitajiet pubbliċi<br>UE: Attivitajiet ekonomiċi kkunsidrati bħala utilitajiet pubbliċi fuq livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu soġġetti għal monopolji pubbliċi jew drittijiet esklużivi mogħtija lil operaturi privati.[2] |
| IS-SETTURI KOLLHA | Tipi ta' stabbiliment<br>UE: It-trattament li jingħata lil kumpaniji sussidjarji (ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi) stabbiliti skont il-liġijiet tal-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju fit-territorju tal-Unjoni Ewropea mhuwiex estiż għal fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea minn kumpanija ta' pajjiż terz.<br>BG: L-istabbiliment ta' fergħat huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni<br>EE: Tal-inqas nofs il-membri tal-Bord tad-diretturi għandu jkollhom ir-residenza tagħhom fl-Unjoni Ewropea.<br>FI: Barrani li jkun qed imexxi negozju ma' sieħeb f'soċjetà limitata jew ġenerali Finlandiża jeħtieġ permess kummerċjali u jrid ikun residenti permanenti fl-Unjoni Ewropea. Għas-setturi kollha minbarra s-servizzi ta' telekomunikazzjoni, hemm Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit ta' residenza għal tal-inqas nofs il-membri ordinarji u deputati tal-Bord tad-Diretturi. Madankollu jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għal kumpanija. Jekk organizzazzjoni barranija għandha l-għan li tkompli negozju jew kummerċ billi tistabbilixxi fergħa fil-Finlandja, permess għall-kummerċ hu meħtieġ. Permess biex taġixxi bħala fundatur jew kumpanija limitata hu meħtieġ għal organizzazzjoni barranija jew persuna privata, li mhijiex ċittadin tal-Unjoni Ewropea. Għas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet, residenza permanenti għal nofs il-fundaturi u għal nofs il-membri tal-Bord tad-diretturi hi meħtieġa. Jekk fundatur hu persuna ġuridika, hemm ukoll rekwiżit ta' residenza għal dik il-persuna ġuridika.<br>IT: Aċċess għal attivitajiet industrijali, kummerċjali u artiġjanali hu soġġett għal permess ta' residenza u awtorizazzjoni speċifika għat-twettiq tal-attività<br>BG, PL: L-ambitu tal-operazzjonijiet ta' uffiċċju rappreżentattiv jista' biss ikopri reklamar u promozzjoni tal-kumpanija prinċipali barranija rappreżentata mill-uffiċċju. |

1 Fir-rigward tas-setturi tas-servizzi, dawn il-limitazzjonijiet ma jmorrux lil hinn mil-limitazzjonijiet riflessi fl-impenji eżistenti taħt il-GATS.

2 Peress li l-utilitajiet pubbliċi spiss jeżistu wkoll fuq livell subċentrali, elenkar dettaljat u eżawrjenti speċifiku għas-settur mhuwiex prattiku. Għall-faċilitazzjoni tal-fehim, in-noti ta' qiegħ il-paġna speċifiċi f'din il-lista ta' impenji jindikaw b'mod illustrattiv u mhux eżawrjenti dawn is-setturi fejn l-utilitajiet pubbliċi għandhom rwol ewlieni.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
| --- | --- |
| | PL: Bl-eċċezzjoni tas-servizzi finanzjarji, Mhux marbuta għall-fergħat. Investituri mhux mill-Unjoni Ewropea jistgħu jassumu u jwettqu attivitajiet ekonomiċi fil-forma ta' soċjetà limitata, soċjetà b'ishma konġunti limitata, kumpanija b'responsabilità limitata, u kumpanija b'ishma konġunti (fil-każ ta' servizzi legali fil-forma ta' soċjetà reġistrata u soċjetà limitata biss).<br>RO: L-amministratur uniku jew il-President tal-Bord tad-Diretturi kif ukoll nofs in-numru totali tal-amministraturi tal-kumpaniji kummerċjali għandhom ikunu ċittadini Rumeni sakemm mhux stipulat mod ieħor fil-kuntratt tal-kumpanija jew fl-istatuti tagħha. Il-maġġoranza tal-awdituri tal-kumpaniji kummerċjali u d-deputati tagħhom iridu jkunu ċittadini Rumeni.<br>SE: Kumpanija barranija (li ma għandhiex entità legali stabbilita fl-Isvezja) għandha twettaq in-negozju tagħha permezz ta' fergħa, stabbilita fl-Isvezja b'maniġment indipendenti u kotba miżmumin separati. Proġetti ta' bini b'dewmien ta' inqas minn sena huma eżenti mir-rekwiżiti għall-ħtieġa ta' stabbiliment ta' fergħa jew il-ħatra ta' rappreżentattiv residenti. Kumpanija b'responsabilità limitata (kumpanija b'ishma konġunti) tista' tiġi stabbilita minn fundatur wieħed jew iktar. Parti fundatriċi għandha tkun residenti fl-Isvezja jew inkella tkun entità ġuridika Svediża. Sħubija tista' tkun parti fundatriċi biss jekk kull wieħed mill-imsieħba jkun residenti fl-Isvezja. Kundizzjonijiet korrispondenti jeżistu għall-istabbiliment ta' kull tip ieħor ta' entitajiet ġuridiċi. Tal-inqas 50 fil-mija tal-membri tal-Bord tad-Diretturi għandu jgħix fl-Isvezja. Ċittadini barranin jew ċittadini Svediżi li mhumiex jgħixu fl-Isvezja, li jixtiequ jwettqu operazzjonijiet kummerċjali fl-Isvezja, għandhom jaħtru u jirreġistraw rappreżentant residenti għal tali attivitajiet mal-awtorità. Il-kundizzjonijiet ta' residenza jistgħu jitneħħew jekk ikun jista' jiġi ppruvat li mhumiex meħtieġa għal każ partikolari.<br>SI: L-istabbiliment ta' fergħat minn kumpaniji barranin huwa kkundizzjonat mir-reġistrazzjoni tal-kumpanija prinċipali f'reġistru tal-qrati tal-pajjiż tal-oriġini għal tal-anqas sena.<br>SK: Persuna fiżika barranija li l-isem tagħha se jitniżżel fir-Reġistru Kummerċjali bħala persuna awtorizzata li taġixxi f'isem l-imprenditur, trid tipprovdi permess ta' residenza fir-Repubblika Slovakka. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| IS-SETTURI KOLLHA | Investiment<br>ES: Investiment fi Spanja minn gvern barrani u entitajiet pubbliċi barranin (li għandu ħabta jimplika kemm interessi ekonomiċi, kif ukoll mhux ekonomiċi fil-parti tal-entità), b'mod dirett jew bis-saħħa ta' kumpaniji jew entitajiet oħra kkontrollati direttament jew indirettament minn gvernijiet barranin, jeħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-gvern.<br>BG: F'impriżi fejn is-sehem pubbliku (statali jew muniċipali) fil-kapital azzjonarju jaqbeż it-30 fil-mija, it-trasferiment ta' dawn l-ishma lill-partijiet terzi jeħtieġ awtorizzazzjoni. Attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttar jew l-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma soġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konċessjonijiet. Investituri barranin ma jistgħux jipparteċipaw fil-privatizzazzjoni. Investituri barranin u persuni ġuridiċi Bulgari b'parteċipazzjoni barranija li tikkontrollahom jeħtieġu permess għal a) tiftix, żvilupp jew estrazzjoni ta' riżorsi naturali mill-baħar territorjali, l-ixkaffa kontinentali jew iż-żona ekonomika esklużiva u b) l-akkwist ta' parteċipazzjoni ta' kontroll f'kumpaniji involuti fi kwalunkwe mill-attivitajiet speċifikati f' a).<br>FR: Akkwisti barranin li jisbqu t-33,33 fil-mija tal-ishma ta' kapital jew tad-drittijiet għall-votazzjoni f'intrapriża eżistenti Franċiża, jew 20 fil-mija f'kumpaniji Franċiżi kkwotati pubblikament, huma soġġetti għar-regolamenti li ġejjin:<br>- investimenti ta' anqas minn 7.6 miljun Euro f'impriżi Franċiżi li għandhom fatturat li ma jaqbiżx l-EUR 76 miljun huma ħielsa, wara tul ta' żmien ta' 15-il jum wara notifika minn qabel u verifika li dawn l-ammonti ntlaħqu;<br>- kif jgħaddi xahar min-notifika minn qabel, tingħata awtorizzazzjoni taċita lil investimenti oħra għajr jekk il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jeżerċita d-dritt tiegħu li jipposponi l-investiment.<br>Parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji privatizzati reċentament tista' tkun limitata sa ammont varjabbli, li jiġi determinat mill-gvern ta' Franza skont kull każ, mill-ekwità offruti lill-pubbliku. Għall-istabbiliment ta' ċerti attivitajiet kummerċjali, industrijali jew artiġjanali, awtorizzazzjoni speċifika hi meħtieġa jekk id-direttur maniġerjali mhuwiex detentur ta' permess ta' residenza permanenti.<br>FI: L-akkwist ta' ishma minn proprjetarji barranin li jagħti terz tad-drittijiet tal-vot f'kumpanija prinċipali Finlandiża jew attività kummerċjali importanti (b'iżjed minn 1000 impjegat jew b'fatturat ta' iżjed minn EUR 168 miljun jew b'bilanċ totali ta' iżjed minn EUR 168 miljun) huwa soġġett għall-konferma mill-awtoritajiet Finlandiżi; Il-konferma tista' ma tingħatax biss jekk interess nazzjonali importanti jkun mhedded. Dawn ir-restrizzjonijiet ma japplikawx għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| | HU: Mhux marbuta għall-parteċipazzjoni f'kumpaniji privatizzati reċentement.<br>IT: Jistgħu jingħataw jew jinżammu drittijiet esklużivi lil kumpaniji privatizzati reċentement. Drittijiet tal-vot f'kumpaniji privatizzati reċentement jistgħu jkunu ristretti f'xi każi. Għal perjodu ta' ħames snin, l-akkwist ta' ammonti kbar ta' interess f'kumpaniji li joperaw fil-qasam tad-difiża, is-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija jista' jkun soġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. |
| IS-SETTURI KOLLHA | Żoni ġeografiċi<br>FI: Fil-gżejjer Åland, limitazzjonijiet fuq id-dritt tal-istabbiliment ta' persuni fiżiċi li ma jgawdux minn ċittadinanza reġjonali f'Åland jew ta' persuni ġuridiċi mingħajr permess mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland. |
| 1. AGRIKOLTURA, KAĊĊA, FORESTRIJA | |
| A. Agrikoltura, kaċċa<br>(ISIC rev 3.1: 011, 012, 013, 014, 015) għajr servizzi ta' parir u ta' konsulenza[1] | AT, HU, MT, RO: Mhux marbuta għal attivitajiet agrikulturali.<br>CY: Parteċipazzjoni mhux mill-Unjoni Ewropea tista' ssir sa' 49 fil-mija biss.<br>FR: L-istabbiliment ta' impriżi agrikulturali minn ċittadini mhux mill-UE u l-akkwist ta' dwieli minn investituri mhux mill-Unjoni Ewropea huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni.<br>IE: Stabbiliment minn residenti mhux mill-Unjoni Ewropea f'attivitajiet tat-tħin tad-dqiq hu soġġett għall-awtorizzazzjoni. |
| B Forestrija u qtugħ ta' zkuk<br>(ISIC rev 3.1: 020) għajr servizzi ta' parir u ta' konsulenza | BG: Mhux marbuta għall-attivitajiet ta' qtugħ ta' zkuk. |
| 2. SAJD U AKKWAKULTURA<br>(ISIC rev.3.1: 0501, 0502) għajr servizzi ta' parir u ta' konsulenza | AT: Tal-inqas 25 fil-mija mill-bastimenti jridu jkunu reġistrati fl-Awstrija.<br>BE, FI, IE, LV, NL, PT, SK: Investituri barranin mhux inkorporati u li ma għandhomx l-uffiċċju prinċipali tagħhom fil-Belġju, fil-Finlandja, fl-Irlanda, fil-Latvja, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Portugall u fir-Repubblika Slovakka rispettivament ma jistgħux ikunu propjetarji ta' bastimenti b'bandiera Belġjana, Finlandiża, Irlandiża, Latvjana, Olandiża, Portugiża u Slovakka rispettivament<br>CY, EL: Parteċipazzjoni mhux mill-Unjoni Ewropea tista' ssir sa' 49 fil-mija biss.<br>DK: Residenti mhux mill-Unjoni Ewropea ma jistax jkunu propjetarji ta' terz jew aktar, min-negozju li jipparteċipa f'sajd kummerċjali. Residenti mhux mill-UE ma jistgħux jkunu propjetarji ta' bastimenti b'bandiera Daniża minbarra bis-saħħa ta' impriża inkorporata fid-Danimarka.<br>FR: Ċittadini mhux mill-Unjoni Ewropea ma jistgħux jipparteċipaw fil-proprjetà marittima tal-Istat għat-tkabbir ta' ħut/frott tal-baħar bil-qoxra/alka. Investituri barranin mhux inkorporati u li ma għandhomx l-uffiċċju prinċipali tagħhom fi Franza ma jistgħux ikunu propjetarji ta' aktar minn 50 fil-mija minn bastiment bil-bandiera Franċiża. |

1 Servizzi ta' parir u ta' konsulenza relatati mal-agrikoltura, kaċċa, forestrija u sajd għandhom jinstabu taħt SERVIZZI KUMMERĊJALI taħt 6.F.f) u 6.F.g).

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| | DE: Liċenzja għas-sajd fil-baħar tingħata biss lil bastimenti intitolati li jtajru l-bandiera tal-Ġermanja. Dawn huma bastimenti għas-sajd li l-maġġoranza tal-ishma tagħhom huma ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea jew kumpaniji stabbiliti skont ir-regoli tal-UE u li għandhom post prinċipali ta' negozju tagħhom fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. L-użu tal-bastimenti jrid ikun ġestit u sorveljat minn persuni residenti fil-Ġermanja. sabiex jikseb liċenzja għas-sajd, kull bastiment tas-sajd irid jirreġistra mal-istat kostali rilevanti fejn il-bastimenti jkollhom il-port ewlieni tagħhom.<br>EE: Il-bastimenti huma intitolati li jtajru l-bandiera tal-Estonja jekk jinsabu fl-Estonja u l-maġġoranza tal-proprjetà hija ta' ċittadini Estoni f'soċjetà ġenerali u f'kumpanniji b'responsabbiltà limitata, jew entitatjiet legali oħra li jinsabu fl-Estonja bil-maġġoranza tal-voti f'idejn persuni mill-Estonja fil-Bord tad-Diretturi.<br>BG, HU, LT, MT, RO: Mhux marbuta.<br>IT: Barranin li mhumiex residenti tal-Unjoni Ewropea ma jistgħux ikunu propjetarji ta' interess maġġoritarju f'bastimenti bil-bandiera Taljana jew interess ta' kontroll f'kumpaniji ta' proprjetà ta' bastimenti li għandhom l-uffiċċju prinċipali fl-Italja. Sajd f'ibħra territorjali Taljani hu riżervat għal bastimenti bil-bandiera Taljana.<br>SE: Investituri barranin mhux inkorporati u li ma għandhomx l-uffiċċju prinċipali fl-Isvezja ma jistgħux ikunu propjetarji ta' aktar minn 50 fil-mija minn bastiment bil-bandiera Svediża. L-akkwist minn investituri barranin ta' 50 fil-mija jew aktar ta' ishma f'kumpaniji li jipparteċipaw f'attivitajiet ta' sajd f'ibħra Svediżi jeħtieġ l-awtorizzazzjoni.<br>SI: Il-bastimenti huma intitolati li jtajtu l-bandiera Slovena jekk aktar min-nofs il-bastiment hu proprjetà ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea jew ta' persuni ġuridiċi li għandhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom fi Stat Membri tal-Unjoni Ewropea.<br>UK: Riżervazzjoni fuq l-akkwist ta' bastimenti bil-bandiera tar-Renju Unit, sakemm tal-inqas 75 fil-mija mill-investiment ma jappartjenix lil ċittadini Brittanniċi u/jew lil kumpaniji li jappartjenu f'tal-inqas 75 fil-mija minnhom lil ċittadini Brittanniċi, fil-każijiet kollha residenti u jgħixu fir-Renju Unit. Il-bastimenti għandhom ikunu mmaniġġjati, diretti u kkontrollati minn ġewwa r-Renju Unit. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 3. TĦAFFIR FIL-MINJIERI U L-BARRIERI[1]<br>A. Tħaffir fil-minjieri għal faħam u lignite; estrazzjoni tal-pit<br>(ISIC rev 3.1: 10)<br>B. Estrazzjoni ta' petroleum mhux raffinat u ta' gass naturali [2]<br>(ISIC rev 3.1: 1110)<br>C. Tħaffir fil-minjieri għal metalli mhux maħdumin<br>(ISIC rev 3.1: 13)<br>D. Tħaffir ieħor fil-minjieri u l-barrieri<br>(ISIC rev 3.1: 14) | UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jkunu projbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa). Mhux marbuta għall-estrazzjoni ta' petroleum mhux raffinat u ta' gass naturali.<br>ES: Mhux marbuta għall-investiment barrani f'minerali strateġiċi. |
| 4. MANIFATTURA[3] | |
| A. Manifattura ta' prodotti tal-ikel u ta' xorb<br>(ISIC rev 3.1: 15) | Xejn |
| B. Manifattura ta' prodotti tat-tabakk<br>(ISIC rev 3.1: 16) | Xejn |
| C. Manifattura tat-tessuti<br>(ISIC rev 3.1: 17) | Xejn |
| D. Manifattura tal-ħwejjeġ; preparazzjoni u tiżbigħ tal-fer<br>(ISIC rev 3.1: 18) | Xejn |
| E. Kunzatura u preparazzjoni tal-ġilda; manifattura ta' bagalji, basktijiet, prodotti tas-sruġ, xdud u żraben<br>(ISIC rev 3.1: 19) | Xejn |

1 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

2 Ma jinkludix servizzi ančillari għall-minjieri fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt f'impjanti taż-żejt u gass li jinsabu taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 18.A.

3 Ma jinkludix servizz ta' konsulenza dwar il-manifattura, li jinsabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJI taħt 6.F.h).

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| F. Manifattura ta' injam u ta' prodotti tal-injam u tas-sufra, għajr għamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u ta' materjali li jinħadmu f'malji (ISIC rev 3.1: 20) | Xejn |
| G. Manifattura ta' karta u prodotti tal-karti (ISIC rev 3.1: 21) | Xejn |
| H Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata [1] (ISIC rev 3.1: 22, għajr il-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt [2]) | IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-sid ta' kumpaniji tal-ippubblikar u l-istampar. |
| I. Manifattura ta' prodotti tal-fran tal-kokk (ISIC rev 3.1: 231) | Xejn |
| J. Manifattura ta' prodotti taż-żejt raffinat [3] (ISIC rev 3.1: 232) | UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jiġu projbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa). |
| K. Manifattura ta' kimiċi u prodotti kimiċi barra mill-isplussivi (ISIC rev 3.1: 24 għajr il-manifattura ta' splussivi) | Xejn |
| L. Manifattura ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik (ISIC rev 3.1: 25) | Xejn |
| M. Manifattura ta' prodotti minerali oħra mhux metalliċi (ISIC rev 3.1: 26) | Xejn |
| N. Manifattura ta' metalli bażiċi (ISIC rev 3.1: 27) | Xejn |

[1] Is-settur huwa limitat għal attivitajiet ta' manifattura. Dan ma jinkludix attivitajiet li huma awdjoviżivi jew li jippreżentaw kontenut kulturali.

[2] Il-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt tinstab fis-SERVIZZI FINANZJARJI taħt 6.F.p).

[3] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| O. Manifattura ta' prodotti tal-metall fabbrikat, minbarra makkinarju u apparat<br>(ISIC rev 3.1: 28) | Xejn |
| P. Manifattura ta' makkinarju | |
| a) Manifattura ta' makkinarju għal għanijiet ġenerali<br>(ISIC rev 3.1: 291) | Xejn |
| b) Manifattura ta' makkinarju bi skopijiet speċjali minbarra armi tan-nar u munizzjonijiet<br>(ISIC rev 3.1: 2921, 2922, 2923, 2924, 2925, 2926, 2929) | Xejn |
| c) Manifattura ta' apparat domestiku n.e.c.<br>(ISIC rev 3.1: 293) | Xejn |
| d) Manifattura ta' makkinarju għall-uffiċċju, għaż-żamma tal-kotba u għal xogħol tal-kompjuters<br>(ISIC rev 3.1: 30) | Xejn |
| e) Manifattura ta' makkinarju u apparat tal-elettriku n.e.c.<br>(ISIC rev 3.1: 31) | Xejn |
| f) Manifattura ta' tagħmir u apparat għar-radju, it-televiżjoni u l-komunikazzjoni<br>(ISIC rev 3.1: 32) | Xejn |
| Q. Manifattura ta' strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi, arloġġi tal-idejn u arloġġi tal-ħajt<br>(ISIC rev 3.1: 33) | Xejn |
| R. Manifattura ta' vetturi bil-mutur, karrijiet u semikarrijiet<br>(ISIC rev 3.1: 34) | Xejn |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| S. Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport (mhux militari)<br>(ISIC rev 3.1: 35 għajr il-manifattura ta' bastimenti tal-gwerra, ajruplani tal-gwerra u tagħmir ieħor ta' trasport għal użu militari) | Xejn |
| T. Manifattura tal-għamara; manifattura n.e.c.<br>(ISIC rev 3.1: 361, 369) | Xejn |
| U. Riċiklaġġ<br>(ISIC rev 3.1: 37) | Xejn |
| 5. PRODUZZJONI; TRAŻMISSJONI U DISTRIBUZZJONI GĦALL-KONT PROPRJU TAL-ELETTRIKU, IL-GASS, IL-FWAR U L-MISĦUN [1]<br>(GĦAJR IL-ĠENERAZZJONI NUKLEARI TAL-ELETTRIKU) | |
| A. Produzzjoni tal-elettriku trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku għall-kont proprju<br>(parti minn ISIC rev 3.1: 4010)[2] | UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jkunu projbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa). |
| B. Manifattura tal- gass; distribuzzjoni ta' fjuwil fi stat ta' gass permezz tal-mejns għall-kont proprju<br>(parti minn ISIC rev 3.1: 4020)[3] | UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jkunu projbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa). |
| Ċ. Produzzjoni tal-fwar u l-misħun; distribuzzjoni tal-fwar u l-misħun għall-kont proprju<br>(parti minn ISIC rev 3.1: 4030)[4] | UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jkunu projbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa). |

1 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

2 Dan ma jinkludix l-operat ta' sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt, li jinsabu taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA,.

3 Ma jinkludix it-trasport ta' gass naturali u karburanti gassużi bil-pajpijiet, it-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' gass fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt, u l-bejgħ ta' gass naturali u kaburanti gassużi, li jinsabu taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA.

4 Ma jinkludix it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' fwar u misħun fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt u l-bejgħ ta' fwar u misħun, li jinsabu taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 6. SERVIZZI TAN-NEGOZJI | |
| A. Servizzi professjonali | |
| a) Servizzi Legali<br>(CPC 861)[1]<br>għajr pariri legali u dokumenti legali u servizzi ta' awtentikar legali ipprovduti minn professjonisti legali b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, *huissiers de justice* jew *officiers publics et ministériels* oħra | AT: Il-parteċipazzjoni ta' avukati barranin (li għandhom ikunu kkwalifikati bis-sħiħ f'pajjiżhom) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika ma tistax taqbeż il-25 fil-mija; Ma jistgħux ikollhom influwenza deċiżiva.<br>BE: Japplikaw kwoti biex jidhru quddiem il-"Cour de cassation" f'każijiet mhux kriminali.<br>FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' "avocat auprès de la Cour de Cassation" u "avocat auprès du Conseil d'Etat" huwa soġġett għal kwoti.<br>DK: Huma biss l-avukati b'liċenzja Daniża li jipprattikaw u uffiċċji legali rreġistrati fid-Danimarka li jistgħu jkollhom ishma f'uffiċċju legali Daniż. Huma biss l-avukati b'liċenzja Daniża li jipprattikaw li jistgħu jkunu fuq il-bord jew ikunu parti mill-maniġment ta' kumpanija legali Daniża. Il-ħtieġa ta' eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja tal-prattika Daniża.<br>FR: Xi tipi ta' forom legali ("association d'avocats" u "société en participation d'avocat") huma riżervati għal avukati ammessi bis-sħiħ fil-Qorti fi FR. F'kumpanija legali li toffri servizzi fir-rigward tal-liġi Franċiża jew tal-UE, mill-inqas 75 fil-mija tal-imsieħba li jkollhom 75 fil-mija tal-ishma għandhom ikunu avukati ammessi bis-sħiħ fl-avukatura fi FR.<br>HU: Il-preżenza kummerċjali trid tieħu s-sura ta' soċjetà ma' barrister Ungeriż (ügyvéd) jew ma' uffiċċju ta' barrister (ügyvédi iroda), jew uffiċċju rappreżentattiv.<br>PL: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għal avukati tal-UE, avukati barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' soċjetajiet reġistrati u soċjetajiet limitati. |

[1] Tinkludi servizzi ta' konsulenza legali, rappreżentazzjoni legali, arbitrazzjoni legali u konċiljazzjoni/medjazzjoni, u dokumentazzjoni legali u ċertifikazzjoni. It-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' servizzi legali hu awtorizzat biss fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika, liġi tal-UE u l-liġi ta' kull ġurisdizzjoni fejn l-investitur jew il-persunal tiegħu hu kkwalifikat biex jipprattika bħala avukat, u, bħat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' servizzi oħra, hu soġġett għar-rekwiżiti ta' liċenzjar u proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-UE. Għal avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika u liġi barranija, dawn l-obbligi u proċeduri jistgħu jkollhom, fost oħrajn, l-għamla ta' konformità ma' kodiċijiet lokali ta' etika, l-użu tat-titolu tal-oriġini (sakemm inkiseb rikonoxximent mat-titolu tal-pajjiż ospitu), rekwiżiti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi mal-Qorti tal-pajjiż ospitu jew sempliċi ammissjoni fl-avukatura tal-pajjiż ospitu permezz ta' test tal-kapaċitajiet u domiċilju legali jew professjonali fil-pajjiż ospitu. Fil-prinċipju, is-servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-KE għandhom isiru minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat bis-sħiħ li ġie ammess fl-avukatura tal-UE huwa u jaġixxi personalment, u servizzi legali fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru tal-UE għandhom fil-prinċipju jsiru minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat bis-sħiħ fl-avukatura ta' dak l-Istat Membru tal-UE huwa u jaġixxi personalment. L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura tal-Istat Membru relevanti tal-UE tista' għalhekk tkun meħtieġa għar-rappreżentazzjoni fil-qrati u awtoritajiet kompetenti oħra fl-UE billi tinvolvi l-prattika ta' liġi proċedurali nazzjonali u tal-UE. Madanakollu, f'xi Stati Membri tal-UE, l-avukati barranin li ma jkunux ammessi bis-sħiħ fl-avukatura huma permessi jirrapreżentaw fi proċedimenti ċivili parti li tkun ċittadina jew li tagħmel parti mill-Istat fejn l-avukat ikun intitolat jipprattika.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| b) 1. Servizzi ta' Kontabilità u Żamma tal-Kotba<br>(CPC 86212 minbarra "servizzi ta' awditjar", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220) | AT: Il-parteċipazzjoni ta' kontabbilisti barranin (li għandhom ikunu awtorizzati skont il-liġi tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-25 fil-mija, jekk mhumiex membri tal-Korp Professjonali Awstrijak.<br>CY: L-aċċess hu soġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur<br>DK: Sabiex jidħlu fi soċjetajietet ma' kontabbilisti Daniżi awtorizzati, kontabbilisti barranin iridu jiksbu permess mill-Aġenzija Daniża tal-Kummerċ u l-Kumpaniji. |
| b) 2. Servizzi ta' awditjar<br>(CPC 86211 u 86212 minbarra servizzi ta' kontabbiltà) | AT: Il-parteċipazzjoni ta' awdituri barranin (li jridu jkunu awtorizzati skont il-liġi tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-25 fil-mija, jekk mhumiex membri tal-Korp Professjonali Awstrijak.<br>CY: L-aċċess hu soġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur<br>CZ, SK: Tal-inqas 60 fil-mija tas-sehem kapitali jew id-drittijiet tal-vot huma riżervati għaċ-ċittadini nazzjonali.<br>DK: Sabiex jidħlu fi soċjetajietet ma' kontabbilisti Daniżi awtorizzati, kontabbilisti barranin iridu jiksbu permess mill-Aġenzija Daniża tal-Kummerċ u l-Kumpaniji.<br>FI: Rekwiżit ta' residenza għal tal-inqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija Finlandiża ta' Responsabbiltà.<br>LV: F'kumpanija kummerċjali ta' awdituri bil-liċenzja iktar minn 50 fil-mija tal-ishma tal-kapital bid-dritt tal-vot għandu jkun proprjetà ta' awdituri bil-liċenzja jew kumpaniji kummerċjali ta' awdituri bil-liċenzja tal-Unjoni Ewropea.<br>LT: Mhux inqas minn 75 fil-mija tal-ishma għandhom ikunu ta' awdituri jew kumpaniji tal-verifika tal-Unjoni Ewropea.<br>SE: Awdituri approvati fl-Isvezja jistgħu jwettqu servizzi legali tal-awditjar f'ċerti entitajiet legali, fost oħrajn fil-kumpaniji kollha limitati. Huma biss dawn il-persuni li jistgħu jkunu sidien tal-ishma jew jiffurmaw soċjetajiet f'kumpaniji li jipprattikaw awditjar verifikat (għal raġunijiet uffiċjali). Hi meħtieġa r-residenza għall-approvazzjoni.<br>SI: Is-sehem ta' persuni barranin f'kumpaniji tal-awditjar ma jistax jaqbeż id-49 fil-mija tal-kapital azzjonarju. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| c) Servizzi ta' Konsulenza dwar it-Taxxa<br>(CPC 863) [1] | AT: Il-parteċipazzjoni ta' konsulenti barranin dwar it-taxxa (li jridu jkunu awtorizzati skont il-liġi tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-25 fil-mija; dan japplika biss għal dawk li mhumiex membri fil-Korp Professjonali Awstrijak.<br>CY: L-aċċess hu soġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur |
| d) Servizzi arkitettoniċi<br>u<br>e) Ippjanar Urban u Servizzi Arkitettoniċi ta' Pajżaġġar<br>(CPC 8671 u CPC 8674) | BG: Għal proġetti ta' importanza nazzjonali u reġjonali, investituri barranin jridu jaġixxu f'soċjetà ma' jew bħala subkontratturi ta' investituri lokali.<br>LV: Għal servizzi arkitettoniċi, sabiex wieħed jirċievi liċenzja li tippermettilu jipparteċipa f'attività tan-negozju bil-medda sħiħa ta' responsabbiltà legali u drittijiet biex jiffirma proġett, prattika ta' 3 snin fil-Latvja fil-qasam tal-proġettazzjoni u lawrea mill-università hi meħtieġa. |
| f) Servizzi ta' inġinerija<br>u<br>g) Servizzi ta' inġinerija integrati<br>(CPC 8672 u CPC 8673) | BG: Għal proġetti ta' importanza nazzjonali u reġjonali, investituri barranin għandhom jaġixxu f'f'soċjetà bħala subkontratturi ta' investituri lokali. |
| h) Servizzi Mediċi (inklużi psikologi) u Dentali<br>(CPC 9312 u parti minn CPC 85201) | AT: Mhux marbuta għajr għal servizzi dentali u għal psikologi u psikoterapisti, fejn: xejn<br>DE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meta tobba u dentisti huma awtorizzati li jikkuraw membri ta' skemi pubbliċi tal-assigurazzjoni. Kriterji ewlenin: nuqqas ta' tobba u dentisti f'reġjun partikolari.<br>FI: Mhux marbuta<br>FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għall-investituri mill-UE, investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta'"société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle".<br>LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: nuqqas ta' tobba u dentisti f'reġjun partikolari.<br>BG, LT: Il-forniment ta' servizzi hu soġġett għall-awtorizzazzjoni li hi bbażata fuq pjan tas-servizzi tas-saħħa stabbilit skont il-ħtiġijiet, billi jiġu kkunsidrati l-popolazzjoni u s-servizzi mediċi u dentali diġà eżistenti.<br>SI: Mhux marbuta għas-servizzi ta' mediċina soċjali, sanità, epidemjoloġija, mediċi/ekoloġiċi; il-forniment ta' demm, preparazzjoni tad-demm u trapjanti; awtopsja<br>UK: L-istabbiliment għal tobba taħt is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa hu soġġett għall-ippjanar tal-ħaddiema mediċi. |

[1] Ma tinkludix servizzi ta' konsulenza legali u rappreżentazzjoni legali dwar suġġetti tat-taxxa, li jinstabu taħt 1.A.a). Servizzi legali.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| i) Servizzi veterinarji<br>(CPC 932) | AT: Mhux marbuta<br>BG: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità tan-negozju eżistenti.<br>HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol fis-settur.<br>FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għall-investituri mill-UE, investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta'"société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle". |
| j) 1. Servizzi ta' qwiebel<br>(parti minn CPC 93191) | BG, FI, MT, SI: Mhux marbuta.<br>FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għall-investituri mill-UE, investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta'"société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle".<br>LT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jistgħu jiġu applikati. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur. |
| j) 2. Servizzi pprovduti minn Infermiera, Fiżjoterapisti u Ħaddiema Paramediċi<br>(parti minn CPC 93191) | AT: Investituri barranin huma permessi biss fl-attivitajiet li ġejjin: infirmieri, fiżjoterapisti, terapisti okkupazzjonali, logoterapisti, esperti tad-dieta u tan-nutriment.<br>BG, MT: Mhux marbuta.<br>FI, SI: Mhux marbuta għal Fiżjoterapisti u Persunal Paramediku.<br>FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għall-investituri mill-UE, investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta'"société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle".<br>LT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jistgħu jiġu applikati. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur.<br>LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-fiżjoterapisti barranin u persunal paramediku. Kriterji ewlenin: sitwazzjoni tal-impjiegi fir-reġjun partikolari. |
| k) Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi<br>(CPC 63211)<br>u servizzi oħra pprovduti mill-ispiżjara [1] | AT, BG, CY, FI, MT, PL, RO, SE, SI: Mhux marbuta<br>BE, DE, DK, EE, ES, FR, IT, HU, IE, LV, PT, SK: L-awtorizzazzjoni hi soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità ġeografika tal-ispiżeriji eżistenti. |

[1] Il-forniment ta' prodotti farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali, bħall-forniment ta' servizzi oħra, hu soġġett għal ħtiġijiet ta' liċenzja u l-kwalifikazzjoni u proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Bħala regola ġenerali, din l-attività hija rriżervata għall-ispiżjara. F'xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-forniment ta' mediċina bir-riċetta biss hi riżervata għall-ispjiżjara.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| B. Kompjuter u Servizzi Relatati (CPC 84) | Xejn |
| C. Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp[1]<br>a) Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp fix-xjenzi naturali<br>(CPC 851)<br>b) Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp fix-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi<br>(CPC 852 għajr servizzi ta' psikologi)[2]<br>c) Servizzi ta' riċerka u żvilupp Interdixxiplinarji<br>(CPC 853) | Għal a) u ċ):<br>UE: Għal servizzi ta' Riċerka u Żvilupp iffinanzjati pubblikament, drittijiet esklussivi u/jew awtorizzazzjonijiet jistgħu biss jingħataw lil ċittadini tal-Unjoni Ewropea jew lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-Unjoni Ewropea.<br>Għal b):<br><br>Xejn |
| D. Servizzi ta' Bejgħ tal-Proprjetà[3] | |
| a) Li tinvolvi proprjetà proprja jew mikrija<br>(CPC 821) | Xejn |
| b) Fuq Bażi ta' Tariffa jew Kuntratt<br>(CPC 822) | Xejn |
| E. Servizz ta' Kiri/Leasing mingħajr Operaturi | |
| a) Relatati mal-Bastimenti<br>(CPC 83103) | LT: Il-bastimenti jridu jkunu proprjetà ta' persuni fiżiċi Litwani jew kumpaniji stabbiliti fil-Litwanja.<br>SE: Biex tittajjar il-bandiera Svediża trid tintwera evidenza ta' influwenza operattiva ewlenija Svediża f'każ ta' interessi ta' proprjetà barranija fil-bastimenti |
| b) Relatati mal-Inġenji tal-Ajru<br>(CPC 83104) | UE: Inġenju tal-ajru użat minn operaturi mill-Unjoni Ewropea jrid ikun reġistrat fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li lliċenzja l-operatur jew xi mkien ieħor fl-Unjoni Ewropea. L-inġenju tal-ajru jrid ikun possedut jew minn persuni fiżiċi li jilħqu l-kriterji nazzjonali speċifiċi jew minn persuni ġuridiċi li jilħqu kriterji speċifiċi fir-rigward tas-sjieda tal-kapital u l-kontroll (inkluża n-nazzjonalità tad-diretturi). Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għal kuntratti ta' kiri fil-qosor jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali. |

1 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.
2 Parti mis-CPC 85201 li tinstab taħt 6.A.h) - Servizzi mediċi u dentali.
3 Is-servizz konċernat hu relatat mal-professjoni ta' aġent ta' propjetà immobbi u ma jaffettwa l-ebda dritt u/jew restrizzjoni fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi li jixtru propjetà immobbli.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| c) Relatati ma' Tagħmir tat-Trasport Ieħor (CPC 83101, CPC 83102 u CPC 83105) | Xejn |
| d) Relatati ma' Makkinarju u Tagħmir Ieħor (CPC 83106, CPC 83107, CPC 83108 u CPC 83109) | Xejn |
| e) Relatati ma' prodotti personali u tad-dar (CPC 832) | AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI, SE, SK, UK: Mhux marbuta għal CPC 83202 |
| f) Kiri ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni (CPC 7541) | Xejn |
| F. Servizzi tan-negozji oħrajn | |
| a) Reklamar (CPC 871) | Xejn |
| b) Riċerka tas-Suq u Stħarriġ tal-Opinjoni Pubblika (CPC 864) | Xejn |
| c) Servizzi ta' Konsulenza dwar il-Ġestjoni (CPC 865) | Xejn |
| d) Servizzi Relatati mal-Konsulenza dwar il-Ġestjoni (CPC 866) | HU: Mhux marbuta għal servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni (CPC 86602). |
| e) Servizzi ta' Ttestjar Tekniku u ta' Analiżi[1] (CPC 8676) | Xejn |
| f) Servizzi ta' Pariri u Konsulenza relatati mal-Agrikoltura, Kaċċa u Forestrija (parti minn CPC 881) | CY, CZ, EE, LT, MT, SK, SI: Mhux marbuta |
| g) Servizzi ta' Parir u ta' Konsulenza Relatati mas-Sajd (parti minn CPC 882) | Xejn |

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi għas-servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi meħtieġa għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għall-immarkitjar jew għall-awtorizzazzjonijiet tal-użu (eż. spezzjoni tal-karozzi, spezzjoni tal-ikel).

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| h) Servizzi ta' Parir u ta' Konsulenza relatati mal-Manifattura (parti minn CPC 884 u parti minn CPC 885) | Xejn |
| i) Servizzi ta' Sejbien u Forniment ta' Persunal | |
| i) 1. Tfittxija eżekuttiva (CPC 87201) | BG, CY, CZ, DE, EE, FI, LV, LT, MT, PL, PT, RO, SK, SI: Mhux marbuta |
| i) 2. Servizzi ta' Sejbien ta' Impjieg (CPC 87202) | AT, BG, CY, CZ, EE, FI, LV, LT, MT, PL, PT, RO, SK: Mhux marbuta<br>BE, FR, IT: Monopolju tal-Istat<br>DE: L-awtorizzazzjoni hi soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni u l-iżvilupp tas-suq tax-xogħol |
| i) 3. Servizzi ta' Forniment ta' impjegati ta' appoġġ fl-uffiċċju (CPC 87203) | AT, BG, CY, CZ, DE, EE, FI, LV, LT, MT, PL, PT, RO, SK, SI: Mhux marbuta<br>IT: Monopolju tal-Istat |
| i) 4 Servizzi ta' Aġenzija tal-Mudelli (parti minn CPC 87209) | Xejn. |
| j) 1. Servizzi ta' investigazzjoni (CPC 87301) | BE, BG, CY, CZ, DE, ES, EE, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI: Mhux marbuta |
| j) 2. Servizzi tas-Sigurtà (CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304 u CPC 87305) | DK: Rekwiżit ta' nazzjonalità u residenza għall-membri tal-Bord tad-Diretturi. Mhux marbuta għall-forniment ta' servizzi ta' gwardjani tal-ajruport<br>BG, CY, CZ, EE, FI, LV, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Il-liċenzja tista' tinħareġ biss liċ-ċittadini u lil organizzazzjonijiet irreġistrati nazzjonali.<br>ES: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa). L-aċċess hu soġġett għall-awtorizzazzjoni minn qabel. |
| k) Servizzi Relatati ma' Konsulenza Xjentifika u Teknika[1] (CPC 8675) | FR: Investituri barranin jeħtieġu awtorizzazzjoni speċifika għas-servizzi ta' esplorazzjoni u prospettar. |
| l) 1. Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti (parti minn CPC 8868) | Xejn |
| l) 2. Manutenzjoni u Tiswija ta' Tagħmir tat-Trasport bil-Ferrovija (parti minn CPC 8868) | LV: Monopolju tal-Istat.<br>SE: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplikaw meta investitur għandu l-għan li jistabbilixxi l-faċilitajiet ta' infrastruttura terminali tiegħu. Kriterji ewlenin: limitazzjonijiet ta' spazju u kapaċità. |

1 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi għal ċerti attivitajiet relatati mat-tħaffir tal-minjieri (minerali, żejt, gass, eċċ.).

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| l) 3. Manutenzjoni u Tiswija ta' karozzi, muturi, muturi tas-silġ u Tagħmir għat-trasport fuq it-triq (CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867 u parti minn CPC 8868) | SE: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplikaw meta investitur għandu l-għan li jistabbilixxi l-faċilitajiet ta' infrastruttura terminali tiegħu. Kriterji ewlenin: limitazzjonijiet ta' spazju u kapaċità |
| l) 4. Manutenzjoni u Tiswija ta' Ajruplani u partijiet minnhom (parti minn CPC 8868) | Xejn |
| l) 5. Manutenzjoni u tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' prodotti personali u tad-dar [1] (CPC 633, CPC 7545, CPC 8861, CPC 8862, CPC 8864, CPC 8865 u CPC 8866) | Xejn |
| m) Servizzi ta' Tindif tal-Bini (CPC 874) | Xejn |
| n) Servizzi ta' Fotografija (CPC 875) | CY, EE, MT: Mhux marbuta |
| o) Servizzi ta' Ppakkjar (CPC 876) | Xejn |
| p) Stampar u Pubblikazzjoni (CPC 88442) | LT, LV: Stabbiliment tad-drittijiet fis-settur tal-pubblikazzjoni maħruġ biss għal persuni ġuridiċi inkorporati nazzjonalment (mhux fergħat).<br>PL: Rekwiżit nazzjonali għall-kap editur tal-gazzetti u ġurnali.<br>SE: Rekwiżiti ta' residenza għall-pubblikatur u sid ta' kumpanija tal-ippubblikar u l-istampar. |
| q) Servizzi ta' Kungressi (parti minn CPC 87909) | Xejn |
| r) 1. Servizzi ta' Traduzzjoni u Interpretazzjoni (CPC 87905) | DK: L-awtorizzazzjoni għat-traduttur u interpreti pubbliċi awtorizzati tista' tillimita l-ambitu tal-attività.<br>PL: Mhux marbuta għall-forniment tas-servizzi ta' interpretazzjoni bil-liċenzja.<br>BG, HU, SK: Mhux marbuta għat-traduzzjoni u interpretazzjoni uffiċjali. |

[1] Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija tat-tagħmir għat-trasport (CPC 6112, 6122, 8867 u CPC 8868) jinstabu taħt 6.F. l) 1 to 6.F.l) 4.
Servizzi ta' manutenzjoni u tiwsija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċji inklużi kompjuters (CPC 845) jinstabu taħt 6.B. Servizzi tal-kompjuters.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| r) 2. Interior Design u Servizzi oħra ta' Disinn Speċjalizzat<br>(CPC 87907) | Xejn |
| r) 3. Servizzi ta' Aġenzija tal-Ġbir<br>(CPC 87902) | IT, PT: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-investituri. |
| r) 4. Servizz ta' rappurtar ta' kreditu<br>(CPC 87901) | BE: Għal banek ta' dejta għall-kreditu tal-konsumaturi, il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-investituri.<br>IT, PT: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-investituri. |
| r) 5. Sevizzi ta' duplikazzjoni<br>(CPC 87904)[1] | Xejn |
| r) 6. Servizzi ta' konsulenza dwar it-telekomunikazzjoni<br>(CPC 7544) | Xejn |
| r) 7. Servizzi ta' tweġib ta' telefonati<br>(CPC 87903) | Xejn |

[1] It Ma jinkludix servizzi ta' stampar, li jaqgħu taħt CPC 88442 u jinsabu taħt 6.F p).

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 7. SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI | |
| A. Servizzi Postali u tal-Kurrier (Servizzi relatati mal-immaniġġjar [1] ta' oġġetti postali [2] skont il-lista li ġejja ta' sottosetturi, kemm jekk għal destinazzjonijiet lokali jew barranin: (i) Maniġġjar ta' komunikazzjonijiet miktubin indirizzati fuq kwalunkwe mezz fiżiku[3], inklużi Servizz ta' posta ibrida u Posta diretta, (ii) Maniġġjar ta' kaxxi u pakketti indirizzati [4], iii) Maniġġjar ta' prodotti stampati indirizzati[5], (iv) Maniġġjar tal-oġġetti msemmija minn (i) sa (iii) hawn fuq bħala posta rreġistrata jew assigurata, (v) Servizzi ta' twassil express [6] għall-oġġetti msemmija minn (i) sa (iii) hawn fuq, vi) Maniġġjar ta' oġġetti mhux indirizzati, (vii) Skambju ta' dokumenti [7] | Xejn[8] |

[1] It-terminu "immaniġġjar" għandu jinkludi l-ħruġ mid-dwana, l-għażla, il-ġarr u t-tqassim.

[2] "Oġġett postali" tirreferi għall-oġġetti mwassla minn kwalunkwe tip ta' operatur kummerċjali, sew pubbliku u sew privat.

[3] Eż. ittri, kartolini.

[4] Kotba u katalgi huma inkluzi hawn taħt.

[5] Ġurnali, gazzetti, u rivisti.

[6] Servizzi ta' twassil express jistgħu jinkludu, flimkien ma' veloċità u responsabbiltà akbar, elementi ta' valur miżjud bħalma huma ġbir mill-punt tal-oriġini, tqassim personali lid-destinatarju, intraċċar u tiftix, possibbiltà ta' bdil tad-destinazzjoni u tad-destinatarju waqt it-tranżitu, konferma tal-wasla.

[7] Provvista tal-mezzi, inkluzi l-provvista ta' bini *ad hoc* kif ukoll trasport minn parti terza, li tippermetti awtotwassil permezz ta' skambju reċiproku ta' oġġetti postali bejn utenti sottoskritti għal dan is-servizz. Oġġett postali tirreferi għall-oġġetti mwassla minn kwalunkwe tip ta' operatur kummerċjali, sew pubbliku u sew privat.

[8] Għal subsetturi i) sa iv), liċenzji individwali li jimponu obbligi partikolari għas-servizzi universali u/jew kontribuzzjoni finanzjarja f'fond ta' kumpens jistgħu jkunu meħtieġa.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| Sottosetturi(i), (iv) u (v) madankollu huma esklużi meta jaqgħu fl-ambitu tas-servizzi li jistgħu jkunu riservati, li hu: għal oġġetti ta' korrispondenza bi prezz li hu inqas minn darbtejn u nofs (2.5) it-tariffa bażika pubblika, dejjem jekk jiżnu inqas minn 50 gramma[1], bis-servizz ta' posta irreġistrata miżjud li kien użat fil-kors ta' proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi.)<br>(parti minn CPC 751, parti minn CPC 71235[2] u parti minn CPC 73210[3]) | |
| B. Servizzi tat-Telekomunikazzjoni<br>Dawn is-servizzi ma jkoprux l-attività ekonomika li tikkonsisti mill-forniment ta' kontenut li jeħtieġ is-servizzi ta' telekomunikazzjoni għat-trasport tagħha. | |

1 "Oġġetti ta' korrispondenza": komunikazzjoni bil-miktub dwar kwalunkwe tip ta' medju fiżiku li għandu tgħaddi u titwassal fl-indirizz indikat mill-mittenti fuq il-oġġett innifsu jew fuq l-ippakkjar tiegħu.

2 It-trasport ta' posta għall-kont proprju bi kwalunkwe mezz fuq l-art.

3 It-trasport bl-ajru ta' posta għall-kont proprju.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| a) Is-servizzi kollha li jikkonsistu fit-trażmissjoni u fir-riċezzjoni ta' sinjali bi kwalunkwe mezzi elettromanjetiċi [1], għajr ix-xandir[2] | Xejn[3] |
| b) Servizzi ta' trażmissjoni mxandra bis-satellita [4] | UE: forrituri tas-servizzi f'dan is-settur jistgħu jkunu soġġetti għal obbligi biex jissalvagwardjaw l-għanijiet ta' interess ġenerali relatati mat-twassil ta' kontenut bl-użu tan-netwerk tagħhom b'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE għall-komunikazzjonijiet elettroniċi.<br>BE: Mhux marbuta |
| 8. KOSTRUZZJONI U SERVIZZI TA' INĠINERIJA RELATATI (CPC 511, CPC 512, CPC 513, CPC 514, CPC 515, CPC 516, CPC 517 u CPC 518) | BG: Għal proġetti ta' importanza nazzjonali u reġjonali, investituri barranin jridu jaġixxu f'f'soċjetà ma' jew bħala subkuntratturi ta' investituri lokali.<br>CY, CZ, HU, MT, SK: Mhux marbuta |
| 9.SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI<br>(għajr distribuzzjoni ta' armi, munizzjon, splussivi u materjal ieħor tal-gwerra)<br>Is-sottosetturi kollha msemmija hawn taħt[5] | AT: Mhux marbuta għad-distribuzzjoni ta' prodotti pirotekniċi, ta' oġġetti li jaqbdu u splussivi u sustanzi tossiċi. Għad-distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi u ta' prodotti tat-tabakk, id-drittijiet esklussivi u/jew l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Unjoni Ewropea u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Unjoni Ewropea.<br>FI: Mhux marbuta għad-distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku u prodotti farmaċewtiċi. |

1 Dawn is-servizzi ma jinkludux informazzjoni fuq l-internet u/jew ipproċessar tad-dejta (inkluż l-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet) (parti minn CPC 843) li jinsabu taħt 6.B. Servizzi tal-Kompjuter.

2 Ix-xandir huwa definit bħala l-katina mhux interrotta meħtieġa għad-distribuzzjoni ta' programmi televiżivi u tar-radju lill-pubbliku ġenerali, iżda ma jkoprix konnessjonijiet bejn l-operaturi.

3 Nota ta' qiegħ il-paġna għal raġunijiet ta' kjarezza: Xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea jżommu l-parteċipazzjoni pubblika f'ċerti operaturi tat-telekomunikazzjoni . L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jżommu d-dritt li jżommu tali parteċipazzjoni pubblika fil-futur. Din mhijiex limitazzjoni għall-aċċess fis-suq. Fil-Belġju, il-parteċipazzjoni tal-gvern u d-drittijiet tal-vot fil-Belgacom huma determinati b'mod ħieles taħt is-setgħat leġislattivi kif inhu l-każ fil-preżent taħt il-liġi tal-21 ta' Marzu 1991 dwar ir-riforma tal-impriżi ekonomiċi ta' propjetà tal-gvern.

4 Dawn is-servizzi jkopru s-servizz ta' telekomunikazzjoni li jikkonsisti fit-trasmissjoni u r-riċezzjoni tar-radju u t-televiżjoni mxandra mis-satellita (il-katina mhux interrotta tat-trasmissjoni bl-użu tas-satellita meħtieġa għad-distribuzzjoni tas-sinjali ta' programmi tat-televiżjoni u r-radju lill-pubbliku ġenerali). Huma koperti l-bejgħ tal-użu tas-servizzi satellitari, iżda il-bejgħ ta' pakketti ta' programmi tat-televiżjoni lid-djar mhuwiex inkluż.

5 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi għad-distribuzzjoni ta' prodotti kimiċi, farmaċewtiċi, prodotti għall-użu mediku bħall-istrumenti mediċi u tal-kirurġija, sustanzi mediċi u oġġetti għall-użu mediku, attrezzaturi militari u metalli prezjużi (u ġebel) u f'xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea anki għad-distribuzzjoni tat-tabakk u prodotti tat-tabakk u xorb alkoħoliku.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| A. Servizzi ta' Aġenti Kummissjonanti | |
| a) Servizzi tal-Aġenti kummissjonanti ta' vetturi bil-mutur, muturi u muturi tas-silġ u partijiet u aċċessorji ta' dawn (parti minn CPC 61111, parti minn CPC 6113 u parti minn CPC 6121 ) | Xejn |
| b) Servizzi Oħra ta' Aġenti Kummissjonanti (CPC 621) | Xejn |
| B. Servizzi ta' Kummerċ bl-Ingrossa | |
| a) Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' vetturi bil-mutur, muturi u muturi tas-silġ u partijiet u aċċessorji ta' dawn (parti minn CPC 61111, parti minn CPC 6113 u parti minn CPC 6121 ) | Xejn |
| b) Servizzi ta' Kummerċ bl-Ingrossa ta' tagħmir ta' terminal tat-telekomunikazzjoni (parti minn CPC 7542) | Xejn |
| c) Servizzi oħra ta' Kummerċ bl-Ingrossa (CPC 622 għajr servizzi ta' bejgħ bl-ingrossa ta' prodotti tal-enerġija[1] ) | FR, IT: Monopolju tal-Istat fuq it-tabakk.<br>FR: Awtorizzazzjoni għal spiżeriji ta' bejgħ bl-ingrossa hi soġġetta għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità ġeografika tal-ispiżeriji eżistenti. |

[1] Dawn is-servizzi, li jinkludu CPC 62271, jinstabu fis-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 18.D.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| C. Servizzi ta' Bejgħ bl-Imnut [1]<br>Servizzi ta' Bejgħ bl-Imnut ta' karozzi, muturi u muturi tas-silġ u partijiet u aċċessorji ta' dawn<br>(CPC 61112, parti minn CPC 6113 u parti minn CPC 6121 )<br>Servizzi ta' Bejgħ bl-Imnut ta' tagħmir ta' terminal tat-telekomunikazzjoni<br>(parti minn CPC 7542)<br>Servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' ikel<br>(CPC 631)<br>(Servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' oġġetti oħra (mhux tal-enerġija), minbarra l-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi [2]<br>(CPC 632 għajr CPC 63211 u 63297) | ES, FR, IT: Monopolju tal-Istat fuq it-tabakk.<br>BE, BG, DK, FR, IT, MT, PT: Awtorizzazzjoni għal ħwienet kbar (fil-każ ta' FR għal ħwienet kbar biss) hi soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: in-numru u l-impatt fuq il-ħwienet eżistenti, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.<br>IE, SE: Mhux marbuta għall-bejgħ bl-imnut ta' xorb alkoħoliku.<br>SE: L-awtorizzazzjoni għal kummerċ termporanju fil-ħwejjeġ, żraben u oġġetti tal-ikel li mhumiex ikkunsmati fil-post fejn jinbiegħu jistgħu jkunu soġġetti għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: impatt fuq il-ħwienet eżistenti fiż-żona ġeografika kkonċernata. |
| D. Franchising<br>(CPC 8929) | Xejn |

1 Ma jinkludux servizzi ta' manutenzjoni u tiswija, li jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJI taħt 6.B. u 6.F.l). Ma jinkludux servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti tal-enerġija li jinstabu fis-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 18.E u 18.F.

2 Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi jinstabu taħt SERVIZZI PROFESSJONALI f'1.A.k).

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 10. SERVIZZI EDUKATTIVI<br>(servizzi ffinanzjati mill-privat biss) | |
| A. Servizzi ta' Edukazzjoni Primarja<br>(CPC 921)<br>B. Servizzi ta' Edukazzjoni Sekondarja<br>(CPC 922)<br>C. Servizzi tal-Edukazzjoni Ogħla<br>(CPC 923)<br>D. Servizzi ta' Edukazzjoni għall-Adulti<br>(CPC 924) | UE: Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-netwerk tal-edukazzjoni hi soġġetta għal eżenzjoni.<br>AT: Mhux marbuta għas-Servizzi tal-Edukazzjoni Ogħla. Mhux marbuta għas-servizzi ta' edukazzjoni għall-adulti permezz tar-radju jew xandir televiżiv.<br>BG: Mhux marbuta għall-forniment ta' servizzi edukattivi primarja u/jew sekondarja minn persuni fiżiċi barranin u assoċjazzjonijiet u għall-forniment ta' Servizzi tal-Edukazzjoni Ogħla.<br>CZ, SK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal maġġoranza ta' membri fil-Bord tad-Diretturi. Mhux marbuta għall-forniment ta' Servizzi tal-Edukazzjoni Ogħla għajr għal servizzi edukattivi post-sekondarji tekniċi u vokazzjonali (CPC 92310).<br>CY, FI, MT, RO, SE: Mhux marbuta<br>EL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal maġġoranza ta' membri fil-Bord tad-Diretturi fi skejjel primarji u sekondarji. Mhux marbuta għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li jagħtu diplomi rikonoxxuti tal-Istat.<br>ES, IT: Ħtieġa ta' test għall-ftuħ ta' universitajiet privati awtorizzati biex joħorġu diplomi u lawrei rikonoxxuti; il-proċedura tinvolvi parir mill-Parlament. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità ta' stabbilimenti eżistenti.<br>HU, SK: In-numru ta' skejjel stabbiliti jista' jiġi limitat mill-awtoritajiet lokali (jew f'każ ta' skejjel għolja u istituzzjonijiet edukattivi ogħla minn awtoritajiet ċentrali) responsabbli mill-għoti tal-liċenzji.<br>LV: Mhux marbuta għall-forniment ta' servizzi edukattivi relatati ma' servizzi ta' edukazzjoni teknika u vokazzjonali fi skejjel sekondarji għal studenti b'diżabbiltà (CPC 9224).<br>SI: Mhux marbuta għal skejjel primarji. Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal maġġoranza ta' membri fil-Bord tad-Diretturi fi skejjel sekondarji u għolja. |
| E. Servizzi edukattivi oħra<br>(CPC 929) | AT, BE, BG, CY, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI, SE, UK: Mhux marbuta<br>CZ, SK: Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-netwerk tal-edukazzjoni hi soġġetta għal eżenzjoni. Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal maġġoranza ta' membri fil-Bord tad-Diretturi. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 11. SERVIZZI AMBJENTALI[1]<br>A.) Servizzi ta' Ilma tad-Drenaġġ<br>(CPC 9401)[2]<br>B. L-immaniggjar ta' skart solidu/perikoluż, għajr it-trasport transkonfinali ta' skart perikoluż<br>a) Servizzi ta' Rimi ta' Skart<br>(CPC 9402)<br>b) Servizzi ta' Sanità u Servizzi Simili<br>(CPC 9403)<br>C. Protezzjoni tal-arja u l-klima ambjentali<br>(CPC 9404)[3]<br>D. Rimedjar u tindif ta' ħamrija u ilma<br>a) Trattament, rimedjar ta' ħamrija u ilma kontaminati/imniġġsa<br>(parti minn CPC 9406)[4]<br>E. Tnaqqis tal-istorbju u l-vibrazzjoni<br>(CPC 9405)<br>F. Protezzjoni tal-bijodiversità u l-pajżaġġ<br>a) Servizzi ta' protezzjoni tan-natura u l-pajżaġġ<br>(parti minn CPC 9406)<br>G. Servizzi ambjentali oħra u servizzi anċillari<br>(CPC 9409) | Xejn |

1 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.
2 Tikkorrispondi għas-servizzi tad-drenaġġ.
3 Tikkorrispondi għas-Servizzi ta' Tindif tal-Gassijiet tal-Egżost.
4 Tikkorrispondi għas-Servizzi ta' Protezzjoni tan-Natura u l-Pajsaġġ.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 12. SERVIZZI FINANZJARJI | |
| A. Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni | AT: Il-liċenzja għall-fergħat ta' assikuraturi barranin ma tinħariġx jekk l-assiguratur, f'pajjiżu stess, ma jkollux il-forma legali li tikkorrispondi jew tkun paragonabbli ma' kumpanija azzjonarja jew assoċjazzjoni mutwa tal-assigurazzjoni.<br>BG, ES: Qabel ma jistabbilixxu fergħa jew aġenzija fil-Bulgarija jew Spanja biex jipprovdu ċerti klassijiet ta' assikurazzjoni, l-assikuraturi barranin għandu jkollhom l-awtorizzazzjoni biex joperaw fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini.<br>EL: Id-dritt ta' stabbiliment ma jkoprix il-ħolqien ta' uffiċċji rappreżentattivi jew permanenzi oħra ta' kumpaniji tal-assikurazzjoni, ħlief fejn dawn l-uffiċċji jkunu stabbiliti bħala aġenziji, fergħat jew uffiċċji ċentrali.<br>FI: Mill-inqas nofs il-promoturi u l-membri tal-bord tad-diretturi u l-bord superviżorju ta' kumpanija tal-assigurazzjoni għandu jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fl-UE, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux taw eżenzjoni. L-assikuraturi barranin ma tistax tinħarġilhom liċenzja fil-Finlandja bħala fergħa biex jipprovdu servizzi ta' assigurazzjoni soċjali statutorji.<br>IT: L-awtorizzazzjoni għat-twaqqif tal-fergħat hija fl-aħħar mill-aħħar suġġetta għall-valutazzjoni tal-awtoritajiet ta' sorveljanza.<br>BG, PL: L-intermedjarji tal-assigurazzjoni jridu jkunu inkorporati fil-pajjiż (mhux fergħat.<br>PT: Biex jistabbilixxu fergħa fil-Portugall, il-kumpaniji barranin tal-assikurazzjoni jeħtiġilhom esperjenza preċedenti fil-qasam ta' mill-inqas ħames snin. Fergħat diretti mhux permessi għall-intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni; dawn huma riżervati għal kumpaniji ffurmati skont il-liġi ta' Stat Membru tal-UE.<br>SK: Ċittadin barrani jista' jistabbilixxi kumpanija tal-assigurazzjoni fil-forma ta' kumpanija b'ishma konġunti jew jista' jwettaq negozju tal-assigurazzjoni permezz tas-sussidjarji tiegħu b'uffiċċji rreġistrati fir-Repubblika Slovakka (mhux fergħat).<br>SE: Impriżi tal-intermedjarji tal-assigurazzjoni mhux inkorporati fl-Isvezja jistgħu jistabbilixxu ruħhom biss permezz ta' fergħa. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| B. Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (għajr l-assigurazzjoni) | UE: Kumpaniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat fl-UE biss jistgħu jaġixxu bħala depożitorji ta' assi ta' fondi tal-investiment. L-istabbiliment ta' kumpanija ta' tmexxija speċjalizzata, li jkollha l-uffiċċju ċentrali u l-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-istess Stat Membru tal-UE, hu meħtieġ sabiex il-kumpanija twettaq attivitajiet ta' ġestjoni ta' unit trusts u kumpaniji tal-investiment.<br>BG: L-assikurazzjoni tal-pensjonijiet għandha tiġi implimentata permezz ta' parteċipazzjoni f'kumpaniji inkorporati tal-assigurazzjoni tal-pensjonijiet (mhux fergħat). Ir-residenza permanenti fil-Bulgarija hija rikjesta għall-president tal-bord maniġerjali u l-president tal-bord tad-diretturi.<br>CY: Membri (sensara) tal-Borża ta' Ċipru biss jistgħu jwettqu negozju relatat mas-senserija tat-titoli f'Ċipru. Impriża ta' senserija kummerċjali tista' tkun reġistrata biss bħala membru tal-Borża ta' Ċipru jekk tkun ġiet stabbilita u reġistrata skont il-Liġi tal-Kumpaniji ta' Ċipru (mhux fergħat).<br>FI: Mill-inqas nofs il-fundaturi, il-membri tal-bord tad-diretturi, mill-inqas membru ordinarju u viċi membru tal-bord superviżorju u l-persuna intitolata tiffirma f'isem l-istituzzjoni tal-kreditu għandu jkollhom ir-residenza permanenti fl-UE. Eżenzjoni minn dawn ir-rekwiżiti tista' tingħata mill-awtoritajiet kompetenti.<br>HU: Fergħat ta' istituzzjonijiet barranin mhux permessi jipprovdu servizzi ta' ġestjoni tal-assi għal fondi privati tal-pensjonijiet jew ġestjoni ta' kapital tar-riskju. Il-bord ta' istituzzjoni finanzjarja għandu jinkludi mill-anqas żewġ membri, ċittadini Ungeriżi, residenti fis-sens tar-regolamenti rilevanti tan-negozju tal-valuti barranin u li għandhom residenza permanenti fl-Ungerija għal mill-anqas sena waħda.<br>IE: Fil-każ ta' skemi kollettivi ta' investiment kostitwiti bħala fondi komuni ta' investiment u kumpaniji ta' kapital varjabbli (ħlief għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli, UCITS), il-fedekommissarju/depożitarju u l-kumpanija tal-ġestjoni jeħtieġ li jkunu inkorporati fl-Irlanda jew fi Stat Membru ieħor tal-UE (mhux fergħat). Fil-każ ta' soċjetà tal-investiment b'responsabbiltà limitata, mill-inqas soċju ġenerali wieħed irid ikun inkorporat fl-Irlanda. Biex issir membru tal-Borża tal-Irlanda, l-entità trid jew (I) tkun inkorporata fl-Irlanda, li tfisser li tkun inkorporata jew tkun soċjetà bl-uffiċċju prinċipali reġistrat fl-Irlanda, jew (II) tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor tal-UE skont id-Direttiva tal-UE dwar is-Servizzi tal-Investiment. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| | IT: Sabiex tkun awtorizzata tmexxi s-sistema ta' regolament tal-garanziji bi stabbiliment fl-Italja, kumpanija hija meħtieġa tkun inkorporata fl-Italja (mhux fergħat). Sabiex tkun awtorizzata tmexxi s-sistema ta' servizzi ċentrali ta' depożitu tal-garanziji bi stabbiliment fl-Italja, kumpanija hija meħtieġa tkun inkorporata fl-Italja (mhux fergħat). Fil-każ ta' skemi kollettivi ta' investiment għajr għall-UCITS armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, il-fedekommissarju/depożitarju jeħtieġ li jkun inkorporat fl-Italja jew fi Stat Membru ieħor tal-UE u filwaqt li jkun stabbilit permezz ta' fergħa fl-Italja. Il-kumpaniji tal-ġestjoni ta' UCITS li mhux armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE ukoll meħtieġa jkunu inkorporati fl-Italja (mhux fergħat). Huma biss banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni, kumpaniji tal-investiment u kumpaniji li jmexxu UCITS armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE li jkollhom l-uffiċċju legali prinċipali tagħhom fl-UE, kif ukoll UCITS inkorporati fl-Italja jistgħu jwettqu attivitajiet ta' ġestjoni tar-riżorsi tal-fondi tal-pensjonijiet. Biex ikunu jistgħu jbiegħu bieb bieb, l-intermedjarji jridu jqabbdu bejjiegħa tal-prodotti finanzjarji awtorizzati residenti fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE. L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intermedjarji barranin ma jistgħux iwettqu attivitajiet bl-iskop li joffru servizzi ta' investiment.<br>LT: Għall-fini ta' ġestjoni tal-assi, hi neċessarja l-inkorporazzjoni ta' kumpanija speċjalizzata fil-maniġment (mhux fergħat). Dawk l-impriżi li għandhom l-uffiċċju rreġistrat fil-Litwanja biss jistgħu jkunu depożitarji tal-assi.<br>PT: Ġestjoni tal-fondi tal-pensjoni tista' tingħata biss minn kumpaniji speċjalizzati inkorporati fil-Portugall għal dak l-iskop u minn kumpaniji tal-assikurazzjoni stabbiliti fil-Portugall u awtorizzati li jwettqu n-negozju tal-assikurazzjoni tal-ħajja jew minn entitajiet awtorizzati għall-ġestjoni tal-fondi tal-pensjonijiet fi Stati Membri oħra tal-UE (Mhux marbuta għal fergħat diretti minn pajjiżi mhux tal-UE).<br>RO: Fergħat ta' istituzzjonijiet barranin mhux permessi jipprovdu servizzi ta' ġestjoni tal-assi .<br>SK: Servizzi tal-investiment fir-Repubblika Slovakka jistgħu jiġu fornuti minn banek, kumpaniji ta' investiment, fondi ta' investiment u operaturi titolari li jkollhom forma ġuridika ta' kumpanija azzjonarja b'kapital azzjonarju skont il-liġi (mhux fergħat).<br>SI: Mhux marbuta għal fondi privati tal-pensjonijiet (fondi tal-pensjonijiet mhux obbligatorji).<br>SE: Fundatur ta' bank tat-tfaddil għandu jkun persuna naturali residenti fl-UE. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
| --- | --- |
| 13. SERVIZZI TAS-SAHHA U SERVIZZI SOĊJALI[1]<br>(servizzi ffinanzjati mill-privat biss) | |
| A. Servizzi ta' Sptarijiet<br>(CPC 9311)<br>B. Servizzi ta' Ambulanzi<br>(CPC 93192)<br>C. Faċilitajiet ta' saħħa residenzjali minbarra servizzi ta' sptarijiet<br>(CPC 93193)<br>D. Servizzi Soċjali<br>(CPC 933) | UE: Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-netwerk tas-saħħa u n-netwerk soċjali hija soġġetta għal konċessjoni. Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi jistgħu japplikaw. Kriterji ewlenin: numru ta' u impatti fuq stabbilimenti eżistenti, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.<br>AT, SI: Mhux marbuta għas-servizzi ta' ambulanzi.<br>BG: Mhux marbuta għas-servizzi ta' sptarijiet, is-servizzi ta' ambulanzi u għal faċilitajiet ta' saħħa residenzjali minbarra servizzi ta' sptarijiet.<br>CZ, FI, MT, SE, SK: Mhux marbuta<br>HU, SI: Mhux marbuta għas-servizzi soċjali.<br>PL: Mhux marbuta għas-servizzi ta' ambulanzi, għal faċilitajiet ta' saħħa residenzjali minbarra servizzi ta' sptarijiet u għal servizzi soċjali.<br>BE, UK: Mhux marbuta għal servizzi ta' ambulanzi, għal faċilitajiet ta' saħħa residenzjali minbarra servizzi ta' sptarijiet u għal servizzi soċjali minbarra djar ta' konvalexxenza u ta' mistrieħ u djar tal-anzjani.<br>CY: Mhux marbuta għas-servizzi ta' sptarijiet, servizzi ta' ambulanzi, għal faċilitajiet ta' saħħa residenzjali minbarra servizzi ta' sptarijiet u għal servizzi soċjali minbarra djar ta' konvalexxenza u ta' mistrieħ u djar tal-anzjani. |
| 14. TURIŻMU U SERVIZZI RELATATI MAL-IVVJAĠĠAR | |
| A. Lukandi, Ristoranti u Kejtering (CPC 641, CPC 642 u CPC 643) għajr il-kejtering f'servizzi ta' trasport bl-ajru[2] | BG: Hi meħtieġa inkorporazzjoni (mhux fergħat).<br>IT: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi applikati għal bars, kafetteriji u ristoranti. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità ta' stabbilimenti eżistenti. |
| B. Servizzi tal-Aġenziji tal-Ivjaġġar u tal-Operaturi tal-Vjaġġi Turisitiċi (inklużi maniġers tal-vjaġġi turistiċi)<br>(CPC 7471) | BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa).<br>PT: Rekwiżit ta' kostituzzjoni ta' kumpanija kummerċjali b'bażi korporattiva fil-Portugall (Mhux marbuta għall-fergħat).<br>CZ: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi bbażat fuq il-kriterju ta' popolazzjoni. |
| C. Servizzi ta' Gwidi Turistiċi<br>(CPC 7472) | BG, CY, HU, LT, MT, PL: Mhux marbuta |

1 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

2 Il-kejtering fis-servizzi tat-trasport bl-ajru jinsabu f'SERVIZZI AWŻILJARJI GĦAS-SERVIZZI TAT-TRASPORT f'17.D.a) Servizzi tal-ġestjoni fuq l-art.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 15. SERVIZZI RIKREATTIVI, KULTURALI U SPORTIVI (minbarra servizzi awdjoviżivi) | |
| A. Servizzi ta' Divertiment (inklużi Servizzi ta' Teatru, daqq minn Baned, Ċirklu u Diskoteki) (CPC 9619) | CY, CZ, FI, MT, PL, RO, SI, SK: Mhux marbuta<br>BG: Mhux marbuta għajr għal servizzi ta' divertiment ta' produtturi teatrali, gruppi tal-kant, baned u orkestri (CPC 96191), servizzi pprovduti minn awturi, kompożituri, skulturi, u artisti individwali oħra(CPC 96192) u servizzi teatrali anċillari (CPC 96193).<br>EE: Mhux marbuta għal servizzi oħra ta' divertiment(CPC 96199) għajr għal servizzi ta' swali taċ-ċinema.<br>LV: Mhux marbuta għajr għal servizzi ta' operat ta' teatru ċinematografiku (parti minn CPC 96199). |
| B. Servizzi tal-Aġenziji tal-Aħbarijiet u tal-Istampa (CPC 962) | FR: Parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji li jippubblikaw pubblikazzjonijiet bil-lingwa Franċiża ma tistax taqbeż 20 fil-mija tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot fil-kumpanija. It-twaqqif ta' aġenziji tal-istampa minn investituri barranin huwa soġġett għar-reċiproċità. |
| C. Libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra [1] (CPC 963) | BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mhux marbuta<br>AT, LT: Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-netwerk tas-servizzi tal-libreriji, l-arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra hija soġġetta għal konċessjoni jew liċenzja. |
| D. Sevizzi sportivi (CPC 9641) | AT, SI: Mhux marbuta għal servizzi ta' skola tal-iskí u ta' gwida tal-muntanji.<br>BG, CY, CZ, EE, LV, MT, PL, RO, SK: Mhux marbuta |
| E. Parks rikreattivi u Servizzi ta' fuq ix-xtajta (CPC 96491) | Xejn |
| 16. SERVIZZI TAT-TRASPORT | |
| A. Trasport marittimu[2] | |
| a) Trasport internazzjonali tal-passiġġieri (CPC 7211 trasport b'inqas kabottaġġ nazzjonali).<br>b) Trasport internazzjonali tal-merkanzija (CPC 7212 trasport b'inqas kabottaġġ nazzjonali)[3] | UE: Mhux marbuta għall-istabbiliment ta' kumpanija reġistrata bl-għan tat-tħaddim ta' flotta taħt il-bandiera nazzjonali tal-Istat tal-istabbiliment.<br>BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa).<br>BG, CY, DE, EE, ES, FR, FI, EL, IT, LT, LV, MT, PL, PT, RO, SI, SE: Servizzi ta' distribuzzjoni (feedering) bl-awtorizzazzjoni. |

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

[2] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi għal servizzi tal-port u servizzi oħra tat-trasport marittimu li jirrikjedu l-użu tal-ispazju pubbliku.

[3] Jinkludu servizzi ta' distribuzzjoni (feedering) u moviment tat-tagħmir minn fornituri tat-trasport marittimu internazzjonali bejn portijiet li jinsabu fl-istess Stat fejn m'hemmx dħul finanzjarju involut.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| B. Trasport fil-Mogħdijiet tal-Ilma Interni [1] | |
| a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7221)<br>b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7222) | UE: Miżuri bbażati fuq ftehimiet eżistenti jew futuri dwar aċċess għall-mogħdijiet tal-ilma interni (inklużi ftehimiet li gew wara r-rabta Rhine-Main-Danube) jirriżervaw ċerti drittijiet tat-traffiku għall-operaturi bbażati fil-pajjiżi konċernati u li jissodisfaw kriterji ta' ċittadinanza fir-rigward tal-pussess. Regolamenti li jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Mannheim dwar Tbaħħir fuq ir-Rhine.<br>UE: Mhux marbuta għall-istabbiliment ta' kumpanija reġistrata bl-għan tat-tħaddim ta' flotta taħt il-bandiera nazzjonali tal-Istat tal-istabbiliment.<br>AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għat-twaqqif ta' kumpanija tat-tbaħħir minn persuni fiżiċi. Fil-każ tat-twaqqif minn persuna ġuridika, kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-bord maniġerjali u tal-bord tas-superviżjoni. Kumpanija reġistrata jew stabbiliment permanenti fl-Awstrija hija/huwa meħtieġ/a. Barra minn hekk, il-maġġoranza tal-ishma tan-negozju għandhom ikunu fil-pussess ta' ċittadini tal-UE.<br>BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa).<br>FI: Is-servizzi jistgħu jingħataw biss minn bastimenti li joperaw bil-bandiera Finlandiża. |
| C. Trasport bil-Ferrovija[2]<br>a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7111)<br>b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7112) | BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa). |
| D. Trasport fuq l-Art [3] | |
| a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7121 u CPC 7122) | UE: Investituri barranin ma jistgħux jipprovdu servizzi tat-trasport fi Stat Membru tal-UE (kabottaġġ), għajr għal self ta' servizzi mhux skedati ta' karozzi tal-linja bl-operatur.<br>UE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi tat-taksi. Kriterji ewlenin: numru ta' u impatti fuq stabbilimenti eżistenti, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.<br>AT, BG: Drittijiet esklussivi u/jew awtorizzazzjoni jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-UE u lil persuni ġuridiċi mill-UE li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-UE.<br>BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa).<br>FI, LV: Awtorizazzjoni meħtieġa, mhux estiża għal vetturi rreġistrati barra.<br>LV, SE: Rekwiżit fuq entitajiet stabbiliti biex jużaw vetturi bir-reġistrazzjoni nazzjonali. |

1 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi għal servizzi tal-port u servizzi oħra tat-trasport fuq l-ilmijiet interni li jirrikjedu l-użu tal-ispazju pubbliku.

2 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi għas-servizzi ta' trasport bil-ferrovija li jeħtieġ l-użu tal-ispazju pubbliku.

3 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| | ES: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-CPC 7122. Kriterji ewlenin: Domanda lokali.<br>IT, PT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi tal-limousine. Kriterji ewlenin: numru ta' u impatti fuq stabbilimenti eżistenti, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.<br>ES, IE, IT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: numru ta' u impatti fuq stabbilimenti eżistenti, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.<br>FR: Mhux marbuta għas-servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra. |
| b) Trasport tal-merkanzija[1]<br>(CPC 7123, għajr il-ġarr ta' oġġetti postali għall-kont proprju[2]). | AT, BG: Drittijiet esklussivi u/jew awtorizzazzjoni jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-UE u lil persuni ġuridiċi mill-UE li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-UE.<br>BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa).<br>FI, LV: Awtorizzazzjoni meħtieġa, mhux estiża għal vetturi rreġistrati barra.<br>LV, SE: Rekwiżit fuq entitajiet stabbiliti biex jużaw vetturi bir-reġistrazzjoni nazzjonali.<br>IT, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni hu d-domanda lokali. |
| E. Trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhumiex fjuwil[3] [4]<br>(CPC 7139) | AT: Drittijiet esklussivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-UE u lil persuni ġuridiċi tal-UE li għandhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom fl-UE. |
| 17 SERVIZZI AWŻILJARI GĦAT-TRASPORT [5] | |
| A. Servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu[6]<br>a) Servizzi ta' Mmaniġġjar tal-Merkanzija Marittima<br>b) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen<br>(parti minn CPC 742)<br>c) Servizzi ta' Permessi tad-Dwana<br>d) Servizzi ta' Stazzjon u Depot tal-Kontejners<br>e) Servizzi ta' Aġenzija Marittima<br>f) Servizzi Marittimi ta' Dispaċċ tal-Merkanzija | UE: Mhux marbuta għall-kiri ta' bastimenti bl-ekwipaġġ, servizzi ta' ġbid u rmunkar u servizzi tal-appoġġ għat-trasport marittimu.<br>IT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal servizzi marittimi ta' ġestjoni tal-merkanzija. Kriterji ewlenin: numru ta' u impatti fuq stabbilimenti eżistenti, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.<br>BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa). Il-parteċipazzjoni fil-kumpaniji Bulgari hi limitata għal 49 fil-mija.<br>SI: Persuni ġuridiċi biss li huma stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja (mhux fergħat) jistgħu jwettqu żdoganar. |

1 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi f'xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea.
2 Parti mis-CPC 71235, li tinstab taħt SERVIZZI TAL-KOMUNIKAZZJONI f'7.A. Servizzi Postali u ta' Kurier.
3 It-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsab taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA fi 18.B.
4 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.
5 Ma jinkludix servizzi ta' manutenzjoni u tiswija of transport equipment, li jinsabu taħt SERVIZZI TAN-NEGOZJI taħt 6.F.l) 1 to 6.F.l) 4.
6 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi għas-servizzi tal-port, servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu li jeħtieġu l-użu tal-ispazju pubbliku u l-imbuttar u l-irmunkar.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| g) Kiri ta' Bastimenti bl-Ekwipaġġ<br>(CPC 7213)<br>h) Servizzi ta' ġbid u rmunkar<br>(CPC 7214)<br>i) Servizzi tal-appoġġ għat-trasport marittimu<br>(parti minn CPC 745)<br>j) Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra (inkluż il-kejtering)<br>(parti minn CPC 749) | |
| B. Servizzi awżiljarji għat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni[1]<br>a) Servizzi ta' ġestjoni tat-tagħbija<br>(parti minn CPC 741)<br>b) Servizzi ta' magażinaġġ u Mħażen<br>(parti minn CPC 742)<br>c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija<br>(parti minn CPC 748)<br>d) Kiri ta' Bastimenti bl-Ekwipaġġ<br>(CPC 7223)<br>e) Servizzi ta' ġbid u rmunkar<br>(CPC 7224)<br>f) Servizzi ta' appoġġ għat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni<br>( parti minn CPC 745)<br>g) Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra<br>(parti minn CPC 749) | UE: Miżuri bbażati fuq ftehimiet eżistenti jew futuri dwar aċċess għall-mogħdijiet tal-ilma interni (inklużi ftehimiet li gew wara r-rabta Rhine-Main-Danube) jirriżervaw ċerti drittijiet tat-traffiku għall-operaturi bbażati fil-pajjiżi konċernati u li jissodisfaw kriterji ta' ċittadinanza fir-rigward tal-pussess. Regolamenti li jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Mannheim dwar Tbaħħir fuq ir-Rhine.<br>UE: Mhux marbuta għall-kiri ta' bastimenti bl-ekwipaġġ, servizzi ta' ġbid u rmunkar u servizzi ta' appoġġ għat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni.<br>AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għat-twaqqif ta' kumpanija tat-tbaħħir minn persuni fiżiċi. Fil-każ tat-twaqqif minn persuna ġuridika, kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-bord maniġerjali u tal-bord tas-superviżjoni. Kumpanija reġistrata jew stabbiliment permanenti fl-Awstrija huma meħtieġa. Barra minn hekk, il-maġġoranza tal-ishma tan-negozju għandhom ikunu fil-pussess ta' ċittadini tal-UE.<br>BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa). Il-parteċipazzjoni fil-kumpaniji Bulgari hi limitata għal 49 fil-mija.<br>HU: Il-parteċipazzjoni tal-Istat tista' tkun meħtieġa fi stabbiliment<br>SI: Persuni ġuridiċi biss li huma stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja (mhux fergħat) jistgħu jwettqu żdoganar. |

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi għas-servizzi tal-port, servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu li jeħtieġu l-użu tal-ispazju pubbliku u l-imbuttar u l-irmunkar.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
| --- | --- |
| | BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa). Il-parteċipazzjoni fil-kumpaniji Bulgari hi limitata għal 49 fil-mija<br>SI, LV: Persuni ġuridiċi biss li huma stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja (mhux fergħat) jistgħu jwettqu żdoganar<br><br>HU: Mhux marbuta għal servizzi ta' permessi tad-dwana<br>PL: restrizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-rappreżentazzjoni diretta fis-servizzi ta' permessi tad-dwana: it-twettiq jista' jsir biss minn aġenti doganali li għandhom residenza fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.<br>FR: Mhux marbuta sakemm ma tingħatax reċiproċità sħiħa.<br>FI: Mhux marbuta għal fergħat diretti<br>NL: il-permess lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi biex jaġixxu bħala rappreżentattivi doganali hu soġġett għad-diskrezzjoni mill-ispettur, kif hemm fl-Artikoli 1(3) u 1(9) tal-Att Ġenerali dwar id-Dwana. Applikant ma jkunx aċċettat f'każ li kien sentenzjat irrevokabilment għal att kriminali fl-aħħar ħames snin. Rappreżentanti doganali, li mhumiex residenti ta' jew stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, huma meħtieġa li jirresjedu jew jistabbilixxu post fiss fil-Pajjiżi l-Baxxi, qabel ma jwettqu attivitajiet bħala rappreżentant doganali bil-permess. |
| D. Servizzi awżiljarji għat-Trasport fuq l-Art[1]<br>a) Servizzi ta' ġestjoni tat-tagħbija<br>(parti minn CPC 741)<br>b) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen<br>(parti minn CPC 742)<br>c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija<br>(parti minn CPC 748)<br>d) Kiri ta' Vetturi Kummerċjali tat-Triq bl-Operaturi<br>(CPC 7124)<br>e) Servizzi ta' sostenn għat-tagħmir tat-trasport fuq l-art<br>(CPC 744)<br>f) Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra<br>(parti minn CPC 749)<br>g) Servizzi ta' Permessi tad-Dwana | AT: Għal Kiri ta' Vetturi Kummerċjali tat-Triq bl-Operaturi, awtorizzazzjoni tista' tkun mogħtija biss lil ċittadini tal-UE u lil persuni ġuridiċi tal-UE li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-UE.<br>BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa). Il-parteċipazzjoni fil-kumpaniji Bulgari hi limitata għal 49 fil-mija.<br>FI: Għal kiri ta' vetturi kummerċjali tat-triq bl-operaturi, awtorizzazzjoni meħtieġa, mhux estiża għal vetturi rreġistrati barra.<br>SI, LV: Persuni ġuridiċi biss li huma stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja (mhux fergħat) jistgħu jwettqu żdoganar.<br>HU: Mhux marbuta għal servizzi ta' permessi tad-dwana<br>PL: restrizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-rappreżentazzjoni diretta fis-servizzi ta' permessi tad-dwana: it-twettiq jista' jsir biss minn aġenti doganali li għandhom residenza fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.<br>FR: Mhux marbuta sakemm ma tingħatax reċiproċità sħiħa.<br>FI: Mhux marbuta għal fergħat diretti<br>NL: il-permess lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi biex jaġixxu bħala rappreżentanti doganali hu soġġett għad-diskrezzjoni mill-ispettur, kif hemm fl-Artikoli 1(3) u 1(9) tal-Att Ġenerali dwar id-Dwana. Applikant ma jkunx aċċettat f'każ li kien sentenzjat irrevokabilment għal att kriminali fl-aħħar ħames snin. Rappreżentanti doganali, li mhumiex residenti ta' jew stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, huma meħtieġa li jirresjedu jew jistabbilixxu post fiss fil-Pajjiżi l-Baxxi, qabel ma jwettqu attivitajiet bħala rappreżentant doganali bil-permess. |

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi meta s-servizzi jeħtieġu l-użu tal-ispazju pubbliku.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| D. Servizzi awżiljari għat-trasport bl-ajru | |
| a) Servizzi ta' ġestjoni fuq l-art (inkluż il-kejtering) | UE: Il-kategoriji tal-attivitajiet jiddependu mid-daqs tal-ajruport. In-numru ta' fornituri f'kull ajruport jista' jkun limitat minħabba l-limitu ta' spazju disponibbli u għal mhux inqas minn żewġ fornituri għal raġunijiet oħra.<br>BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa). |
| b) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen (parti minn CPC 742) | BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa).<br>PL: Għal servizzi ta' ħżin ta' oġġetti ffriżati jew imkessħin u Servizzi ta' ħżin bl-ingrossa ta' likwidi jew gassijiet, il-kategoriji tal-attivitajiet jiddependu mid-daqs tal-ajruport. In-numru ta' fornituri f'kull ajruport jista' jkun limitat minħabba l-limitu ta' spazju disponibbli u għal mhux inqas minn żewġ fornituri għal raġunijiet oħra. |
| c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (parti minn CPC 748) | BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa).<br>HU: Mhux marbuta<br>SI: Persuni ġuridiċi biss li huma stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja (mhux fergħat) jistgħu jwettqu żdoganar. |
| d) Kiri ta' inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ (CPC 734) | UE: Inġenji tal-ajru użati minn operaturi tal-UE jridu jkunu reġistrati fi Stati Membru tal-UE li jagħti l-liċenzja lill-operatur jew, jekk l-Istat Membru tal-UE li jagħti l-liċenzja jippermetti dan, xi mkien ieħor fl-UE.<br>Biex ikun reġistrat, jista' jkun meħtieġ li l-inġenju tal-ajru jkun proprjetà jew ta' persuni fiżiċi li jilħqu kriterji nazzjonali speċifiċi jew ta' persuni ġuridiċi li jilħqu kriterji speċifiċi fir-rigward tas-sjieda tal-kapital u l-kontroll.<br>L-inġenju tal-ajru għandu jkun imħaddem minn operaturi tal-ajru li huma proprjetà jew ta' persuni fiżiċi li jilħqu kriterji nazzjonali speċifiċi jew ta' persuni ġuridiċi li jilħqu kriterji speċifiċi fir-rigward tas-sjieda tal-kapital u l-kontroll. |
| e) Bejgħ u Markitjar | UE: Obbligi speċifiċi għall-investituri li joperaw is-sistemi ta' riżervazzjoni permezz tal-kompjuter li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn operaturi tal-ajru. |
| f) Sistema ta' Riżervazzjoni permezz tal-Kompjuter | UE: Obbligi speċifiċi għall-investituri li joperaw is-sistemi ta' riżervazzjoni permezz tal-kompjuter li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn operaturi tal-ajru. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| g) Ġestjoni tal-ajruport[1] | BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa).<br>PL: Parteċipazzjoni barranija hi limitata għal 49 fil-mija. |
| h) Servizzi ta' Permessi tad-Dwana | BG: Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa).<br>SI, LV: Persuni ġuridiċi biss li huma stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja (mhux fergħat) jistgħu jwettqu żdoganar.<br>HU: Mhux marbuta<br>PL: restrizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-rappreżentazzjoni diretta fis-servizzi ta' permessi tad-dwana: it-twettiq jista' jsir biss minn aġenti doganali li għandhom residenza fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.<br>FR: Mhux marbuta sakemm ma tingħatax reċiproċità sħiħa.<br>FI: Mhux marbuta għal fergħat diretti<br>NL: il-permess lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi biex jaġixxu bħala rappreżentanti doganali hu soġġett għad-diskrezzjoni mill-ispettur, kif hemm fl-Artikoli 1(3) u 1(9) tal-Att Ġenerali dwar id-Dwana. Applikant ma jkunx aċċettat f'każ li kien sentenzjat irrevokabilment għal att kriminali fl-aħħar ħames snin. Rappreżentanti doganali, li mhumiex residenti ta' jew stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, huma meħtieġa li jirresjedu jew jistabbilixxu post fiss fil-Pajjiżi l-Baxxi, qabel ma jwettqu attivitajiet bħala rappreżentant doganali bil-permess. |
| E. Servizzi awżiljari għat-trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhumiex fjuwil[2]<br>a) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen ta' oġġetti minbarra l-karburant trasportat bil-pajpijiet[3] (parti minn CPC 742) | Xejn |

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.
[2] Is-servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsabu taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA . taħt 18.Ċ.
[3] Ir-restrizzjonijiet orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi japplikaw.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 18. SERVIZZI TAL-ENERĠIJA | |
| A. Servizzi Anċillari għall-Minjieri[1]<br>(CPC 883)[2] | Xejn |
| B. Trasport bil-Pajpijiet ta' fjuwils[3]<br>(CPC 7131) | AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mhux marbuta |
| C. Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen ta' karburanti li jiġu trasportati bil-pajpijiet[4]<br>(parti minn CPC 742) | CY, CZ, MT, PL, SK: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jkunu projbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mhux marbuta għal fergħat diretti (inkorporazzjoni hi meħtieġa). |
| D. Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' karburanti solidi, likwidi u gassużi u prodotti relatati<br>(CPC 62271)<br>u servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' elettriku, fwar u misħun [5] | UE: Mhux marbuta servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' elettriku, fwar u misħun. |
| E. Servizzi ta' Bejgħ bl-Imnut ta' fjuwil tal-magni<br>(CPC 613)<br>F. Bejgħ bl-imnut, ta' żejt għall-fjuwil, gass fil-fliexken, faħam u injam<br>(CPC 63297)<br>u servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' elettriku, gass (mhux fil-fliexken), fwar u misħun[6] | UE: Mhux marbuta għas-servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' fjuwil tal-magni, elettriku, gass (mhux fil-fliexken), fwar u misħun .<br>BE, BG, DK, FR, IT, MT, PT: Għal bejgħ bl-imnut, ta' żejt għall-fjuwil, gass fil-fliexken, faħam u injam, l-awtorizzazzjoni għall-ħwienet kbar (fil-każ ta' Franza għal ħwienet kbar biss) hi soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: in-numru u l-impatt fuq il-ħwienet eżistenti, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. |

1 Ir-restrizzjonijiet orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi japplikaw.

2 Inkluż is-servizz li ġej li hu offrut fuq bażi ta' pagament jew kuntratt: servizzi ta' parir u konsulenza relatat mat-tħaffir fil-minjieri, it-tħejjija tas-siti fuq l-art, l-installazzjoni tal-impjanti tat-tħaffir fuq l-art, tħaffir, servizzi tal-golji tat-tħaffir, servizzi tal-"casing" u tat-tubi tat-tħaffir, inġinerija tat-tajn u provvista, kontroll tas-solidi, operazzjonijiet ta' sajd u operazzjonijiet "downhole" speċjali, ġeoloġija tas-siti tal-bjar u kontroll tat-tħaffir, teħid ta' kampjuni (cores) mill-art, testjar tal-bjar, servizzi wireline, forniment u tħaddim tal-fluwidi tat-tlestija (salmuri), forniment u istallazzjoni tat-tagħmir tat-tlestija, cementing (ippumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' stimulazzjoni (tixqiq, aċidifikar u ppumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' "workover" u ta' tiswija tal-bjar, issiġillar u abbandunar tal-bjar.
Ma jinkludux aċċess dirett għal jew esplojtazzjoni ta' riżorsi naturali.
Ma jinkludux xogħol ta' preparazzjoni tas-sit għal minjieri ta' riżorsi li mhumiex żejt jew gass (CPC 5115), li jinstabu taħt 8. SERVIZZI TA' KOSTRUZZJONI.

3 Ir-restrizzjonijiet orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi japplikaw.

4 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

5 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

6 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| G. Servizzi relatati mad-distribuzzjoni tal-enerġija[1]<br>(CPC 887) | AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, HU, IT, LU, LT, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SE, UK: Mhux marbuta għajr għal servizzi ta' konsulenza, fejn: xejn.<br>SI: Mhux marbuta għajr għal servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni ta' gass, fejn: xejn. |
| 19. SERVIZZI OĦRA MHUX INKLUŻI MKIEN IEĦOR | |
| a) Servizzi ta' Ħasil, Tindif u Żebgħa tal-Ħwejjeġ<br>(CPC 9701) | Xejn |
| b) Servizzi ta' qtugħ tax-xagħar<br>(CPC 97021) | IT: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi applikati fuq bażi ta' trattament nazzjonali. It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, meta applikat, jistabbilixxi limitu fuq in-numru ta' impriżi. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità tan-negozju eżistenti. |
| c) Trattament kożmetiku, servizzi ta' manikura u pedikura<br>(CPC 97022) | IT: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi applikati fuq bażi ta' trattament nazzjonali. It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, meta applikat, jistabbilixxi limitu fuq in-numru ta' impriżi. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità tan-negozju eżistenti. |
| d) Servizzi oħra ta' trattamenti estetiċi n.e.c<br>(CPC 97029) | IT: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi applikati fuq bażi ta' trattament nazzjonali. It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, meta applikat, jistabbilixxi limitu fuq in-numru ta' impriżi. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità tan-negozju eżistenti. |
| e) Servizzi ta' spa u massaġġi mhux terapewtiċi, sakemm jingħataw bħala servizzi ta' rilassament għall-benesseri fiżiku u mhux għal skopijiet mediċi jew ta' rijabilitazzjoni [2] [3]<br>(CPC ver. 1.0 97230) | Xejn |
| g) Servizzi ta' kollegament tat-telekomunikazzjonijiet<br>(CPC 7543) | Xejn |

1 Minbarra għas-servizzi ta' konsultazzjoni, tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

2 Servizzi ta' massaġġi terapewtiċi u ta' kura termali jinstabu taħt 6.A.h) Servizzi mediċi, 6.A.j) 2 Servizzi provduti minn infirmiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku u servizzi tas-saħħa (13.A u 13 C).

3 Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi għas-servizzi tas-Spas u massaġġi mhux terapewtiċi provduti fil-qasam tal-utilità pubblika bħal ċerti sorsi tal-ilma.

TAQSIMA Ċ

IL-PERÙ

1. Il-Lista tal-Impenji ta' hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi li l-Perù impenja ruħu li jissodisfa skont l-Artikolu 114 ta' dan il-Ftehim, u, permezz ta' riservi, il-limitazzjonijiet tal-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali li japplikaw għall-istabbilimenti u l-investituri mill-Parti l-oħra f'dawn is-setturi. Il-lista hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

(a) l-ewwel kolonna li tindika s-settur jew is-subsettur fejn l-impenn huwa preżunt mill-Parti, u l-ambitu tal-liberalizzazzjoni li għalih japplikaw ir-riservi; u

(b) tieni kolonna tiddeskrivi r-riservi applikabbli u l-obbligi affettwati (L-Aċċess għas-Suq – MA (Market Access) jew it-Trattament Nazzjonali – NT (National Treatment)). L-impenji tal-MA u l-NT huma indipendenti; għaldaqstant, jekk l-MA ma jkunx sar impenn għalih f'subsettur (jibqa' "Mhux marbuta"), dan ma jinvalidax l-impenn tal-NT.

Is-setturi jew is-subsetturi mhux imsemmija fil-lista ta' hawn taħt ma sarux impenji għalihom.

2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u tas-subsetturi individwali:

(a) ISIC rev 3.1 tfisser il-Klassifikazzjoni Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stabbiliti fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002; u

(b) CPC tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali (Central Products Classification) kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 77, CPC prov, 1991.

3. Il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifiki, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar meta dawn ma jikkostitwixxu l-ebda limitazzjoni fuq l-aċċess għas-suq jew fuq it-trattament nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikoli 112 u 113 ta' dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (eż. il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, obbligi universali tas-servizzi, il-ħtieġa li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa li wieħed jgħaddi mill-eżamijiet speċifiċi, inklużi l-eżamijiet tal-lingwa, ir-rekwiżit mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet jistgħu ma jitwettqux f'żoni jew f'partijiet bl-ambjent protett u li huma ta' interess storiku u artistiku partikolari), anki jekk mhux elenkati, japplikaw f'kull każ għall-investituri tal-Parti l-oħra.

4. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 107 ta' dan il-Ftehim, il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri dwar sussidji jew għotjiet mogħtija mill-Partijiet.

5. Skont l-Artikolu 112 ta' dan il-Ftehim, ir-rekwiżiti mhux diskriminatorji fir-rigward tat-tipi tal-forma legali ta' stabbiliment mhumiex inklużi fil-lista ta' hawn taħt.

6. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' impenji ma għandu jkollhom ebda effett ta' awto-eżekuzzjoni u għalhekk ma jikkonferixxu l-ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi individwali.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| IS-SETTURI KOLLHA INKLUŻI F'DIN IL-LISTA | MA, NT: Il-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura li tagħti drittijiet jew preferenzi lil gruppi żvantaġġati soċjalment jew ekonomikament. Għar-raġunijiet ta' din ir-riserva: "gruppi etniċi" tfisser komunitajiet indiġeni, nattivi u tal-bdiewa.[1]<br><br>Il-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull kwalunkwe miżura fir-rigward tal-għoti tas-servizzi tal-infurzar tal-liġu u servizzi korrettivi, u s-servizzi li ġejjin sal-punt li huma servizzi soċjali stabbiliti jew mantenuti għal skop pubbliku: sigurtà u assigurazzjoni tad-dħul, sigurtà soċjali, benefiċċji soċjali, edukazzjoni pubblika, taħriġ pubbliku, saħħa u servizzi għall-indukrar tat-tfal.[2]<br><br>Il-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura fuq livell lokali ta' gvern, fis-seħħ fid-data ta' sottoskrizzjoni ta' dan il-Ftehim, li jillimita l-Aċċess għas-Suq (Artikolu 112 ta' dan il-Ftehim).[3]<br><br>Sussidji<br>NT: Mhux marbuta<br><br>Propjetà tal-art jew tal-baħar<br>NT: L-ebda persuna barranija, impriża kostitwita taħt liġi barranija jew impriża kostitwita taħt il-liġi Peruvjana, u posseduta sħiħa jew f'parti minnha, b'mod dirett jew indirett, minn barranin, ma tista' tixtri jew tippossjedi, bi kwalunkwe titlu, art jew baħar (inklużi minjieri, foresti jew sorsi tal-enerġija) li jinstabu f'raġġ ta' 50 kilometru mill-konfini Peruvjani. Eċċezzjonijiet jistgħu jkunu awtorizzati mid-Digriet Suprem approvat mill-Kunsill tal-Ministri skont il-liġi f'każi ta' neċessità pubblika dikjarata espressivament. |

1 Din ir-riserva ma tapplikax, sal-punt ta' inkonsistenza, għas-subsetturi u modi fl-impenji li ttieħdu mill-Peru fl-Iskeda ta' Impenji tiegħu tal-1994 (GATS/SC/69) u l-modifiki tagħha fid-dokumenti GATS/SC/69/Suppl.1 u GATS/SC/Suppl.2 tal-GATS.

2 *Idem*, nota f'qiegħ il-paġna 115.

3 *Idem*, nota f'qiegħ il-paġna 115.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| | Il-ħatra ta' ħaddiema barranin<br>MA, NT: Il-persuni kollha li jimpjegaw fil-Perù, indipendentament mill-attività jew nazzjonalità tagħhom, għandhom jagħtu trattament ta' preferenza lil ċittadini nazzjonali meta jaħtru lill-impjegati tagħhom.<br><br>Persuni fiżiċi barranin li huma fornituri ta' servizzi u li huma impjegati fil-Perù jistgħu jipprovdu servizzi fil-Perù taħt kuntratt tal-impjieg miktub u bil-limitu taż-żmien, li ma jistax jaqbeż it-tliet snin. Il-kuntratt jista' jiġi sussegwentament estiż għal perjodi ta' żmien. Impriżi li jipprovdu servizzi jridu juru provi tal-impenn tal-kumpanija fit-taħriġ ta' persunal nazzjonali fl-istess okkupazzjoni.<br><br>Persuni fiżiċi barranin jistgħu ma jirrappreżentawx aktar minn 20 fil-mija min-numru totali ta' impjegati ta' impriża, u l-pagi tagħhom ma jistgħux jisbqu t-30 fil-mija mill-pagi totali għall-pagi u s-salarji. Dawn il-perċentwali ma japplikawx fil-każi li ġejjin:<br>– meta ċ-ċittadin barrani li qed jipprovdi s-servizz hu miżżewweġ ma', ġenitur, iben/bint jew ħu/oħt ta' ċittadin Peruvjan ;<br>– meta l-persunal qed jaħdem għal impriża barranija li tipprovdi servizzi internazzjoni tat-trasport fuq l-art, bl-ajru jew fuq il-baħar b'bandiera u reġistrazzjoni barranin;<br>– meta l-persunal barrani jaħdem f'bank multinazzjonali jew impriża li tipprovdi servizzi multinazzjonali, soġġetti għal-liġijiet li jirrigwardjaw il-każi speċifiċi;<br>– għal investitur barrani, jekk l-investiment tiegħu permanentement jżomm fil-Perù tal-inqas ħames Unitajiet ta' Taxxa Tributarja "UITs - Unidad Impositiva Tributaria" sakemm idum il-kuntratt tiegħu [1];<br>– għall-artisti, atleti jew fornituri oħra tas-servizzi li jipparteċipaw fi prestazzjonijiet pubbliċi fit-territorju Peruvjan, għal massimu ta' tliet xhur fis-sena;<br>– meta ċittadin barrani għandu visa ta' immigrant;<br>– għal ċittadin barrani li l-pajjiż tal-oriġini tiegħu għandu ftehim ta' reċiproċità fis-suq tax-xogħol jew ta' nazzjonalità doppja mal-Perù; u<br>– meta persunal barrani jipprovdi servizzi fil-Perù taħt ftehim bilaterali jew multilaterali konkluż mill-Gvern Peruvjan. |

[1] L-Unità tat-Taxxa Tributarja hi ammont fiss użat bħala referenza fir-regoli ta' tassazzjoni sabiex jinżammu f'valuri kostanti l-bażi tat-taxxa, it-tnaqqis, il-limiti ta' effett u aspetti oħra tat-taxxa li l-leġislatur jikkunsidra bħala konvenjenti.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| | L-impjegaturi jistgħu jitolbu tneħħija tal-perċentwali relatati man-numru ta' barranin u s-sehem tagħhom fis-salarji tal-kumpanija f'dawk il-każijiet li jinvolvu:<br>– persunal professjonali u tekniku speċjalizzat;<br>– diretturi jew persunal tal-maniġment għal attività ta' negozju ġdida jew attività ta' negozju li nbidlet mill-ġdid;<br>– għalliema maħtura għall-edukazzjoni post-sekondarja, jew għal skejje elementaril barranin u skejjel ogħla barranin; jew għat-tagħlim tal-lingwi fi skejjel privati lokali; jew għal ċentri speċjalizzati fil-lingwi;<br>– persunal li jaħdem għal impriżi pubbliċi u privati bi ftehim kuntrattwali ma' organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet jew impriżi pubbliċi; u<br>– fi kwalunkwe każ ieħor determinat mid-Digriet Suprem minħabba l-kriterji ta' speċjalizzazzjoni, kwalifiki jew esperjenza.<br><br>L-Arti Teatrali, l-Arti Viżwali, il-Mużika u l-Ippubblikar<br>Il-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura li tikkundizzjona l-għoti jew l-għoti kontinwu ta' appoġġ mill-gvern għall-iżvilupp u l-produzzjoni tad-diżinjar tal-ġojjelli, l-arti teatrali, l-arti viżwali, il-mużika u l-pubblikazzjoni fuq id-destinatarju li jikseb livell speċifiku jew persentaġġ ta' kontenut kreattiv domestiku.<br><br>L-industrija Awdjo-viżiva, l-Ippubblikar u l-Mużika<br>Il-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura li tagħti lil persuna fiżika jew persuna ġuridika tal-Parti l-oħra t-trattament li jingħata minn dik il-Parti l-oħra lil persuna fiżika jew ġuridika Peruvjana fis-setturi awdjoviżivi, tal-ippubblikar u mużikali. |
| A. AGRIKOLTURA, KAĊĊA u FORESTRIJA<br>Minbarra l-attivitajiet ta' forniment tas-servizzi, bħal servizzi ta' pariri jew konsulenzi | |
| 01. Agrikoltura, kaċċa<br>(CIIU rev 3.1: 011, 012, 013, 014, 015) | MA, NT: Xejn |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 02. Forestrija, qtugħ ta' zkuk<br>(CIIU rev 3.1: 020) | MA, NT: Xejn |
| B. SAJD U AKKWAKULTURA<br>(CIIU rev.3.1: 0501, 0502)<br>Minbarra l-attivitajiet ta' forniment tas-servizzi, bħal servizzi ta' pariri jew konsulenzi | MA: Mhux marbuta<br>NT: Il-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura relatata mas-sajd artiġjanali.<br>Għal ċertezza akbar, il-Perù jista' jżomm proviżjonijiet u miżuri differenti għal bastimenti b'bandiera barranija minn dawk stabbiliti għal bastimenti b'bandiera Peruvjana, u dan ma għandux jiġi interpretat bħala vjolazzjoni tat-Trattament Nazzjonali. |
| C. TĦAFFIR FIL-MINJIERI U L-BARRIERI<br>Minbarra l-attivitajiet ta' forniment tas-servizzi, bħal servizzi ta' pariri jew konsulenzi | |
| 10. Tħaffir fil-minjieri għal faħam u lignite; estrazzjoni tal-pit<br>(CIIU rev 3.1: 10) | MA: Mhux marbuta<br>NT: Xejn |
| 11. Estrazzjoni ta' petroleum mhux raffinat u ta' gass naturali[1]<br>(CIIU rev 3.1: 1110) | MA: Mhux marbuta<br>NT: Xejn |
| 12. Tħaffir fil-minjieri għall-uranju u t-torju mhux maħduma<br>(CIIU rev 3.1: 12) | MA: Mhux marbuta<br>NT: Xejn |
| 13. Tħaffir fil-minjieri għal metalli mhux maħdumin<br>(CIIU rev 3.1: 13) | MA: Mhux marbuta<br>NT: Xejn |

[1] Dan is-Settur ma jinkludix it-tidwib ta' minerali fuq bażi ta' pagament jew kuntratt f'żoni taż-żejt jew tal-gass, li huma koperti mis-Servizzi tal-Enerġija.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 14. Tħaffir ieħor fil-minjieri u l-barrierI<br>(CIIU rev 3.1: 14) | MA: Mhux marbuta<br>NT: Xejn |
| D. MANIFATTURA[1] | |
| 15. Manifattura ta' prodotti tal-ikel u ta' xorb<br>(CIIU rev 3.1: 15) | MA, NT: Xejn |
| 16. Manifattura ta' prodotti tat-tabakk<br>(CIIU rev 3.1: 16) | MA, NT: Xejn |
| 17. Manifattura tat-tessuti<br>(CIIU rev 3.1: 17) | MA, NT: Xejn |
| 18. Manifattura tal-ħwejjeġ; preparazzjoni u tiżbigħ tal-fer<br>(CIIU rev 3.1: 18) | MA, NT: Xejn |
| 19. Kunzatura u preparazzjoni tal-ġilda; manifattura ta' bagalji, basktijiet, prodotti tas-sruġ, xdud u żraben<br>(CIIU rev 3.1: 19) | MA, NT: Xejn |
| 20. Manifattura ta' injam u ta' prodotti tal-injam u tas-sufra, għajr għamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u ta' materjali li jinħadmu f'malji<br>(CIIU rev 3.1: 20) | MA, NT: Xejn |
| 21. Manifattura ta' karta u prodotti tal-karti<br>(CIIU rev 3.1: 21) | MA, NT: Xejn |

1 Dan is-Settur ma jinkludix servizzi ta' konsultazzjoni relatati mal-industrija tal-manifattura, li huma koperti mis-Servizzi tan-Negozji.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 22. Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata<br>(CIIU rev 3.1: 22) għajr il-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt [1] | MA, NT: Xejn |
| 23. Manifattura ta' kokk, prodotti tal-petroleum raffinat u fjuwil nukleari<br>(CIIU rev 3.1: 23) | MA, NT: Xejn |
| 24. Manifattura ta' kimiċi u prodotti kimiċi minbarra l-isplussivi<br>(CIIU rev 3.1: 24 għajr il-manifattura tal-isplussivi) | MA, NT: Xejn |
| 25. Manifattura ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik<br>(CIIU rev 3.1: 25) | MA, NT: Xejn |
| 26. Manifattura ta' prodotti minerali oħra mhux metalliċi<br>(CIIU rev 3.1: 26) | MA, NT: Xejn |
| 27. Manifattura ta' metalli bażiċi<br>(CIIU rev 3.1: 27) | MA, NT: Xejn |
| 28. Manifattura ta' prodotti tal-metall fabbrikat, minbarra makkinarju u apparat<br>(CIIU rev 3.1: 28) | MA, NT: Xejn |

[1] L-istampar ta' materjali ta' pakkettar hu kopert mis-Servizzi tan-Negozji.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 29. Manifattura ta' makkinarju u tagħmir n.e.c. minbarra l-manifattura ta' armi u munizzjonijiet<br>(CIIU rev 3.1: 291, 2921, 2922, 2923, 2924, 2925, 2926, 2929, 293) | MA, NT: Xejn |
| 30. Manifattura ta' makkinarju għall-uffiċċju, għaż-żamma tal-kotba u għal xogħol tal-kompjuters<br>(CIIU rev 3.1: 30) | MA, NT: Xejn |
| 31. Manifattura ta' makkinarju u apparat tal-elettriku n.e.c.<br>(CIIU rev 3.1: 31) | MA, NT: Xejn |
| 32. Manifattura ta' tagħmir u apparat għar-radju, it-televiżjoni u l-komunikazzjoni<br>(CIIU rev 3.1: 32) | MA, NT: Xejn |
| 33. Manifattura ta' strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi, arloġġi tal-idejn u arloġġi tal-ħajt<br>(CIIU rev 3.1: 33) | MA, NT: Xejn |
| 34. Manifattura ta' vetturi bil-mutur, karrijiet u semikarrijiet<br>(CIIU rev 3.1: 34) | MA, NT: Xejn |
| 35. Manifattura ta' tagħir ieħor għat-trasport (mhux militari)[1]<br>(CIIU rev 3.1: 35 għajr l-manifattura ta' bastimenti tal-gwerra, ajruplani tal-gwerra u tagħmir ieħor ta' trasport għal użu militari) | MA, NT: Xejn |

[1] Dan is-Subsettur ma jinkludix il-manutenzjoni, it-tiswija u l-modifikazzjoni ta' servizzi tal-bastimenti u tal-magni tal-bastimenti.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 36. Manifattura tal-għamara; manifattura n.e.c.<br>(CIIU rev 3.1: 36) | MA, NT: Xejn |
| 37. Riċiklaġġ<br>(CIIU rev 3.1: 37) | MA, NT: Xejn |
| E. PROVVISTA TA' ELETTRIKU, GASS U ILMA[1]<br><br>(Parte de CIUU rev 3.1: 4010, 4020 u 4030) | MA: Mhux marbuta<br>NT: Xejn, minbarra li l-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-forniment pubbliku ta' ilma tax-xorb. |
| 1. SERVIZZI TAN-NEGOZJI | |
| A. SERVIZZI PROFESSJONALI | Sabiex jingħataw servizzi professjonali fil-Peru, id-diplomi li nkisbu barra jridu jiġu rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti fil-Peru. Ir-residenza fil-Perù hu meħtieġa, mingħajr diskriminazzjoni lejn in-nazzjonalità, għar-rikonoxximent tad-diplomi. Barra minn hekk, f'ċerti professjonijiet hu neċessarju li tkun membru attiv tal-korp professjonali relevanti sabiex tipprattika l-professjoni. |
| 1. assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni)<br><br>(b) Assigurazzjonijiet msemmija fil-paragrafu B.3 (a) (i) u (ii) Tas-Sezzjoni tal-Aċċess għas-Suq tal-"Ftehim", differenti minn fuq il-ħajja. | Għal Mod 1<br><br>Xejn, minbarra li L-Kolombja tista' teħtieġ li fornituri tas-servizzi finanzjarji transkonfinali jipprovdu informazzjoni bħall-valur totali tal-primjums mħallsa lilhom minn persuni residenti fil-Kolombja.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn, għajr għal:<br><br>(a) dawk is-servizzi tal-assigurazzjoni li l-akkwist tagħhom hu mandatorju skont il-liġi Kolombjana;<br>(b) is-servizzi tal-assigurazzjoni kollha, meta d-detentur tal-polza, assigurat, jew benefiċjarju hu ministeru, dipartiment jew aġenzija tal-gvern Kolombjan (entidad del Estado);<br>(c) dawk is-servizzi tal-assigurazzjoni li l-akkwist tagħhom hu projbit skont il-liġi Kolombjana qabel l-akkwist tas-servizzi tal-assigurazzjoni deskritti fis-subparagrafu (a) jew il-parteċipazzjoni fis-sistema ta' sigurtà soċjali tal-Kolombja; u<br>(d) it-tipi kollha ta' vitalizji (renta vitalicia), assigurazzjoni tal-mewt u d-diżabbiltà (previsionales de invalidez u sobrevivencia), u assigurazzjoni ta' kumpens tal-ħaddiema (riesgos profesionales). |
| 2. assigurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni | Għal Modi 1 u 2: Xejn |
| 3. intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, bħal senserija u aġenzija | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta, minbarra xejn għal intermedjazzjoni fir-rigward tal-assigurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni, u fir-rigward tas-servizzi tal-assigurazzjoni indikati fil-paragrafi B.3 (a) (i) u (ii) tas-Sezzjoni tal-Aċċess għas-Suq tal-"Ftehim". |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
| --- | --- |
| | Għal Mod 2<br><br>Xejn, għajr għas-servizzi li ġejjin:<br><br>(a) dawk is-servizzi tal-assigurazzjoni li l-akkwist tagħhom hu mandatorju skont il-liġi Kolombjana;<br>(b) dawk is-servizzi tal-assigurazzjoni li l-akkwist tagħhom hu projbit skont il-liġi Kolombjana qabel l-akkwist tas-servizzi tal-assigurazzjoni deskritti fis-subparagrafu (a) jew il-parteċipazzjoni fis-sistema ta' sigurtà soċjali tal-Kolombja;<br>(a) is-servizzi tal-assigurazzjoni kollha, meta d-detentur tal-polza, assigurat, jew benefiċjarju hu ministeru, dipartiment jew aġenzija tal-gvern Kolombjan (entidad del Estado); u<br>(b) it-tipi kollha ta' vitalizji (renta vitalicia), assigurazzjoni tal-mewt u d-diżabbiltà (previsionales de invalidez u sobrevivencia), u assigurazzjoni ta' kumpens tal-ħaddiema (riesgos profesionales). |
| 4. servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni, bħas-servizzi ta' konsulenza, attwarjali, evalwazzjoni tar-riskju u soluzzjonijiet ta' klejms | Għal Modi 1 u 2: Xejn. |
| B. Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (għajr l-assigurazzjoni): | |
| 1. aċċettar ta' depożiti u fondi oħra ripagabbli mill-pubbliku | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| 2. kull tip ta’ self, fosthom kreditu għall-konsumatur, kreditu ipotekarju, bejgħ u ffinanzjar ta’ tranżazzjonijiet kummerċjali | |
| 3. kiri finanzjarju | |
| 4. is-servizzi kollha ta’ ħlas u ta’ mogħdija tal-flus, fosthom il-kards ta’ kreditu, ta’ ħlas u ta’ debitu, it-travellers cheques u l-bankers drafts | |
| 5. garanziji u impenji | |
| 6. negozjar għall-kont proprju jew għall-kont tal-klijenti, kemm jekk fuq skambju, f’suq over-the-counter jew mod ieħor, dawn li ġejjin: | |
| (a) strumenti tas-suq tal-flus (inklużi ċekkijiet, kambjali u ċertifikati ta’ depożiti); | |
| (b) kambju; | |
| (c) prodotti derivattivi li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, futures u opzjonijiet; | |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| (d) ir-rata tal-kambju u strumenti tar-rata tal-imgħax, fosthom prodotti bħal tpartit, ftehim dwar ir-rata bil-quddiem; | |
| (e) titoli trasferibbli; | |
| (f) strumenti u assi finanzjarji oħra negozjabbli, inkluż id-deheb. | |
| 7. parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, fosthom sottoskrizzjoni u tqegħid bħala aġent (b'mod pubbliku jew privat) u l-provvediment ta' servizzi relatati ma' dan il-ħruġ | |
| 8. senserija tal-kambju | |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| 9. ġestjoni tal-assi, bħalma huwa ġestjoni ta' flus jew portafolji, kull forma ta' ġestjoni ta' investiment kollettiv, il-ġestjoni ta' fondi tal-pensjonijiet, servizzi ta' kustodja, depożitarji u fiduċjarji; għajr fondi tal-pensjonijiet, l-immaniġġjar ta' fondi ta' pagament għall-immaniġġjar u s-sensji (Sociedades Administradoras de Fondos de Pensiones u Cesantias) u l-immaniġġjar ta' assi oħra relatati mas-sistema ta' sigurtà soċjali. | Għal Modi 1 u 2<br><br>Xejn, għajr:<br><br>(i) servizzi ta' kustodja, sakemm mhumiex relatati mal-immaniġġjar ta' skema ta' investiment kollettiv[1];<br>(ii) servizzi ta' fiduċjarji, iżda mhux għajr il-holding fil-fiduċjarja tal-investimenti minn skema ta' investiment kollettiv[2] stabbilita bħala fiduċjarja; u;<br>(iii) servizzi ta' eżekuzzjoni, sakemm mhumiex relatati mal-immaniġġjar ta' skema ta' investiment kollettiv[3]. |
| 10. servizzi ta' saldu u rilaxx għal assi finanzjarji, fosthom titoli, prodotti derivattivi u strumenti oħra negozjabbli. | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

1 Il-Kolombja tista' tkun teħtieġ skema ta' investiment kollettiv li tinsab fit-territorju tal-Parti l-oħra biex tieħu r-responsabbiltà finali għall-ġestjoni tal-iskema ta' investiment kollettiv, inklużi l-assi tal-iskema ta' investiment kollettiv.

2 Il-Kolombja tista' tkun teħtieġ skema ta' investiment kollettiv li tinsab fit-territorju tal-Parti l-oħra biex tieħu r-responsabbiltà finali għall-ġestjoni tal-iskema ta' investiment kollettiv, inklużi l-assi tal-iskema ta' investiment kollettiv.

3 Il-Kolombja tista' tkun teħtieġ skema ta' investiment kollettiv li tinsab fit-territorju tal-Parti l-oħra biex tieħu r-responsabbiltà finali għall-ġestjoni tal-iskema ta' investiment kollettiv, inklużi l-assi tal-iskema ta' investiment kollettiv.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| 11. għoti u trasferiment ta' tagħrif finanzjarju, u pproċessar ta' dejta finanzjarja u softwer relatat | Għal Modi 1 u 2<br><br>Xejn, għajr:<br><br>Fejn l-informazzjoni finanzjarja jew l-ipproċessar ta' dejta finanzjarja ta' dan l-impenn jinvolvu dejta personali, it-trattament ta' tali dejta personali jrid isir skont il-liġi Kolombjana regulating the protection of such data;<br>Pjattaforma tal-kummerċ, kemm elettronika kif ukoll fiżika, ma taqax taħt is-servizzi speċifikati. |
| 12. servizzi ta' konsulenza, ta' intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari oħra fuq l-attivitajiet kollha elenkati fis-sottoparagrafi 1 sa 11, fosthom referenza u analiżi tal-kreditu, riċerka u parir dwar l-investiment u l-portafolji, parir dwar l-akkwisti u dwar ir-ristrutturar u l-istrateġija korporattiva | Għal Modi 1 u 2<br><br>Xejn.<br><br>Mhux marbuta għar-referenza u l-analiżi tal-kreditu. |
| 14. TURIŻMU U SERVIZZI RELATATI MAL-IVVJAĠĠAR | |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
| --- | --- |
| A. Lukandi, Ristoranti u Kejtering<br>(CPC 641, CPC 642 u CPC 643) | Għal Mod 1<br><br>Għal CPC 641: Xejn.<br>Għal CPC 642 u CPC 643 Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2, 4 u 5 ta' din it-Taqsima.<br>Għal CPC 642 u CPC 643 Aċċess għas-Suq: Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Għal CPC 641: Xejn.<br>Għal CPC 642 u CPC 643 Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1 u 2 ta' din it-Taqsima.<br>Għal CPC 642 u CPC 643 Aċċess għas-Suq: Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima. |
| B. Servizzi tal-Aġenziji tal-Ivjaġġar u tal-Operaturi tal-Vjaġġi Turisitiċi (CPC 7471) | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| C. Servizzi ta' Gwidi Turistiċi (CPC 7472) | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2, 4 u 5 ta' din it-Taqsima.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1 u 2 ta' din it-Taqsima.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| 15. SERVIZZI RIKREATTIVI, KULTURALI U SPORTIVI (minbarra servizzi awdjoviżivi) | |
| A. Servizzi ta' Divertiment | |
| Serivizzi ta' ċirklu, parks ta' divertiment u attrazzjonijiet simili (CPC 96194) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Mhux marbuta. |
| Serivizzi ta' ballroom, diskoteki u tagħlim taż-żfin (CPC 96195) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Mhux marbuta. |
| B. Servizzi tal-Aġenziji tal-Aħbarijiet u tal-Istampa (CPC 962) | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2, 4 u 5 ta' din it-Taqsima.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1 u 2 ta' din it-Taqsima.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| C. LIBRERIJI, ARKIVJI, MUŻEWIJIET U SERVIZZI KULTURALI OĦRA<br>(servizzi ffinanzjati mill-privat biss)<br>(CPC 963) | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2, 4 u 5 ta' din it-Taqsima.<br><br>Aċċess għas-Suq: Mhux marbuta.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1 u 2 ta' din it-Taqsima.<br><br>Aċċess għas-Suq: Mhux marbuta. |
| D. Sevizzi sportivi<br>(CPC 9641) | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2, 4 u 5 ta' din it-Taqsima.<br><br>Aċċess għas-Suq: Mhux marbuta.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1 u 2 ta' din it-Taqsima.<br><br>Aċċess għas-Suq: Mhux marbuta. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| E. Parks rikreattivi u servizzi ta' fuq ix-xtajta<br>(CPC 96491) | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2, 4 u 5 ta' din it-Taqsima.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1 u 2 ta' din it-Taqsima.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima. |
| 16. SERVIZZI TAT-TRASPORT | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2, 4 u 5 ta' din it-Taqsima.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1 u 2 ta' din it-Taqsima.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| A. TRASPORT MARITTIMU | Il-Kolombja tieħu impenji skont il-Lista ta' Servizzi tat-Trasport Marittimu fi tmiem din it-Taqsima. |
| B. TRASPORT FIL-MOGĦDIJIET TAL-ILMA INTERNI | Il-Kolombja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenzjat lil pajjiżi konfinali skont kwalunkwe ftehim bilaterali jew multilaterali internazzjonali ffirmat wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li jinvolvi s-servizzi tat-trasport fuq ix-xmajjar. |
| a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7221) | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, minbarra li fornituri ta' servizzi tat-trasport pubbliku fit-territorju tal-Kolombja jridu jkunu impriżi organizzati skont il-liġi Kolombjana u domiċiljati fil-Kolombja.<br><br>Impriżi organizzati skont il-liġi Kolombjana biss li jużaw bastimenti b'bandiera Kolombjana jistgħu jipprovdu servizzi ta' trasport marittimu u fluvjali bejn żewġ punti fit-territorju tal-Kolombja (kabottaġġ)<br><br>Il-bastimenti kollha b'bandiera barranija li jkunu diħlin fil-port Kolombjan irid ikollhom rappreżentant responsabbli legalment għall-attivitajiet tagħhom fil-Kolombja u domiċiljat fil-Kolombja.<br><br>Pilotaġġ f'ibħra u xmajjar territorjali Kolombjani jistgħu jitwettqu biss minn ċittadini Kolombjani.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| b) Trasport tal-merkanzija<br>(CPC 7222) | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, minbarra li fornituri ta' servizzi tat-trasport pubbliku fit-territorju tal-Kolombja jridu jkunu impriżi organizzati skont il-liġi Kolombjana u domiċiljati fil-Kolombja.<br><br>Impriżi barranin biss b'aġent jew rappreżentant domiċiljat fil-Kolombja u legalment responsabbli għall-attivitajiet tagħhom fil-Kolombja jistgħu jipprovdu trasport multimodali tal-merkanzija ġewwa u mit-territorju Kolombjan.<br><br>Impriżi organizzati skont il-liġi Kolombjana biss li jużaw bastimenti b'bandiera Kolombjana jistgħu jipprovdu servizzi ta' trasport marittimu u fluvjali bejn żewġ punti fit-territorju tal-Kolombja (kabottaġġ).<br><br>Il-bastimenti kollha b'bandiera barranija li jkunu deħlin fil-port Kolombjan irid ikollhom rappreżentant responsabbli legalment għall-attivitajiet tagħhom fil-Kolombja u domiċiljat fil-Kolombja.<br><br>Pilotaġġ f'ibħra u xmajjar territorjali Kolombjani jistgħu jitwettqu biss minn ċittadini Kolombjani.<br>Aċċess għas-Suq: Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
| --- | --- |
| C. TRASPORT BIL-FERROVIJA | |
| a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7111) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7112) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| D. TRASPORT FUQ L-ART | |
| a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7121 u CPC 7122) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7123, għajr il-ġarr ta' oġġetti postali għall-kont proprju) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| E. TRASPORT BIL-PAJPIJIET TA' PRODOTTI LI MHUX FJUWIL (CPC 7139) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| 17. SERVIZZI AWŻILJARI GĦAT-TRASPORT | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1, 2, 4 u 5 ta' din it-Taqsima.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, għajr kif indikat fin-noti numru 1 u 2 ta' din it-Taqsima.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn, għajr kif indikat fin-nota numru 1 ta' din it-Taqsima.<br><br>Mhux marbuta fir-rigward tan-numru ta' konċessjonijiet u n-numru totali ta' operazzjonijiet. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| A. Servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu | |
| g) Kiri ta' Bastimenti bl-Ekwipaġġ<br>(CPC 7213) | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, minbarra li fornituri ta' servizzi tat-trasport pubbliku fit-territorju tal-Kolombja jridu jkunu impriżi organizzati skont il-liġi Kolombjana u domiċiljati fil-Kolombja.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| h) Servizzi ta' ġbid u rmunkar<br>(CPC 7214) | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali:<br><br>Xejn, minbarra li l-bastimenti kollha b'bandiera barranija li jkunu diħlin fil-port Kolombjan irid ikollhom rappreżentant responsabbli legalment għall-attivitajiet tagħhom fil-Kolombja u domiċiljat fil-Kolombja.<br><br>Bastimenti b'bandiera Kolombjana biss jistgħu jipprovdu servizzi tal-portijiet f'ilmijiet Kolombjani. Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali, id-*Dirección General Marítima* tista' tawtorizza forniment ta' tali servizzi minn bastimenti b'bandiera barranija jekk l-ebda bastiment Kolombjan m'għandu l-kapaċità biex iforni tali servizz. L-awtorizzazzjoni tkun maħruġa għal sitt xhur, iżda tista' tiġġedded sa sena.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| j) Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra<br>(parti minn CPC 749) | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| B. Servizzi awżiljarji għat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni | |
| a) Servizzi ta' ġestjoni tat-tagħbija<br>(parti minn CPC 741) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta*.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| b) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen<br>(parti minn CPC 742) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta*.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
| --- | --- |
| c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija<br>(parti minn CPC 748) | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| d) Kiri ta' Bastimenti bl-Ekwipaġġ<br>(CPC 7223) | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, minbarra li fornituri ta' servizzi tat-trasport pubbliku fit-territorju tal-Kolombja jridu jkunu impriżi organizzati skont il-liġi Kolombjana u domiċiljati fil-Kolombja.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| e) Servizzi ta' ġbid u rmunkar<br>(CPC 7224) | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali:<br><br>Xejn, minbarra li l-bastimenti kollha b'bandiera barranija li jkunu diħlin fil-port Kolombjan irid ikollhom rappreżentant responsabbli legalment għall-attivitajiet tagħhom fil-Kolombja u domiċiljat fil-Kolombja.<br><br>Bastimenti b'bandiera Kolombjana biss jistgħu jipprovdu servizzi tal-portijiet f'ilmijiet Kolombjani. Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali, id-*Dirección General Marítima* tista' tawtorizza forniment ta' tali servizzi minn bastimenti b'bandiera barranija jekk l-ebda bastiment Kolombjan m'għandu l-kapaċità biex iforni tali servizz. L-awtorizzazzjoni tkun maħruġa għal sitt xhur, iżda tista' tiġġedded sa sena.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| g) Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra<br>(parti minn CPC 749) | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| C. Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija | |
| a) Servizzi ta' ġestjoni tat-tagħbija (parti minn CPC 741) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta*.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| b) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen (parti minn CPC 742) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta*.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (parti minn CPC 748) | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
| --- | --- |
| d) Servizzi ta' ġbid u rmunkar (CPC 7113) | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| e) Servizzi ta' appoġġ għat-trasport bil-ferrovija (CPC 743) | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| f) Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra (parti minn CPC 749) | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| D. Servizzi awżiljarji għat-Trasport fuq l-Art | |
| a) Servizzi ta' ġestjoni tat-tagħbija (parti minn CPC 741) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta*.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
| --- | --- |
| b) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen<br>(parti minn CPC 742) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta*.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija<br>(parti minn CPC 748) | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| d) Kiri ta' Vetturi Kummerċjali tat-Triq bl-Operaturi<br>(CPC 7124) | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| e) Servizzi ta' sostenn għat-tagħmir tat-trasport fuq l-art (CPC 744) | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| f) Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra (parti minn CPC 749) | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| E. Servizzi awżiljari għat-trasport bl-ajru | |
| a) Servizzi ta' ġestjoni fuq l-art | Għal Mod 1<br><br>Xejn, minbarra r-rekwiżit ta' preżenza kummerċjali fil-Kolombja għall-forniment ta' Servizzi ta' ġestjoni fuq l-art.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| b) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen<br>(parti minn CPC 742) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta*.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| c) Servizzi tal-aġenzija tat-trasport tal-merkanzija<br>(parti minn CPC 748) | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| e) Bejgħ u Marketing | Għal Mod 1<br><br>Xejn, minbarra provviżjonijiet dwar il-kummissjonijiet u/jew pagamenti li t-trasportaturi japplikaw għal aġenti tal-ivjaġġar u għal intermedjarji inġenerali.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| f) Sistema ta' Riżervazzjoni permezz tal-Kompjuter | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| g) Ġestjoni tal-ajruport | Għal Mod 1<br><br>Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| F. Servizzi awżiljari għat-trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhumiex fjuwil | |
| a) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen ta' oġġetti minbarra l-karburant trasportat bil-pajpijiet, (parti minn CPC 742) | Għal Mod 1<br><br>Mhux marbuta*.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| 18. SERVIZZI TAL-ENERĠIJA | |
| A. Servizzi Anċillari għall-Minjieri<br>(CPC 883) | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, minbarra li biex ikunu fornuti servizzi direttament relatati mal-esplorazzjoni u l-użu ta' minerali u idrokarboni fil-Kolombja, persuna ġuridika magħżula skont il-liġijiet ta' pajjiż barrani jrid jistabbilixxi fergħa, kumpanija affiljata, jew sussidjarja fil-Kolombja.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |
| D. Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' karburanti solidi, likwidi u gassużi u prodotti relatati<br>(CPC 62271)<br>u servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' elettriku, fwar u misħun<br><br>Japplika dak li hu stabbilit fis-Settur 9. Servizzi ta' Distribuzzjoni | Għal Mod 1<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn, minbarra li impriżi organizzati taħt il-liġi Kolombjana qabel it-12 ta' Lulju, 1994 biss, jistgħu jagħmlu markitjar(*comercialización)* u t-trasmissjoni ta' enerġija elettrika jew jipparteċipaw f'aktar minn waħda mill-attivitajiet li ġejjin fl-istess waqt: il-ġenerazzjoni, id-distribuzzjoni, jew it-trasmissjoni ta' enerġija elettrika.<br><br>Għal Mod 2<br><br>Xejn. |

LISTA TA' TRASPORT MARITTIMU

NOTI GĦAL-LISTA TA' SERVIZZI TAT-TRASPORT MARITTIMU INTERNAZZJONALI

Meta s-servizzi ta' trasport bit-triq, bil-ferrovija u fuq il-passaġġi tal-ilma interni, kif ukoll is-servizzi awżiljarji relatati mhumiex kompletament koperti b'mod ieħor f'din il-Lista, operatur tat-trasport multimodali (kif definit fil-punt 3 tad-Definizzjonijiet tan-noti għal-lista ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali ta' din it-Taqsima) għandu jkollu l-abbiltà li jikri trakkijiet, vaguni tal-ferrovija jew barkuni, u tagħmir relatat, għall-iskop tat-trasmissjoni tal-merkanziji internament, jew ikollu l-aċċess għal, u l-użu ta', dawn il-forom ta' attivitajiet multimodali fuq termini u kundizzjonijiet raġjonevoli u mhux diskriminatorji għall-iskop tat-twettiq tal-operazzjonijiet tat-trasport multimodali .

"Termini u kundizzjonijiet raġjonevoli u mhux diskriminatorji" tfisser, għall-fini tal-operazzjonijiet tat-trasport multimodali u għal dan l-impenn addizzjonali, l-abbiltà tal-operatur tat-trasport multimodali li jagħmel l-arranġamenti għall-ġarr tal-merkanzija tiegħu fuq bażi f'waqtha, inkluża prijorità fuq merkanzija oħra li tkun daħlet fil-port f'data aktar tard.

DEFINIZZJONIJIET

1. Fil-każ tal-Kolumbja, minħabba l-lokazzjoni ġeografika tagħha, "kabotaġġ" hija dik realizzata bejn il-portijiet kontinentali Kolumbjani jew il-portijiet insulari Kolumbjani, skont l-Artikolu 143 tad-Digriet 2324 tal-1984[1] u l-Artikolu 2 tad-Digriet 804 tal-2001[2].

2. "Forom oħra ta' preżenza kummerċjali għall-forniment ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali" ifissru l-abbiltà tal-fornituri tas-servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali ta' Membri oħra li jwettqu lokalment l-attivitajiet kollha li huma meħtieġa għall-provvista lill-klijenti tagħhom ta' servizz tat-trasport parzjalment jew kompletament integrat, fejn it-trasport marittimu jikkostitwixxi element sostanzjali.[3]

[1] DIGRIET 2324 TAL-1984: "(…)ARTIKOLU 143.- TRASPORT INTERNAZZJONALI U BIL-KABOTAĠĠ: Is-servizzi tat-trasport marittimu jistgħu jkunu internazzjonali jew ta' kabotaġġ. Is-servizzi internazzjonali jiġu pprovduti bejn il-portijiet barranin u l-portijiet Kolumbjani, u s-servizzi ta' kabotaġġ jiġu pprovduti bejn il-portijiet Kolumbjani.
*PARÁGRAFO* [PARAGRAFU]:- Meta f'operazzjoni ta' kabotaġġ tat-trasport, il-merkanzija titgħabba/tinħatt jew il-passiġġieri jitgħabbew/jitniżżlu f'port barrani, din titqies, għall-effetti kollha, bħala trasport internazzjonali.

[2] DIGRIET 804 TAL-2001: "Artikolu 2: Definizzjonijiet: (…)It-trasport marittimu bil-kabotaġġ: Huwa dak imwettaq bejn il-portijiet kontinentali tal-Kolumbja jew il-portijiet insulari tal-Kolumbja."

[3] Madankollu, dan l-impenn mgħandux jitqies bħala li jillimita bi kwalunkwe mod l-impenji mwettqa taħt il-mod transkonfinali tal-provvista.

Dawn l-attivitajiet jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

(a) il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' servizzi tat-trasport marittimu u servizzi relatati permezz ta' kuntatt dirett mal-klijenti, mill-kwotazzjoni sal-ħruġ tal-fatturi, b'dawn is-servizzi huma dawk operati jew offruti mill-fornitur tas-servizzi nnifsu jew minn fornituri tas-servizzi li magħhom il-bejjiegħ tas-servizz ikun stabbilixxa arranġamenti kummerċjali permanenti;

(b) l-akkwist, f'isimhom stess jew f'isem il-klijenti tagħhom (u l-bejgħ mill-ġdid lill-klijenti tagħhom) ta' kwalunkwe servizzi ta' trasport u servizzi relatati, inklużi servizzi ta' trasport ġewwieni b'kull mod, partikolarment il-passaġġi tal-ilma interni, it-trasport bit-triq u bil-ferrovija, meħtieġa għall-provvista tas-servizz integrat;;

(c) it-tħejjija tad-dokumentazzjoni dwar id-dokumenti tat-trasport, id-dokumenti doganali, jew dokumenti oħrajn relatati mal-oriġini u l-karattru tal-oġġetti ttrasportati;

(d) l-għoti ta' informazzjoni kummerċjali b'kull mezz, inklużi sistemi ta' informazzjoni kompjuterizzata u skambju ta' data elettronika (soġġetti għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4, Kapitolu 5, Titlu IV ta' dan il-Ftehim);

(e) it-twaqqif ta' kwalunkwe arranġament kummerċjali (inkluża l-parteċipazzjoni fl-istokk ta' kumpanija) u l-ħatra ta' persunal irreklutat lokalment (jew, fil-każ ta' persunal barrani, soġġetta għall-impenn orizzontali dwar il-moviment tal-persunal) ma' kwalunkwe aġenzija tat-tbaħħir stabbilita lokalment;

(f) jaġixxu f'isem il-kumpaniji, jorganizzaw is-sejħa tal-vapur jew jieħdu ħsieb it-tagħbijiet meta jkun hemm bżonn.

3. "Operatur tat-trasport multimodali" tfisser il-persuna li f'isimha tinħareġ il-polza ta' kargu/id-dokument tat-trasport multimodali, jew kwalunkwe dokument ieħor li juri kuntratt ta' trasport multimodali ta' oġġetti, u li hija responsabbli għat-trasport ta' oġġetti skont il-kuntratt tat-trasport.

4. "Servizzi ta' mmaniġġjar ta' merkanzija marittima" tfisser attivitajiet eżerċitati minn kumpaniji ta' burdnara, inklużi operaturi tat-terminali, iżda li ma tinkludix l-attivitajiet diretti tal-persuni li jaħdmu fil-baċiri tat-tarzni, meta din il-forza tax-xogħol tkun organizzata indipendentement mill-kumpaniji tal-burdnara jew tal-operaturi tat-terminali. L-attivitajiet koperti jinkludu l-organizzazzjoni u s-superviżjoni ta':

- it-tagħbija/il-ħatt ta' merkanzija lejn/minn vapur;

- l-irbit/it-tneħħija tal-irbit tal-merkanzija;

- l-ilqugħ/il-kunsinna u ż-żamma tal-merkanziji f'post sikur qabel ma jitgħabbew fuq il-bastimenti jew wara l-ħatt minn fuq il-bastimenti.

5. "Servizzi ta' żdoganar" (inkella "servizzi ta' aġenti doganali") tfisser attivitajiet li jikkonsistu fit-twettiq f'isem parti oħra tal-formalitajiet doganali li jikkonċernaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport tal-merkanzija li tkun sejra għad-destinazzjoni tagħha, kemm jekk dan is-servizz ikun l-attività ewlenija tal-fornitur tas-servizz jew suppliment tas-soltu tal-attività ewlenija tiegħu

6. "Servizzi ta' stazzjon u ta' maħżen tal-kontejners" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fil-ħażna tal-kontejners, kemm jekk fiż-żoni tal-portijiet jew inkella aktar 'il ġewwa fuq l-art, bl-għan li jimtlew/jinħattu, jissewwew u jitlestew biex ikunu disponibbli għall-ġarr tal-merkanzija bil-baħar.

7. “Servizzi ta’ aġenzija marittima” tfisser attivitajiet li jikkonsistu fir-rappreżentanza, f’żona ġeografika partikolari, bħala aġent tal-interessi kummerċjali ta’ linja jew ta’ kumpanija tal-bastimenti waħda jew aktar, għall-finijiet li ġejjin:

- il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta’ servizzi tat-trasport marittimu u servizzi relatati, mill-kwotazzjoni sal-ħruġ tal-fatturi, u l-ħruġ ta’ poloz ta’ tagħbija f’isem il-kumpaniji, ix-xiri u l-bejgħ mill-ġdid tas-servizzi relatati meħtieġa, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni u l-provvista ta’ informazzjoni kummerċjali;

- jaġixxu f’isem il-kumpaniji, jorganizzaw is-sejħa tal-vapur jew jieħdu ħsieb it-tagħbijiet meta jkun hemm bżonn.

8. “Servizzi ta’ bgħit ta’ merkanzija” tfisser l-attività li tikkonsisti fl-organizzazzjoni u fil-monitoraġġ tal-operazzjonijiet tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar f’isem it-trasportaturi bil-baħar, permezz tax-xiri ta’ servizzi ta’ trasport u ta’ servizzi relatati, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni u l-provvista ta’ informazzjoni kummerċjali.

9. Iċ-ċaqliq tat-tagħmir. Il-fornituri tat-trasport marittimu internazzjonali jistgħu jċaqilqu / jirrilokaw tagħmir (kontejners vojta, flatbeds, eċċ.) fil-vapuri tagħhom bejn il-portijiet Kolumbjani**1**.

1 Skont il-leġiżlazzjoni Kolumbjana, dawn l-attivitajiet ma jfissirx *kabotaġġ*.

| Settur jew Sub-Settur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| SERVIZZI TAT-TRASPORT | |
| SERVIZZI TAT-TRASPORT MARITTIMU | |
| Trasport Internazzjonali (merkanzija u passiġġieri) CPC 7211 u 7212 inqas trasport ta' kabotaġġ (Kif definit fil-punt 1 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista tas-servizzi ta' trasport internazzjonali marittimu ta' din it-Taqsima) | 1)<br><br>(a) Trasport Marittimu tal-Linja<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, minbarra li l-bastimenti kollha b'bandiera barranija li jkunu daħlin fil-port Kolombjan irid ikollhom rappreżentant responsabbli legalment għall-attivitajiet tagħhom fil-Kolombja u domiċiljat fil-Kolombja.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn<br><br>(b) Trasport marittimu bil-kwantità, trasport marittimu mingħajr korsa, u trasport marittimu internazzjonali ieħor, inkluż it-trasport tal-passiġġieri<br><br>Trattament Nazzjonali: Xejn, minbarra li l-bastimenti kollha b'bandiera barranija li jkunu daħlin fil-port Kolombjan irid ikollhom rappreżentant responsabbli legalment għall-attivitajiet tagħhom fil-Kolombja u domiċiljat fil-Kolombja.<br><br>Aċċess għas-Suq: Xejn |
| | Is-servizzi tal-port li ġejjin isiru għad-dispożizzjoni tal-fornituri tat-trasport marittimu internazzjonali fuq termini u kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji:<br><br>1. Pilotaġġ.<br>2. Assistenza fl-irmunkar .<br>3. Forniment, l-għoti tal-fjuwil u l-għoti tal-ilma.<br>4. Ġbir tal-iskart u rimi ta' skart tas-saborra. |

| Settur jew Sub-Settur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| | 5. Servizzi tal-Kaptan tal-Port.<br>6. Għajnuniet għan-navigazzjoni.<br>7. Servizzi operattivi bbażati fuq ix-xatt li huma essenzjali għall-operazzjonijiet tal-bastimenti, fosthom komunikazzjonijiet, provvisti ta' ilma u elettriku.<br>8. Faċilitajiet ta' tiswija tal-emerġenza.<br>9. Ankraġġ, irmiġġ u servizzi ta' rmiġġ |
| | 2) Aċċess għas-Suq; Trattament Nazzjonali: Xejn |
| SERVIZZI MARITTIMI AWŻILJARI | |
| Servizzi ta' Mmaniġġjar tal-Merkanzija Marittima (kif definit fil-punt 4 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali ta' din it-Taqsima) | 1) Aċċess għas-Suq; Trattament Nazzjonali: Mhux marbuta * għajr għal - mingħajr limitazzjoni fuq it-trażbord (minn bord għal bord jew permezz tal-bnajka) u/jew l-użu ta' tagħmir għall-ġestjoni tal-merkanzija abbord.<br>2) Aċċess għas-Suq; Trattament Nazzjonali: Xejn |
| Servizzi ta' magażinaġġ u Mħażen CPC 742 | 1) Aċċess għas-Suq; Trattament Nazzjonali: Mhux marbuta*<br>2) Aċċess għas-Suq; Trattament Nazzjonali: Xejn |
| Servizzi ta' Permessi tad-Dwana(kif definit–fil-punt 5 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista tas-servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali ta' din it-Taqsima) | 1) Aċċess għas-Suq; Trattament Nazzjonali: Mhux marbuta*<br>2) Aċċess għas-Suq; Trattament Nazzjonali: Xejn |
| Servizzi ta' Stazzjon u Depot tal-Kontejners (kif definitfil-punt6 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista tas-servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali ta' din it-Taqsima) | 1) Aċċess għas-Suq; Trattament Nazzjonali: Mhux marbuta[1]<br>2) Aċċess għas-Suq; Trattament Nazzjonali: Xejn |

1 Impenn fuq dan il-mezz ta' twassil mhuwiex possibbli.

| Settur jew Sub-Settur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| Servizzi ta’ Aġenzija Marittima (kif definit–fil-punt 7 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista tas-servizzi ta’ trasport marittimu internazzjonali ta’ din it-Taqsima) | 1) Aċċess għas-Suq; Trattament Nazzjonali: Xejn<br>2) Aċċess għas-Suq; Trattament Nazzjonali: Xejn |
| Servizzi Marittimi ta’ Dispaċċ tal-Merkanzija (kif definit–fil-punt 8 tad-definizzjonijiet tan-noti għal-lista tas-servizzi ta’ trasport marittimu internazzjonali ta’ din it-Taqsima) | 1) Aċċess għas-Suq; Trattament Nazzjonali: Xejn<br>2) Aċċess għas-Suq; Trattament Nazzjonali: Xejn |

TAQSIMA B

## *IL-PARTI UE*

Jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| AT | L-Awstrija |
| BE | Il-Belġju |
| BG | Il-Bulgarija |
| CY | Ċipru |
| CZ | Ir-Repubblika Ċeka |
| DE | Il-Ġermanja |
| DK | Id-Danimarka |
| ES | Spanja |
| EE | L-Estonja |
| UE | L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha |
| FI | Il-Finlandja |
| FR | Franza |
| EL | Il-Greċja |
| HU | L-Ungerija |
| IE | L-Irlanda |
| IT | L-Italja |
| LV | Il-Latvja |
| LT | Il-Litwanja |
| LU | Il-Lussemburgu |
| MT | Malta |
| NL | Il-Pajjiżi l-Baxxi |
| PL | Il-Polonja |
| PT | Il-Portugall |
| RO | Ir-Rumanija |

SK Ir-Repubblika Slovakka

SI Is-Slovenja

SE L-Isvezja

UK Ir-Renju Unit

1. Il-lista tal-impenji ta' hawn taħt tindika s-setturi tas-servizzi li l-Perù impenja ruħu li jissodisfa skont l-Artikolu 121 ta' dan il-Ftehim, u, permezz ta' riservi, il-limitazzjonijiet tal-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali li japplikaw għas-servizzi u l-fornituri tas-servizzi tal-Parti l-oħra f'dawk is-setturi. Il-lista hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

   (a) L-ewwel kolonna li tindika s-settur jew is-subsettur fejn l-impenn huwa preżunt mill-Parti, u l-ambitu tal-liberalizzazzjoni li għalih japplikaw ir-riservi; u

   (b) It-tieni kolonna li tiddeskrivi r-riservi applikabbli.

   Meta l-kolonna msemmija taħt is-subparagrafu (b) tinkludi biss riżervi speċifiċi tal-Istati Membri tal-UE, l-Istati Membri tal-UE mhux imsemmija f'din il-kolonna jkollhom impenji fis-settur ikkonċernat mingħajr riżervi[1]. .

   Il-provvista transkonfinali ta' setturi jew subsetturi ta' servizzi koperti minn dan il-Ftehim li mhumiex inklużi fil-lista li ġejja mhijiex impenjata.

[1] In-nuqqas ta' riżervi speċifiċi għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea f'settur partikolari huwa bla ħsara għal riżervi orizzontali jew għal riżervi settorjali mal-Unjoni Ewropea kollha li għandhom mnejn japplikaw.

2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u tas-subsetturi individwali:

(a) "CPC" tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali (Central Products Classification) kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 77, CPC prov, 1991; u

(b) "CPC ver. 1.0" tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali kif stabbilit fid-Domumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 77, CPC ver 1.0, 1998.

3. Il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifiki, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar meta dawn ma jikkostitwixxu l-ebda limitazzjoni fuq l-aċċess għas-suq jew fuq it-trattament nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikoli 119 u 120 ta' dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, obbligi universali tas-servizzi, il-ħtieġa li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa li wieħed jgħaddi mill-eżamijiet speċifiċi, inklużi l-eżamijiet tal-lingwa), anki jekk mhumiex elenkati, japplikaw f'kull każ għall-fornituri tas-servizzi firmatarji tal-Pajjiżi Andini..

4. Il-lista ta’ hawn taħt hija bla ħsara għall-fattibbiltà tal-Mod 1 f’ċerti setturi jew subsetturi ta’ servizzi u bla ħsara għall-eżistenza ta’ monopolji pubbliċi u drittijiet esklussivi kif deskritt fil-lista ta' impenji dwar l-istabbiliment.

5. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 107 ta’ dan il-Ftehim, il-lista ta’ hawn taħt ma tinkludix miżuri dwar sussidji jew għotjiet mogħtija mill-Partijiet.

6. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta’ impenji ma għandu jkollhom l-ebda effett ta’ awto-eżekuzzjoni u għalhekk ma jikkonferixxu l-ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi individwali.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| IS-SETTURI KOLLHA | Propjetà immobbli<br>Għal Modi 1 u 2<br>AT, BG, CY, CZ, DK, EE, EL, FI, HU, IE, IT, LT, LV, MT, PL, RO, SI, SK: Restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta' art u proprjetà immobbli minn investituri barranin[1]. |
| 1. SERVIZZI TAN-NEGOZJI | |
| A. Servizzi professjonali | |
| a) Servizzi Legali<br>(CPC 861)[2]<br>għajr pariri legali u dokumenti legali u servizzi ta' awtentikar legali ipprovduti minn professjonisti legali b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, *huissiers de justice* jew *officiers publics et ministériels* oħra | Għal Modi 1 u 2<br>AT, CY, ES, EL, LT, MT, SK: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura, meħtieġa għall-prattika tal-liġi domestika (tal-UE u l-Istat Membri tagħha), hi soġġetta għall-Kundizzjoni tan-nazzjonalità.<br>BE, FI: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura, meħtieġa għas-servizzi ta' rapreżentazzjoni legali, hi soġġetta għall-Kundizzjoni tan-nazzjonalità, flimkien ma' rekwiżiti tar-residenza. Fil-Belġju japplikaw kwoti biex jidhru quddiem il-"Cour de cassation" f'każijiet mhux kriminali.<br>BG: Avukati barranin jistgħu biss jipprovdu servizzi ta' rappreżentazzjoni legali ta' ċittadin tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom u soġġetti għar-reċiproċità u l-kooperazzjoni ma' avukat Bulgaru. Għal servizzi ta' medjazzjoni legali hi meħtieġa r-residenza permanenti.<br>FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' "avocat auprès de la Cour de Cassation" u "avocat auprès du Conseil d'Etat" huwa soġġett għal kwoti u għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità.<br>HU: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura hi soġġetta għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità, flimkien mar-rekwiżiti tar-residenza. Għal avukati barranin l-ambitu tal-attivitajiet legali hu limitat għall-provviżjoni tal-parir legali. |

1 Fir-rigward ta' setturi tas-servizzi, dawn ir-restrizzjonijiet ma jmorrux lil hinn mir-restrizzjonijiet riflettuti fl-impenji GATS eżistenti.

2 Tinkludi servizzi ta' konsulenza legali, rappreżentazzjoni legali, arbitrazzjoni legali u konċiljazzjoni/medjazzjoni, u dokumentazzjoni legali u ċertifikazzjoni.
Il-provviżjoni ta' servizzi legali hi awtorizzata biss fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali, il-liġi tal-Unjoni Ewropea u l-liġi ta' kull ġurisdizzjoni fejn il-fornitur tas-servizzi jew il-persunal tiegħu hu kkwalifikat biex jipprattika bħala avukat, u, bħat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' servizzi oħra, hu soġġett għar-rekwiżiti ta' liċenzjar u proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea . Għal avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika u liġi barranija, dawn l-obbligi u proċeduri jistgħu jkollhom, fost oħrajn, l-għamla ta' konformità ma' kodiċijiet lokali ta' etika, l-użu tat-titolu tal-oriġini (sakemm inkiseb rikonoxximent mat-titolu tal-pajjiż ospitu), rekwiżiti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi mal-Qorti tal-pajjiż ospitu jew sempliċi ammissjoni fl-avukatura tal-pajjiż ospitu permezz ta' test tal-kapaċitajiet u domiċilju legali jew professjonali fil-pajjiż ospitu. Fil-prinċipju, is-servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni Ewropea għandhom isiru minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat bis-sħiħ li ġie ammess fl-avukatura tal-Unjoni Ewropea huwa u jaġixxi personalment, u servizzi legali fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom fil-prinċipju jsiru minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat bis-sħiħ fl-avukatura ta' dak l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea huwa u jaġixxi personalment. L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura tal-Istat Membru relevanti tal-UE tista' għalhekk tkun meħtieġa għar-rappreżentazzjoni fil-qrati u awtoritajiet kompetenti oħra fl-Unjoni Ewropea billi tinvolvi l-prattika ta' liġi proċedurali nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea. Madanakollu, f'xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, l-avukati barranin li ma jkunux ammessi bis-sħiħ fl-avukatura huma permessi jirrapreżentaw fi proċedimenti ċivili parti li tkun ċittadina jew li tagħmel parti mill-Istat fejn l-avukat ikun intitolat jipprattika.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| | LV: Ir-rekwiżit tan-nazzjonalità għal avukati liċenzjati, li għalihom hi riżervata rappreżentazzjoni legali fi proċedimenti kriminali.<br>DK: Il-kummerċjalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' pariri legali hija riżervata għal avukati b'liċenzja tal-prattika Daniża u għal kumpaniji legali rreġistrati fid-Danimarka. Meħtieġ eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja tal-prattika Daniża.<br>SE: Ammissjoni fl-avukatura, neċessarja biss għall-użu tat-titlu Svediż ta' "advokat", hi soġġetta għar-rekwiżit tar-residenza. |
| b) 1. Servizzi ta' Kontabilità u Żamma tal-Kotba<br>(CPC 86212 minbarra "servizzi ta' awditjar", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220) | Għal Mod 1<br>FR, HU, IT, MT, RO, SI: Mhux marbuta<br>AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal rappreżentazzjoni quddiem awtoritajiet kompetenti<br>Għal Mod 2<br>Xejn |
| b) 2. Servizzi ta' awditjar<br>(CPC 86211 u 86212 minbarra servizzi ta' kontabbiltà) | Għal Mod 1<br>BE, BG, CY, DE, ES, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LU, MT, NL, PT, RO, SI, UK: Mhux marbuta<br>AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal rappreżentazzjoni quddiem awtoritajiet kompetenti u għat-twettiq ta' awditjar msemmija fil-liġijiet Awstrijaċi speċifiċi (eż. liġi dwar il-kumpaniji b'titoli konġunti, liġi dwar il-borża, liġi dwar il-bankarja, eċċ.).<br>SE: Awdituri approvati fl-Isvezja jistgħu jwettqu servizzi legali tal-awditjar f'ċerti entitajiet legali, fost oħrajn fil-kumpaniji kollha limitati. Huma biss dawn il-persuni li jistgħu jkunu sidien tal-ishma jew jiffurmaw soċjetajiet f'kumpaniji li jipprattikaw awditjar verifikat (għal raġunijiet uffiċjali). Hi meħtieġa r-residenza għall-approvazzjoni.<br>LT: Rapport ta' awditur irid ikun ippreparat flimkien ma' awditur akkreditat biex jipprattika fil-Litwanja<br>Għal Mod 2<br>Xejn |
| c) Servizzi ta' Konsulenza dwar it-Taxxa<br>(CPC 863) [1] | Għal Mod 1<br>AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal rappreżentazzjoni quddiem awtoritajiet kompetenti.<br>CY: Aġenti tat-taxxa jridu jkunu awtorizzati kif xieraq mill-Ministeru tal-Finanzi. L-awtorizzazzjoni hi soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Il-kriterji użati huma analogi għal dawk li jagħtu permess għall-investiment barrani (elenkati fis-serzzjoni orizzontali), peress li japplikaw għal dan is-subsettur, billi dejjem tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-subsettur<br>BG, MT, RO, SI: Mhux marbuta<br>Għal Mod 2<br>Xejn |

[1] Ma tinkludix servizzi ta' konsulenza legali u rappreżentazzjoni legali dwar suġġetti tat-taxxa, li jinstabu taħt 1.A.a). Servizzi legali.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| d) Servizzi arkitettoniċi<br>u<br>e) Ippjanar Urban u Servizzi Arkitettoniċi ta' Pajżaġġar<br>(CPC 8671 u CPC 8674) | Għal Mod 1<br>AT: Mhux marbuta għajr għal servizzi tal-ippjanar.<br>BE, BG, CY, EL, IT, MT, PL, PT, SI: Mhux marbuta<br>DE: L-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali fuq pagamenti u s-salarji għas-servizzi kolllha li huma mwettqa barra.<br>HU, RO: Mhux marbuta għal servizzi arkotettoniċi tal-pajżaġġ<br>Għal Mod 2<br>Xejn |
| f) Servizzi ta' inġinerija; u<br>g) Servizzi ta' inġinerija integrati<br>(CPC 8672 u CPC 8673) | Għal Mod 1<br>AT, SI: Mhux marbuta għajr għal servizzi puri tal-ippjanar.<br>BG, CY, EL, IT, MT, PT: Mhux marbuta<br>Għal Mod 2<br>Xejn |
| h) Servizzi mediċi (inklużi psikologi), u servizzi dentali<br>(CPC 9312 u<br>parti minn CPC 85201) | Għal Mod 1<br>AT, BE, BG, CY, DE, DK, EE, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PT, RO, SK, UK: Mhux marbuta<br>SI: Mhux marbuta għas-servizzi ta' mediċina soċjali, sanità, epidemjoloġija, mediċi/ekoloġiċi, il-forniment tad-demm, il-preparazzjonijiet tad-demm u t-trapjanti u l-awtopsja.<br>Għal Mod 2<br>Xejn |
| i) Servizzi veterinarji<br>(CPC 932) | Għal Mod 1<br>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, ES, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LT, MT, NL, PT, RO, SI, SK: Mhux marbuta<br>UK: Mhux marbuta għajr għal laboratorju veterinarju u servizzi tekniċi fornuti lil kirurgi veterinarji, pariri ġenerali, gwidi u informazzjoni eż.: nutrizzjonali, tal-imġieba u kif tieħu ħsieb l-annimali domestiċi.<br>Għal Mod 2<br>Xejn |
| j) 1. Servizzi ta' qwiebel<br>(parti minn CPC 93191)<br>j) 2. Servizzi pprovduti minn Infermiera, Fiżjoterapisti u Ħaddiema Paramediċi<br>(parti minn CPC 93191) | Għal Mod 1<br>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, ES, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PT, RO, SI, SK, UK: Mhux marbuta<br>FI, PL: Mhux marbuta għajr għal infirmiera.<br>Għal Mod 2<br>Xejn |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| k) Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211) u servizzi oħra pprovduti mill-ispiżjara [1] | Għal Mod 1<br>AT, BE, BG, DE, CY, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SE, SI. UK: Mhux marbuta<br>CZ, LV, LT: Mhux marbuta għajr għal ordni bil-posta.<br>HU: Mhux marbuta għajr għal CPC 63211.<br>Għal Mod 2<br>Xejn |
| B. Kompjuter u Servizzi Relatati (CPC 84) | Għal Modi 1 u 2<br>Xejn |
| C. Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp | |
| a) Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp fix-xjenzi naturali (CPC 851)<br>b) Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp fix-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi (CPC 852 għajr servizzi ta' psikologi)[2]<br>c) Servizzi ta' riċerka u żvilupp Interdixxiplinarji (CPC 853) | Għal a) u ċ):<br>Għal Modi 1 u 2<br>UE: Għal servizzi ta' Riċerka u Żvilupp iffinanzjati pubblikament, drittijiet esklussivi u/jew awtorizzazzjonijiet jistgħu biss jingħataw lil ċittadini tal-UE jew lil persuni ġuridiċi tal-UE li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-UE.<br>Għal b):<br><br>Xejn |
| D. Servizzi ta' Bejgħ tal-Proprjetà[3] | |
| a) Li tinvolvi proprjetà proprja jew mikrija (CPC 821) | Għal Mod 1<br>BG, CY, CZ, EE, HU, IE, LV, LT, MT, PL, RO, SK, SI: Mhux marbuta<br>Għal Mod 2<br>Xejn |
| b) Fuq Bażi ta' Tariffa jew Kuntratt (CPC 822) | Għal Mod 1<br>BG, CY, CZ, EE, HU, IE, LV, LT, MT, PL, RO, SK, SI: Mhux marbuta<br>Għal Mod 2<br>Xejn |
| E. Servizz ta' Kiri/Leasing mingħajr Operaturi | |
| a) Relatati mal-Bastimenti (CPC 83103) | Għal Mod 1<br>BG, CY, DE, HU, MT, RO: Mhux marbuta<br>Għal Mod 2<br>Xejn |

1 Il-forniment ta' prodotti farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali, bħall-forniment ta' servizzi oħra, hu soġġett għall-ħtiġijiet ta' liċenzji u kwalifikazzjoni u proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. . Bħala regola ġenerali, din l-attività hi riżervata għal spiżjara. F'xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-forniment ta' mediċina bir-riċetta biss hi riżervata għall-ispjiżjara.

2 Parti mis-CPC 85201, li tinstab taħt 1.A.h). Servizzi mediċi u dentali.

3 Is-servizz konċernat hu relatat mal-professjoni ta' aġent ta' propjetà immobbi u ma jaffettwa l-ebda dritt u/jew restrizzjoni fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi li jixtru propjetà immobbli.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riserva |
|---|---|
| Servizzi ta' inġinerija integrata<br>(CPC 8673)<br><br>Servizzi ta' konsulenza dwar il-ġestjoni<br>(CPC 865)<br><br>Servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni (CPC 866)<br><br>Servizzi ta' ttestjar tekniku u ta' analiżi<br>(CPC 8676) | |

NOTA 1

LISTA TA' SERVIZZI TA' TRASPORT MARITTIMU INTERNAZZJONALI

Meta s-servizzi ta' trasport bit-triq, bil-ferrovija u fuq il-passaġġi tal-ilma interni, kif ukoll is-servizzi awżiljarji relatati mhumiex kompletament koperti b'mod ieħor f'din il-Lista, operatur tat-trasport multimodali (kif definit fil-paragrafu 3 hawn għandu jkollu l-abbiltà li jikri trakkijiet, vaguni tal-ferrovija jew barkuni, u tagħmir relatat, għall-iskop tat-trasmissjoni tal-merkanziji internament, jew ikollu l-aċċess għal, u l-użu ta', dawn il-forom ta' attivitajiet multimodali fuq termini u kundizzjonijiet raġjonevoli u mhux diskriminatorji għall-iskop tat-twettiq tal-operazzjonijiet tat-trasport multimodali.

"Termini u kundizzjonijiet raġjonevoli u mhux diskriminatorji" tfisser, għall-iskop tal-operazzjonijiet tat-trasport multimodali, l-abbiltà tal-operatur tat-trasport multimodali li jagħmel l-arranġamenti għall-ġarr tal-merkanzija tiegħu fuq bażi f'waqtha, inkluża prijorità fuq merkanzija oħra li tkun daħlet fil-port f'data aktar tard.

DEFINIZZJONIJIET

1. Fil-każ tal-Perù, "kabotaġġ" jew "trasportazzjoni kummerċjali tal-ilma fit-traffiku nazzjonali" jsir bejn il-portijiet Peruvjani, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tad-Digriet Leġiżlattiv 683 tal-2001.

2. “Forom oħrajn ta’ preżenza kummerċjali għall-provvista ta’ servizzi ta’ trasport marittimu internazzjonali” tfisser l-abbiltà għall-fornituri tas-servizzi ta’ trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra li jwettqu lokalment l-attivitajiet kollha li huma meħtieġa għall-provvista lill-klijenti tagħhom ta’ servizz tat-trasport parzjalment jew kompletament integrat, fejn it-trasport marittimu jikkostitwixxi element sostanzjali. Madankollu, dan l-impenn ma għandux jitqies bħala li jillimita bi kwalunkwe mod l-impenji mwettqa taħt il-mod transkonfinali tal-provvista. Għal ċertezza akbar, dan l-impenn ma jagħtix drittijiet biex intrapriża topera bħala intrapriża tat-trasport marittimu jew bħala intrapriża nazzjonali tal-vapuri fil-Perù.

Dawn l-attivitajiet jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

(a) il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta’ servizzi tat-trasport marittimu u servizzi relatati permezz ta’ kuntatt dirett mal-klijenti, mill-kwotazzjoni sal-ħruġ tal-fatturi, b’dawn is-servizzi huma dawk operati jew offruti mill-fornitur tas-servizzi nnifsu jew minn fornituri tas-servizzi li magħhom il-bejjiegħ tas-servizz ikun stabbilixxa arranġamenti kummerċjali permanenti;

(b) l-akkwist, f’isimhom stess jew f’isem il-klijenti tagħhom (u l-bejgħ mill-ġdid lill-klijenti tagħhom) ta’ kwalunkwe servizzi ta’ trasport u servizzi relatati, inklużi servizzi ta’ trasport ġewwieni b’kull mod, partikolarment il-passaġġi tal-ilma interni, it-trasport bit-triq u bil-ferrovija, meħtieġa għall-provvista tas-servizz integrat;

(c) it-tħejjija tad-dokumentazzjoni dwar id-dokumenti tat-trasport, id-dokumenti doganali, jew dokumenti oħrajn relatati mal-oriġini u l-karattru tal-oġġetti ttrasportati;

(d) l-għoti ta' informazzjoni kummerċjali b'kull mezz, inklużi sistemi ta' informazzjoni kompjuterizzata u skambju ta' data elettronika (soġġetti għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima dwar it-Telekomunikazzjoni);

(e) it-twaqqif ta' kwalunkwe arranġament kummerċjali (inkluża l-parteċipazzjoni fl-istokk ta' kumpanija) u l-ħatra ta' persunal irreklutat lokalment (jew, fil-każ ta' persunal barrani, soġġetta għall-impenn orizzontali dwar il-moviment tal-persunal) ma' kwalunkwe aġenzija tat-tbaħħir stabbilita lokalment; u

(f) jaġixxu f'isem il-kumpaniji, jorganizzaw is-sejħa tal-vapur jew jieħdu ħsieb it-tagħbijiet meta jkun hemm bżonn.

3. "Operatur tat-trasport multimodali" tfisser il-persuna li f'isimha tinħareġ il-polza ta' kargu, id-dokument tat-trasport multimodali, jew kwalunkwe dokument ieħor li juri kuntratt ta' trasport multimodali ta' oġġetti, u li hija responsabbli għat-trasport ta' oġġetti skont il-kuntratt tat-trasport.

4. “Servizzi ta’ mmaniġġjar ta’ merkanzija marittima” tfisser attivitajiet eżerċitati minn kumpaniji ta’ burdnara, inklużi operaturi tat-terminali, iżda li ma tinkludix l-attivitajiet diretti tal-persuni li jaħdmu fil-baċiri tat-tarzni, meta din il-forza tax-xogħol tkun organizzata indipendentement mill-kumpaniji tal-burdnara jew tal-operaturi tat-terminali. L-attivitajiet koperti jinkludu l-organizzazzjoni u s-superviżjoni ta’:

(a) it-tagħbija/il-ħatt ta’ merkanzija lejn/minn vapur;

(b) l-irbit/it-tneħħija tal-irbit tal-merkanzija;

(ċ) l-ilqugħ/il-kunsinna u ż-żamma tal-merkanziji f’post sikur qabel ma jitgħabbew fuq il-bastimenti jew wara l-ħatt minn fuq il-bastimenti.

5. “Servizzi ta’ żdoganar” (inkella “servizzi ta’ aġenti doganali”) tfisser attivitajiet li jikkonsistu fit-twettiq f’isem parti oħra tal-formalitajiet doganali li jikkonċernaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport tal-merkanzija li tkun sejra għad-destinazzjoni tagħha, kemm jekk dan is-servizz ikun l-attività ewlenija tal-fornitur tas-servizz jew suppliment tas-soltu tal-attività ewlenija tiegħu

6. “Servizzi ta’ stazzjon u ta’ maħżen tal-kontejners” tfisser attivitajiet li jikkonsistu fil-ħażna tal-kontejners, kemm jekk fiż-żoni tal-portijiet jew inkella aktar ’il ġewwa fuq l-art, bl-għan li jimtlew/jinħattu, jissewwew u jitlestew biex ikunu disponibbli għall-ġarr tal-merkanzija bil-baħar.

7. “Servizzi ta’ aġenzija marittima” tfisser attivitajiet li jikkonsistu fir-rappreżentanza, f’żona ġeografika partikolari, bħala aġent tal-interessi kummerċjali ta’ linja jew ta’ kumpanija tal-bastimenti waħda jew aktar, għall-finijiet li ġejjin:

(a) il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta’ servizzi tat-trasport marittimu u servizzi relatati, mill-kwotazzjoni sal-ħruġ tal-fatturi, u l-ħruġ ta’ poloz ta’ tagħbija f’isem il-kumpaniji, ix-xiri u l-bejgħ mill-ġdid tas-servizzi relatati meħtieġa, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni u l-provvista ta’ informazzjoni kummerċjali;

(b) jaġixxu f’isem il-kumpaniji, jorganizzaw is-sejħa tal-vapur jew jieħdu ħsieb it-tagħbijiet meta jkun hemm bżonn.

8. “Servizzi ta’ bgħit ta’ merkanzija” tfisser l-attività li tikkonsisti fl-organizzazzjoni u fil-monitoraġġ tal-operazzjonijiet tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar f’isem it-trasportaturi bil-baħar, permezz tax-xiri ta’ servizzi ta’ trasport u ta’ servizzi relatati, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni u l-provvista ta’ informazzjoni kummerċjali.

**ANNESS IX**

# RISERVI RIGWARD IL-PREŻENZA TEMPORANJA TA' PERSUNI FIŻIĊI GĦAL SKOPIJIET KUMMERĊJALI

## APPENDIĊI 1

## RISERVI DWAR PERSUNAL U APPRENDISTI GRADWATI EWLENIN
(li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 124 ta' dan il-Ftehim)

### TAQSIMA A

### IL-KOLUMBJA

1. Il-lista tar-riservi ta' hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi liberalizzati mill-Kolombja skont l-Artikolu 114 tat-Titolu IV (Negozju fis-Servizzi, l-Istabbiliment, u l-Kummerċ Elettroniku) ta' dan il-Ftehim li għalihom japplikaw limitazzjonijiet fuq il-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati skont l-Artikolu 124 ta' dan il-Ftehim u li tispeċifika limitazzjonijiet bħal dawn. Il-lista hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

   (a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-subsettur li għalih japplikaw il-limitazzjonijiet; u

(b) it-tieni kolonna tiddeskrivi r-riservi applikabbli.

2. Il-Kolombja ma tieħu l-ebda impenn f'attivitajiet ekonomiċi li mhumiex liberalizzati (jibqgħu Mhux marbuta) għall-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati skont l-Artikolu 114 ta' dan il-Ftehim.

3. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u tas-subsetturi individwali:

(a) ISIC rev 3.1 tfisser il-Klassifikazzjoni Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha (International Standard Industrial Classification of all Economic Activites) kif stabbiliti fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002.

(b) CPC tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali (Central Products Classification) kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 77, CPC prov, 1991.

4. Il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifiki, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar, u miżuri dwar il-kundizzjonijiet tal-impjiegi, tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali meta dawn ma jikkostitwixxu ebda limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 112 u 113 ta' dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (eż. il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, il-ħtieġa li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa li wieħed jgħaddi mill-eżamijiet speċifiċi, inklużi l-eżamijiet tal-lingwa, il-ħtieġa li wieħed ikollu domiċilju legali fit-territorju fejn titwettaq l-attività ekonomika, il-ħtieġa ta' konformità mar-regoli u l-prattiki nazzjonali li jikkonċernaw il-pagi minimi u mal-ftehimiet tal-pagi kollettivi fil-pajjiż ospitu), anki jekk mhumiex elenkati, japplikaw f'kull każ għall-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati tal-investituri tal-Parti l-oħra.

5. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 107 ta' dan il-Ftehim, il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri li jikkonċernaw is-sussidji mogħtija mill-Partijiet.

6. Il-lista ta' hawn taħt hija bla ħsara għall-eżistenza ta' monopolji pubbliċi u drittijiet esklussivi kif deskritti fil-lista ta' impenji dwar l-istabbiliment.

7. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' impenji ma għandu jkollhom ebda effett ta' awto-eżekuzzjoni u għalhekk ma jikkonferixxu ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi individwali.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| IS-SETTURI KOLLHA | Minoritajiet u gruppi etniċi<br><br>Il-Kolombja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kwalunkwe miżura li tagħti drittijiet jew preferenzi lil minoritajiet u gruppi etniċi soċjalment u ekonomikament żvantaġġati, inklużi fir-rispett tal-artijiet komunali tal-gruppi etniċi skont l-Art. 63 tal-*Constitución Política* de Colombia. Il-gruppi etniċi tal-Kolombja huma: il-persuni indiġeni u Rom (żingari), il-komunitajiet Afro-Kolombjani u l-komunità Raizal tal-Arċipelagu ta' San Andres, Providencia, u Santa Catalina. |
| IS-SETTURI KOLLHA | Espressjonijiet Tradizzjonali<br><br>Il-Kolombja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kwalunkwe miżura li tagħti drittijiet jew preferenzi lil komunitajiet lokali fir-rigward tal-appoġġ u l-iżvilupp tal-espressjonijiet relatati mal-patrimonju kulturali intanġibbli ddikjarat skont ir-*Resolución No. 0168 de 2005*. |
| IS-SETTURI KOLLHA | Kull persuna li timpjega b'persunal ta' aktar minn għaxar impjegati trid timpjega persuni Kolombjani bi proporzjon ta' mhux inqas minn 90 fil-mija mill-persunal tal-impjegati ordinarji u mhux inqas minn 80 fil-mija mill-ħaddiema tas-sengħa jew speċjalisti, persunal amministrattiv jew persuni f'impjiegi ta' responsabbiltà. |
| IS-SETTURI KOLLHA | Persuni fiżiċi jew ġuridiċi biss li għandhom l-uffiċċju ewlieni fil-port ħieles ta' *San Andres, Providencia, u Santa Catalina* jistgħu jipprovdu servizzi f'dan ir-reġjun. |
| 2. SAJD U AKKWAKULTURA (ISIC rev.3.1: 0501, 0502) għajr servizzi ta' parir u ta' konsulenza | Persuni ta' nazzjonalità Kolombjana biss għandhom il-permess għal sajd artiġjanali |
| 6. SERVIZZI TAN-NEGOZJI | |
| A. Servizzi professjonali | |
| b) 1. Servizzi ta' Kontabilità u Żamma tal-Kotba<br>(CPC 862)<br><br>c) Servizzi ta' Konsulenza dwar it-Taxxa<br>(CPC 863) | Persuni li huma reġistrati fil-*Junta Central de Contadores* biss jistgħu jipprattikaw bħala kontabbilisti. Ċittadin barrani jrid ikun ilu domiċiljat kontinwament fil-Kolombja għal tal-inqas tliet snin qabel it-talba għar-reġistrazzjoni u juri esperjenza ta' kontabilista mwettqa fit-territorju tal-Kolombja għal perjodu ta' mhux inqas minn sena waħda. |
| C. Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp | |
| a) Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp fix-xjenzi naturali<br>(CPC 851) | Kwalunkwe persuna barranija li tippjana li tagħmel riċerka xjentifika dwar id-diversità bijoloġika fit-territorju tal-Kolombja trid tinvolvi tal-inqas riċerkatur Kolombjan wieħed fir-riċerka jew l-analiżi tar-riżultati ta' tali riċerka. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| F. Servizzi tan-negozji oħrajn | |
| g) Servizzi ta' Parir u ta' Konsulenza Relatati mas-Sajd (parti minn CPC 882 | Persuni ta' nazzjonalità Kolombjana biss għandhom il-permess għal sajd artiġjanali |
| 12. SERVIZZI FINANZJARJI<br>A. Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni | Ċittadin barrani li għex fil-Kolombja għal inqas minn sena ma jistax jipprovdi servizzi fil-Kolombja bħala aġent tal-assigurazzjoni. |
| 16. SERVIZZI TAT-TRASPORT | |
| A. Trasport marittimu | F'bastimenti b'bandiera Kolombjana u bastimenti b'bandiera barranija (minbarra dawk relatati mas-sajd) li joperaw f'ibħra ta' ġurisdizzjoni Kolombjana għal perjodu ta' żmien ta' aktar minn sitt xhur, kontinwi jew diskontinwi, mid-data tal-ħruġ tal-permess rispettiv, il-kaptan, l-uffiċjali u tal-inqas tmenin (80) fil-mija mill-bqija tal-ekwipaġġ iridu jkunu Kolombjani.<br>Pilotaġġ f'ibħra u xmajjar territorjali Kolombjani jistgħu jitwettqu biss minn ċittadini Kolombjani. |
| a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7221) | |
| b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7112) | |
| B. Trasport fil-Mogħdijiet tal-Ilma Interni | Pilotaġġ f'ibħra u xmajjar territorjali Kolombjani jistgħu jitwettqu biss minn ċittadini Kolombjani. |
| a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7221) | |
| b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7222) | |
| g) Kiri ta' Bastimenti għan-navigazzjoni marittima bl-Ekwipaġġ (CPC 72130) | |
| Servizzi Doganali | Biex twettaq intermedjazzjoni doganali, intermedjazzjoni għas-servizzi postali ("*intermediación para servicios postales*") u "*mensajeria especializada*"[1] (inkluż twassil urġenti), id-depożitu ta' merkanzija, it-trasport ta' merkanzija taħt il-kontroll doganali, jew servizzi ta' merkanzija internazzjonali, jew biex taġixxi bħala Utent Doganali Permanenti ("*Usuarios Aduaneros Permanentes*") jew Utent li Jesporta Ħafna ("*Usuarios Altamente Exportadores*"), persuna trid tkun tgħix fil-Kolombja jew ikollha rappreżentant responsabbli legalment għall-attivitajiet tagħha jgħix fil-Kolombja. |

[1] "Servicio de mensajería especializada" jfisser il-klassi tas-servizzi postali li hi pprovduta indipendentament min-netwerks postali uffiċjali għall-posta nazzjonali u internazzjonali, u li teħtieġ l-applikazzjoni u l-adozzjoni ta' proċeduri speċjali għall-irċevuta, il-ġbir, u t-twassil personali tal-posta u oġġetti postali oħra trasportati fuq l-art jew bl-ajru ġewwa jew mit-territorju tal-Kolombja.

TAQSIMA B

IL-PARTI UE

Jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| AT | L-Awstrija |
| BE | Il-Belġju |
| BG | Il-Bulgarija |
| CY | Ċipru |
| CZ | Ir-Repubblika Ċeka |
| DE | Il-Ġermanja |
| DK | Id-Danimarka |
| ES | Spanja |
| EE | L-Estonja |
| UE | L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha |
| FI | Il-Finlandja |
| FR | Franza |
| EL | Il-Greċja |
| HU | L-Ungerija |
| IE | L-Irlanda |
| IT | L-Italja |
| LV | Il-Latvja |
| LT | Il-Litwanja |
| LU | Il-Lussemburgu |
| MT | Malta |
| NL | Il-Pajjiżi l-Baxxi |
| PL | Il-Polonja |
| PT | Il-Portugall |

RO Ir-Rumanija

SK Ir-Repubblika Slovakka

SI Is-Slovenja

SE L-Isvezja

UK Ir-Renju Unit

1. Il-lista tar-riservi ta’ hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi liberalizzati skont l-Artikolu 114 ta’ dan il-Ftehim li għalihom japplikaw restrizzjonijiet fuq il-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati skont l-Artikolu 124 ta’ dan il-Ftehim u tispeċifika limitazzjonijiet bħal dawn. Il-listi huma komposti mill-elementi li ġejjin:

   (a) l-ewwel kolonna li tindika s-settur jew is-subsettur fejn japplikaw il-limitazzjonijiet; u

   (b) tieni kolonna tiddeskrivi l-limitazzjonijiet applikabbli.

   Meta l-kolonna msemmija fis-subparagrafu (b) tinkludi biss riservi speċifiċi għal Stat Membru tal-UE, l-Istati Membri tal-UE mhux imsemmija hemmhekk jieħdu impenji fis-settur ikkonċernat mingħajr riservi.[1]

   L-UE u l-Istati Membri tagħha ma jieħdu l-ebda impenn f’attivitajiet ekonomiċi li mhumiex liberalizzati (jibqgħu Mhux marbuta) għall-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati skont l-Artikolu 114 ta’ dan il-Ftehim.

[1] In-nuqqas ta’ riservi speċifiċi għal Stat Membru tal-Unjoni Ewropea f’settur partikolari, huwa bla ħsara għal riservi orizzontali jew għal riservi mifruxin madwar l-Unjoni Ewropea li jistgħu jkunu applikabbli.

2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u tas-subsetturi individwali:

(a) "ISIC rev 3.1" tfisser il-Klassifikazzjoni Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha (International Standard Industrial Classification of all Economic Activities) kif stabbiliti fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002;

(b) "CPC" tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali (Central Products Classification) kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti,Serje M, Nru 77, *CPC prov*, 1991; u

(c) "CPC ver. 1.0" tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali (Central Products Classification) kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti,Serje M, Nru 77, *CPC ver 1.0*, 1998.

3. Impenji fuq il-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati ma japplikawx f'każijiet meta l-intenzjoni jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom tkun ta' interferenza jew meta jaffettwaw b'mod ieħor ir-riżultat aħħari ta' kwistjoni jew negozjar relatata max-xogħol/il-ġestjoni.

4. Il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifiki, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar, u miżuri dwar il-kundizzjonijiet tal-impjiegi, tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali meta dawn ma jikkostitwixxu ebda limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 112 u 113 ta' dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (eż. il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, il-ħtieġa li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa li wieħed jgħaddi mill-eżamijiet speċifiċi, inklużi l-eżamijiet tal-lingwa, il-ħtieġa li wieħed ikollu domiċilju legali fit-territorju fejn titwettaq l-attività ekonomika, il-ħtieġa ta' konformità mar-regoli u l-prattiki nazzjonali li jikkonċernaw il-pagi minimi u mal-ftehimiet tal-pagi kollettivi fil-pajjiż ospitu), anki jekk mhumiex elenkati, japplikaw f'kull każ għall-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati tal-investituri ta' Parti oħra. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 107 ta' dan il-Ftehim, il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri li jikkonċernaw is-sussidji mogħtija mill-Partijiet.

5. Ir-rekwiżiti kollha tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha dwar id-dħul, il-permanenza, ix-xogħol u l-miżuri tas-sigurtà soċjali għandhom jibqgħu japplikaw, inklużi r-regoli dwar il-perjodu ta' permanenza, il-pagi minimi kif ukoll il-ftehimiet dwar il-pagi kollettivi anki jekk mhumiex elenkati hawn taħt.

6. Il-lista ta' hawn taħt hija bla ħsara għall-eżistenza ta' monopolji pubbliċi u drittijiet esklussivi kif deskritti fil-lista ta' impenji dwar l-istabbiliment.

7. F'dawk is-setturi fejn huma applikati t-testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi, il-kriterji ewlenin tagħhom sejrin ikunu l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq rilevanti fl-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fir-reġjun fejn ser jiġi pprovdut is-servizz, inkluż fir-rigward tal-għadd ta', u l-impatt fuq, il-fornituri tas-servizzi eżistenti.

8. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' riservi ma għandu jkollhom ebda effett ta' awto-eżekuzzjoni u għalhekk ma jikkonferixxu ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi individwali.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| IS-SETTURI KOLLHA | Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi<br>BG, HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi hu meħtieġ għal apprendisti gradwati. |
| IS-SETTURI KOLLHA | L-ambitu tat-trasferimenti intrakorporatorji<br>BG: In-numru tal-persuni trasferiti intrakorporarjament ma għandux jaqbeż l-10 fil-mija tan-numru medju annwali taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea impjegati mill-persuna ġuridika Bulgara rispettiva: Fejn inqas minn 100 persuna huma impjegati, in-numru ta' persuni trasferiti intrakorporarjament jista', soġġett għall-awtorizzazzjoni, jaqbeż l-10 fil-mija.<br>HU: Mhux marbuta għal persuni fiżiċi li kienu msieħba f'persuni ġuridika ta' Parti oħra. |
| IS-SETTURI KOLLHA | Diretturi maniġerjali u awdituri<br>AT: Diretturi maniġerjali ta' fergħat ta' persuni ġuridiċi jridu jkunu residenti fl-Awstrija; persuni fiżiċi responsabbli f'persuna ġuridika jew fergħa għall-osservazzjoni tal-Att Awstrijak dwar in-Negozju jridu jkunu domiċiljati fl-Awstrija.<br>FI: Ċittadin barrani li qed iwettaq negozju bħala intraprenditur privat irid permess tan-negozju u jrid ikun resident permanenti fl-Unjoni Ewropea. Għas-setturi kollha, minbarra s-servizzi tat-telekomunikazzjoni, il-Kundizzjoni tan-nazzjonalità u r-rekwiżit tar-residenza għald-direttur maniġerjali ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata. Għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni, residenza permanenti għald-direttur maniġerjali.<br>FR: Id-direttur maniġerjali ta' attività industrijali, kumerċjali jew artiġjanali, jekk mhuwiex detentur ta' permess ta' residenza, jeħtieġ awtorizzazzjoni speċifika.<br>RO: Il-maġġoranza tal-awdituri tal-kumpaniji kummerċjali u d-deputati tagħhom iridu jkunu ċittadini Rumeni.<br>SE: Id-direttur maniġerjali ta' persuna ġuridika jew fergħa għandu jirresjedi fl-Isvezja. |
| IS-SETTURI KOLLHA | Rikonoxximent<br>UE: Id-direttivi tal-Unjoni Ewropea dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi japplikaw biss għal ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Id-dritt biex wieħed jipprattika servizz professjonali regolat f'wieħed mill-Istat Membri tal-Unjoni Ewropea ma jagħtix id-dritt biex wieħed jipprattika fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea[1]. |

[1] Sabiex ċittadini ta' pajjiżi terzi jiksbu rikonoxximent madwar l-Unjoni Ewropea kollha tal-kwalifiki tagħhom, hemm bżonn ta' Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku negozjat fil-qafas definit fl-Artikolu 129 ta' dan il-Ftehim.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 4. MANIFATTURA[1] | |
| H. Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata (ISIC rev 3.1: 22), għajr il-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt [2] | IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-pubblikatur.<br>PL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-kap editur ta' gazzetti u ġurnali.<br>SE: Rekwiżiti ta' residenza għall-pubblikatur u sid ta' kumpanija tal-ippubblikar u l-istampar. |
| 6. SERVIZZI TAN-NEGOZJI | |
| A. Servizzi professjonali | |
| a) Servizzi Legali<br>(CPC 861)[3]<br>għajr pariri legali u dokumenti legali u servizzi ta' awtentikar legali ipprovduti minn professjonisti legali b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, *huissiers de justice* jew *officiers publics et ministériels* oħra | AT, CY, ES, EL, LT, MT, RO, SK: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura, meħtieġa għall-prattika tal-liġi domestika (tal-UE u l-Istat Membri tagħha), hi soġġetta għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità. Għal ES, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu rinunzji.<br>BE, FI: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura, required for legal representation services, hi soġġetta għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità, flimkien mar-rekwiżiti tar-residenza. Fil-Belġju japplikaw kwoti biex jidhru quddiem il-"Cour de cassation" f'każijiet mhux kriminali.<br>BG: Avukati barranin jistgħu biss jipprovdu servizzi ta' rappreżentazzjoni legali ta' ċittadin tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom u soġġetti għar-reċiproċità u l-kooperazzjoni ma' avukat Bulgaru. Għal servizzi ta' medjazzjoni legali hi meħtieġa r-residenza permanenti.<br>FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' "avocat auprès de la Cour de Cassation" u "avocat auprès du Conseil d'Etat" huwa soġġett għal kwoti u għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità.<br>HU: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura hi soġġetta għall-Kundizzjoni tan-nazzjonalità, flimkien mar-rekwiżiti tar-residenza. Għal avukati barranin l-ambitu tal-attivitajiet legali hu limitat għall-provviżjoni tal-parir legali, li għandha sseħħ fuq il-bażi ta' kuntratt ta' kollaborazzjoni konkluż ma' avukat Ungeriż jew kumpanija legali. |

1 Dan is-settur ma jinkludix servizz ta' konsulenza dwar il-manifattura, li jinsabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJI taħt 6.F.h).

2 il-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt tinstab fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJI taħt 6.F.p).

3 Tinkludi servizzi ta' konsulenza legali, rappreżentanza legali, arbitraġġ legali u konċiljazzjoni/medjazzjoni, u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali.
It-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' servizzi legali hu awtorizzat biss fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika, liġi tal-Unjoni Ewropea u l-liġi ta' kull ġurisdizzjoni fejn l-investitur jew il-persunal tiegħu ikun ikkwalifikat biex jipprattika bħala avukat, u, bħat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' servizzi oħra, hu soġġett għar-rekwiżiti ta' liċenzjar u proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Għal avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika u liġi barranija, dawn l-obbligi u proċeduri jista' jkollhom, fost oħrajn, l-għamla ta' konformità ma' kodiċijiet lokali ta' etika, l-użu tat-titolu tal-oriġini (sakemm inkiseb rikonoxximent mat-titolu tal-pajjiż ospitu), rekwiżiti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi mal-Qorti tal-pajjiż ospitu jew sempliċi ammissjoni fl-avukatura tal-pajjiż ospitu permezz ta' test tal-kapaċitajiet u domiċilju legali jew professjonali fil-pajjiż ospitu. Fil-prinċipju, is-servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni Ewropea għandhom isiru minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat bis-sħiħ li ġie ammess fl-avukatura tal-Unjoni Ewropea huwa u jaġixxi personalment, u servizzi legali fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom fil-prinċipju jsiru minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat bis-sħiħ fl-avukatura ta' dak l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea huwa u jaġixxi personalment. L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura tal-Istat Membru relevanti tal-UE tista' għalhekk tkun meħtieġa għar-rappreżentazzjoni fil-qrati u awtoritajiet kompetenti oħra fl-Unjoni Ewropea billi tinvolvi l-prattika ta' liġi proċedurali nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea. Madanakollu, f'xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, l-avukati barranin li ma jkunux ammessi bis-sħiħ fl-avukatura huma permessi jirrappreżentaw fi proċedimenti ċivili parti li tkun ċittadina jew li tagħmel parti mill-Istat fejn l-avukat ikun intitolat jipprattika.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| | LV: Ir-rekwiżit tan-nazzjonalità għal avukati liċenzjati, li għalihom hi riżervata rappreżentazzjoni legali fi proċedimenti kriminali.<br>DK: Il-kummerċjalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' pariri legali hu riżervat għal avukati b'liċenzja tal-prattika Daniża. Il-ħtieġa ta' eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja tal-prattika Daniża.<br>LU: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-forniment ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-Lussemburgu u tal-UE.<br>SE: Ammissjoni fl-avukatura, neċessarja biss għall-użu tat-titlu Svediż ta' "advokat", hi soġġetta għar-rekwiżit tar-residenza. |
| b) 1. Servizzi ta' Kontabilità u Żamma tal-Kotba<br>(CPC 86212 minbarra "servizzi ta' awditjar", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220) | FR: Għoti ta' servizzi tal-kontabbiltà u ż-żamma tal-kotba hi kundizzjonali fuq deċiżjoni tal-Ministeru tal-Ekonomija, tal-Finanzi u tal-Industrija, bi qbil mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin. Ir-rekwiżit tar-residenza ma jistax jaqbeż il-5 snin. |
| b) 2. Servizzi ta' awditjar<br>(CPC 86211 u 86212 minbarra servizzi ta' kontabbiltà) | AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal rappreżentazzjoni quddiem awtoritajiet kompetenti u għat-twettiq ta' awditjar msemmija fil-liġijiet Awstrijaċi speċifiċi (eż. liġi dwar il-kumpaniji b'titoli konġunti, liġi dwar il-borża, liġi dwar il-bankarja, eċċ.)<br>DK: Rekwiżit tar-residenza.<br>ES: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-awdituri statutorji u l-amministraturi, id-diretturi u l-imsieħba ta' kumpaniji minbarra dawk koperti mit-8 direttiva tal-KEE dwar il-liġi tal-kumpaniji.<br>FI: Rekwiżit ta' residenza għal tal-inqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija Finlandiża ta' Responsabbiltà.<br>EL: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-awdituri statutorji.<br>IT: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-amministraturi, id-diretturi u l-imsieħba ta' kumpaniji minbarra dawk koperti mit-8 direttiva tal-KEE dwar il-liġi tal-kumpaniji. Rekwiżit tar-residenza for individual auditors.<br>SE: Awdituri approvati fl-Isvezja jistgħu jwettqu servizzi legali tal-awditjar f'ċerti entitajiet legali, fost oħrajn fil-kumpaniji kollha limitati. Hi meħtieġa r-residenza għall-approvazzjoni. |
| c) Servizzi ta' Konsulenza dwar it-Taxxa<br>(CPC 863) [1] | AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal rappreżentazzjoni quddiem awtoritajiet kompetenti.<br>BG, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti.<br>HU: Rekwiżit tar-residenza |

[1] Mhumiex inklużi s-servizzi ta' pariri legali u ta' rappreżentazzjoni legali dwar it-taxxa, li jinstabu taħt 1.A.a). Servizzi legali.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| d) Servizzi arkitettoniċi<br>u<br>e) Ippjanar Urban u Servizzi Arkitettoniċi ta' Pajżaġġar<br>(CPC 8671 u CPC 8674) | EE: Tal-inqas persuna reponsabbli (maniġer tal-proġetti jew konsulent) trid tkun residenti fl-Estonja<br>BG: Speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza fil-qasam tal-kostruzzjoni għal tal-inqas sentejn. Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal servizzi ta' ppjanar urban u servizzi arkitettoniċi tal-pajżaġġ<br>EL, HU, SK: Rekwiżit tar-residenza |
| f) Servizzi ta' inġinerija<br>u<br>g) Servizzi ta' inġinerija integrata<br>(CPC 8672 u CPC 8673) | EE: Tal-inqas persuna reponsabbli (maniġer tal-proġetti jew konsulent) trid tkun residenti fl-Estonja<br>BG: Speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza fil-qasam tal-kostruzzjoni għal tal-inqas sentejn.<br>EL, HU, SK: Rekwiżit tar-residenza. |
| h) Servizzi Mediċi (inklużi psikologi) u Dentali<br>(CPC 9312 u parti minn CPC 85201) | CZ, IT, SK: Rekwiżit tar-residenza.<br>CZ, EE, RO, SK: L-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin.<br>BE, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin.<br>BG, CY, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.<br>DE: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità li tista' titneħħa f'każi eċċezzjonali ta' interess għas-saħħa pubblika.<br>DK: Awtorizzazzjoni limitata għat-twettiq ta' funżjoni speċifika tista' tingħata għal massimu ta' 18-il xhar u teħtieġ ir-residenza.<br>FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, l-aċċess hu possibbli fil-limiti tal-kwoti stabbiliti annwalment.<br>LV: Il-prattika tal-professjoni medika minn barranin teħtieġ permess mill-awtorità tas-saħħa lokali, ibbażat fuq il-ħtiġijiet ekonomiċi għal tobba u dentisti f'reġjun partikolari.<br>PL: Il-prattika tal-professjoni medika minn barranin teħtieġ il-permess. Tobba barranin għandhom drittijiet limitati ta' elezzjoni fil-kmamar tal-professjonisti.<br>PT: Rekwiżit tar-residenza għall-psikologi. |
| i) Servizzi veterinarji<br>(CPC 932) | BG, CY, DE, EE, EL, FR, HU, MT, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.<br>CZ, SK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u r-rekwiżit tar-residenza.<br>IT: Rekwiżit tar-residenza.<br>PL: Rekwiżit tan-nazzjonalità. Persuni barranin jistgħu japplikaw għall-permess biex jipprattikaw |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| j) 1. Servizzi ta' qwiebel<br>(parti minn CPC 93191) | AT: Sabiex tistabbilixxi prattika professjonali fl-Awstrija, il-persuna konċernata trid tkun ipprattikat il-professjoni inkwistjoni għal tliet snin qabel it-tfassil ta' dik il-prattika professjonali.<br>BE, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin.<br>CZ, CY, EE, RO, SK: L-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin.<br>FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, l-aċċess hu possibbli fil-limiti tal-kwoti stabbiliti annwalment.<br>HU: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.<br>IT: Rekwiżit tar-residenza.<br>LV: Ħtiġijiet ekonomiċi determinati min-numru totali ta' qwiebel fir-reġjun partikolari, awtorizzati mill-awtoritajiet lokali tas-saħħa.<br>PL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Persuni barranin jistgħu japplikaw għall-permess biex jipprattikaw. |
| j) 2. Servizzi pprovduti minn Infermiera, Fiżjoterapisti u Ħaddiema Paramediċi<br>(parti minn CPC 93191) | AT: Fornituri barranin tas-servizzi jitħallew jagħmlu l-attivitajiet li ġejjin biss: infirmieri, fiżjoterapisti, terapisti okkupazzjonali, logoterapisti, esperti tad-dieta u tan-nutriment. Sabiex tistabbilixxi prattika professjonali fl-Awstrija, il-persuna konċernata trid tkun ipprattikat il-professjoni inkwistjoni għal tliet snin qabel it-tfassil ta' dik il-prattika professjonali.<br>BE, FR, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin.<br>CY, CZ, EE, RO, SK: L-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin.<br>HU: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.<br>DK: Awtorizzazzjoni limitata għat-twettiq ta' funżjoni speċifika tista' tingħata għal massimu ta' 18-il xhar u teħtieġ ir-residenza.<br>CY, CZ, EL, IT: Soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi: deċiżjoni hi soġġetta għal postijiet battala fir-reġjun u nuqqas ta' ħaddiema.<br>LV: Ħtiġijiet ekonomiċi determinati min-numru totali ta' infirmiera f'reġjun partikolari, awtorizzati mill-awtoritajiet lokali tas-saħħa. |
| k) Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmacewtiċi u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi<br>(CPC 63211)<br>u servizzi oħra pprovduti mill-ispiżjara [1] | FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, fil-limiti tal-kwoti stabbiliti, l-aċċess għal ċittadini ta' pajjiż terz hu possibbli jekk il-fornitur tas-servizz għandu lawrea Franċiża fil-farmaċija.<br>DE, EL, SK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità<br>HU: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għajr għal bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211).<br>IT, PT: Rekwiżit tar-residenza. |

[1] Il-forniment ta' prodotti farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali, bħall-forniment ta' servizzi oħra, hu soġġett għal ħtiġijiet ta' liċenzja u l-kwalifikazzjoni u proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Bħala regola ġenerali, din l-attività hi riżervata għal spiżjara. F'xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-forniment ta' mediċina bir-riċetta biss hi riżervata għall-ispjiżjara.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| D. Servizzi ta' Bejgħ tal-Proprjetà[1] | |
| a) Li tinvolvi proprjetà proprja jew mikrija (CPC 821) | FR, HU, IT, PT: Rekwiżit tar-residenza.<br>LV, MT, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. |
| b) Fuq Bażi ta' Tariffa jew Kuntratt (CPC 822) | DK: Rekwiżit tar-residenza sakemm ma jitneħħiex mill-Aġenzija Daniża għall-Kummerċ u l-Kumpaniji.<br>FR, HU, IT, PT: Rekwiżit tar-residenza<br>LV, MT, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. |
| E. Servizz ta' Kiri/Leasing mingħajr Operaturi | |
| e) Relatati ma' prodotti personali u tad-dar (CPC 832) | UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-apprendisti gradwati.<br>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti |
| f) Kiri ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni (CPC 7541) | UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati. |
| F. Servizzi tan-negozji oħrajn | |
| e) Servizzi ta' Ttestjar Tekniku u ta' Analiżi (CPC 8676) | IT, PT: Rekwiżiti tar-residenza għall-bijologu u l-analist tal-kimika. |
| f) Servizzi ta' Pariri u Konsulenza relatati mal-Agrikoltura, Kaċċa u Forestrija (parti minn CPC 881) | IT: Rekwiżiti tar-residenza għall-agronomisti u "periti agrari". |
| j) 2. Servizzi tas-Sigurtà (CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304 u CPC 87305) | BE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza għal persunal amministrattiv.<br>BG, CY, CZ, EE, LV, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza.<br>DK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza għal maniġers u servizzi ta' gwardjani fl-ajruporti.<br>ES, PT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal persunal speċjalizzat.<br>FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal diretturi maniġerjali u diretturi.<br>IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni neċessarja għas-servizzi ta' gwardjani tas-sigurtà u t-trasport ta' oġġetti ta' valur. |

[1] Is-servizz konċernat hu relatat mal-professjoni ta' aġent ta' propjetà immobbi u ma jaffettwa l-ebda dritt u/jew restrizzjoni fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi li jixtru propjetà immobbli.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| k) Servizzi Relatati ma' Konsulenza Xjentifika u Teknika (CPC 8675) | BG: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti.<br>DE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal servejers maħtura pubblikament.<br>FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-"sorveljar" ta' operazzjonijiet relatati mal-istabbiliment ta' drittijiet tal-proprjetà u l-liġi tal-artijiet.<br>IT, PT: Rekwiżit tar-residenza. |
| l) 1. Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti (parti minn CPC 8868) | MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. |
| l) 2. Manutenzjoni u Tiswija ta' Tagħmir tat-Trasport bil-Ferrovija (parti minn CPC 8868) | LV: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. |
| l) 3. Manutenzjoni u Tiswija ta' karozzi, muturi, muturi tas-silġ u Tagħmir għat-trasport fuq it-triq (CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867 u parti minn CPC 8868) | UE: Għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi u muturi tas-silġ, kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati. |
| l) 5. Manutenzjoni u tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' prodotti personali u tad-dar [1] (CPC 633, CPC 7545, CPC 8861, CPC 8862, CPC 8864, CPC 8865 u CPC 8866) | UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati. |
| m) Servizzi ta' Tindif tal-Bini (CPC 874) | CY, EE, MT, PL, RO, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti. |
| n) Servizzi ta' Fotografija (CPC 875) | LV: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal servizzi fotografiċi ta' speċjalità.<br>PL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-forniment ta' servizzi fotografiċi mill-ajru. |
| p) Stampar u Pubblikazzjoni (CPC 88442) | SE: Rekwiżiti ta' residenza għall-pubblikatur u sid ta' kumpanija tal-ippubblikar u l-istampar |
| r) 1. Servizzi ta' Traduzzjoni u Interpretazzjoni (CPC 87905) | FI: Rekwiżit tar-residenza għal tradutturi ċertifikati<br>DK: Rekwiżit tar-residenza għal tradutturi u interpreti pubbliċi awtorizzati, sakemm ma jitneħħiex mill-Aġenzija Daniża għall-Kummerċ u l-Kumpaniji. |
| q) Servizzi ta' Kungressi (parti minn CPC 87909) | SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. |

[1] Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija tat-tagħmir għat-trasport (CPC 6112, 6122, 8867 u CPC 8868) jinstabu taħt 6.F. l) 1 to 6.F.l) 4.
Servizzi ta' manutenzjoni u tiwsija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċji nklużi kompjuters (CPC 845) jinstabu taħt 6.B. Servizzi tal-kompjuters.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| r) 3. Servizzi ta' Aġenzija tal-Ġbir (CPC 87902) | BE, EL, IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. |
| r) 4. Servizz ta' rappurtar ta' kreditu (CPC 87901) | BE, EL, IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. |
| r) 5. Sevizzi ta' duplikazzjoni (CPC 87904)[1] | AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati.<br>LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-ispeċjalisti u kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-apprendisti gradwati. |
| 8. KOSTRUZZJONI U SERVIZZI TA' INĠINERIJA RELATATI (CPC 511, CPC 512, CPC 513, CPC 514, CPC 515, CPC 516, CPC 517 u CPC 518) | BG: Speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza fil-qasam tal-kostruzzjoni għal tal-inqas sentejn. |
| 9.SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI (għajr distribuzzjoni ta' armi, munizzjon u materjal tal-gwerra) | |
| C. Servizzi ta' Bejgħ bl-Imnut [2] | |
| c) Servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' ikel (CPC 631) | FR: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-bejjiegħa tat-tabakk (jiġifieri buraliste) |
| 10. SERVIZZI EDUKATTIVI (servizzi ffinanzjati mill-privat biss) | |
| A. Servizzi ta' Edukazzjoni Primarja (CPC 921) | FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiksbu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu u jmexxu istituzzjoni edukattiva u biex jgħallmu.<br>IT: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-fornituri tas-servizzi li huma awtorizzati biex jagħtu diplomi rikonoxxuti mill-Istat.<br>EL: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-għalliema. |
| B. Servizzi ta' Edukazzjoni Sekondarja (CPC 922) | FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiksbu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu u jmexxu istituzzjoni edukattiva u biex jgħallmu.<br>IT: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-fornituri tas-servizzi li huma awtorizzati biex jagħtu diplomi rikonoxxuti mill-Istat.<br>EL: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-għalliema.<br>LV: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità servizzi edukattivi relatati ma' servizzi ta' edukazzjoni teknika u vokazzjonali fi skejjel sekondarji għal studenti b'diżabbiltà (CPC 9224) |

[1] Ma jinkludix servizzi ta' stampar, li jaqgħu taħt CPC 88442 u jinsabu taħt 6.F p).

[2] Ma tinkludix servizzi ta' manutenzjoni u tiswija, li jinstabu fis-servizzi tan-negozji taħt 6.b. u 6.f.l). ma jinkludux servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti tal-enerġija li jinstabu fis-servizzi tal-enerġija taħt 18.e u 18.f.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| C. Servizzi tal-Edukazzjoni Ogħla (CPC 923) | FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiksbu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu u jmexxu istituzzjoni edukattiva u biex jgħallmu.<br>CZ, SK: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-servizzi tal-edukazzjoni ogħla, għajr għas-servizzi edukattivi post-sekondarji tekniċi u vokazzjonali (CPC 92310).<br>IT: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-forničturi tas-servizzi li huma awtorizzati biex jagħtu diplomi rikonoxxuti mill-Istat.<br>DK: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-professuri. |
| 12. SERVIZZI FINANZJARJI | |
| A. Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni | AT: It-tmexxija ta' uffiċċju ta' fergħa trid tikkonsisti f'żewġ persuni fiżiċi residenti fl-Awstrija.<br>EE: Għall-assigurazzjoni diretta, il-korp tal-ġestjoni ta' kumpanija tal-assigurazzjoni b'ishma konġunti b'parteċipazzjoni ta' kapital barrani jista' jinkludi ċittadini minn pajjiżi mhux tal-UE biss bi proporzjon għall-parteċipazzjoni barranija u mhux aktar minn nofs il-membri tal-grupp tat-tmexxija. Il-kap amministrattiv ta' kumpanija sussidjarjaw jew indipendenti jrid ikun jgħix b'mod parmanenti fl-Estonja.<br>ES: Rekwiżit tar-residenza u tliet snin esperjenza għall-professjoni attwarjali.<br>IT: Rekwiżit tar-residenza għall-professjoni attwarjali.<br>FI: Id-diretturi maniġerjali u tal-inqas awditur wieħed ta' kumpanija tal-assigurazzjoni għandu jkollhom ir-residenza tagħhom fl-UE, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma tawhomx eżenzjoni. L-aġent ġenerali tal-kumpanija barranija tal-assigurazzjoni għandu jkollu r-residenza tiegħu fil-Finlandja, sakemm il-kumpanija m'għandhiex l-uffiċċju ewlieni tagħha fl-UE.<br>PL: Rekwiżit tar-residenza għall-intermedjarji tal-assigurazzjoni |
| B. Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (għajr l-assigurazzjoni) | BG: Residenza permanenti fil-Bulgarija hi meħtieġa għad-diretturi eżekuttivi u l-aġent maniġerjali.<br>FI: Id-diretturi maniġerjali u tal-inqas awditur wieħed tal-istituzzjonijiet tal-kreditu għandu jkollhom ir-residenza tagħhom fl-UE, sakemm ma jkunux ingħataw eżenzjoni mill-Awtorità Superviżorja Finanzjarja. Is-sensar (persuna individwali) għall-iskambju derivattiv għandu jkollu r-residenza tiegħu fl-UE.<br>IT: Kundizzjoni tar-residenza fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE għal "promotori di servizi finanziari" (bejjiegħa finanzjarji)<br>LT: Tal-inqas maniġer wieħed irid ikun ċittadin tal-UE.<br>PL: Rekwiżit tan-nazzjonalità għal tal-inqas wieħed mill-eżekuttivi tal-bank. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 13. SERVIZZI TAS-SAHHA U SERVIZZI SOĊJALI<br>(servizzi ffinanzjati mill-privat biss)<br>A. Servizzi ta' Sptarijiet<br>(CPC 9311)<br>B. Servizzi ta' Ambulanzi<br>(CPC 93192)<br>C. Faċilitajiet ta' saħħa residenzjali minbarra servizzi ta' sptarijiet<br>(CPC 93193)<br>E. Servizzi Soċjali<br>(CPC 933) | FR: L-awtorizzazzjoni neċessarja għall-aċċess għall-funzjonijiet tal-immaniġġjar tikkunsidra d-disponibbiltà tal-maniġers lokali.<br>LV: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal tobba, dentisti, qwiebel, infirmiera, fiżjoterapisti, u persunal paramediku.<br>PL: Il-prattika tal-professjoni medika minn barranin teħtieġ il-permess. Tobba barranin għandhom drittijiet limitati ta' elezzjoni fil-kmamar tal-professjonisti. |
| 14. TURIŻMU U SERVIZZI RELATATI MAL-IVVJAĠĠAR | |
| A. Lukandi, Ristoranti u Kejtering<br>(CPC 641, CPC 642 u CPC 643) għajr il-kejtering f'servizzi ta' trasport bl-ajru[1] | BG: In-numru ta' maniġers barranin ma għandux jaqbeż in-numru ta' maniġers li huma ċittadini Bulgari, f'każi fejn is-sehem pubbliku (stat u/jew muniċipju) fil-kapital tal-ekwità ta' kumpanija Bulgara jaqbeż il-50 fil-mija |
| B. Servizzi tal-Aġenziji tal-Ivjaġġar u tal-Operaturi tal-Vjaġġi Turisitiċi (inklużi maniġers tal-vjaġġi turistiċi)<br>(CPC 7471) | BG: In-numru ta' maniġers barranin ma għandux jaqbeż in-numru ta' maniġers li huma ċittadini Bulgari, f'każi fejn is-sehem pubbliku (stat u/jew muniċipju) fil-kapital tal-ekwità ta' kumpanija Bulgara jaqbeż il-50 fil-mija |
| C. Servizzi ta' Gwidi Turistiċi<br>(CPC 7472) | ES, FR, EL, IT, PL, PT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità<br>ES, IT: Id-dritt ta' twettiq tal-professjoni hu riżervat għall-organizzazzjonijiet lokali ta' gwidi turistiċi |
| 15. SERVIZZI RIKREATTIVI, KULTURALI U SPORTIVI<br>(minbarra servizzi awdjoviżivi) | |
| A. Servizzi ta' Divertiment (inklużi Servizzi ta' Teatru, daqq minn Baned, Ċirku u Diskoteki)<br>(CPC 9619) | FR: L-awtorizzazzjoni neċessarja għall-aċċess tal-funzjonijiet tal-immaniġġjar hi soġġetta għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità meta l-awtorizzazzjoni għal aktar minn sentejn tkun meħtieġa |

[1] Il-kejtering fis-servizzi tat-trasport bl-ajru jinsabu f'SERVIZZI AWŻILJARJI GĦAS-SERVIZZI TAT-TRASPORT f'17.D.a) servizzi ta' ġestjoni fuq l-art

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 16. SERVIZZI TAT-TRASPORT | |
| A. Trasport marittimu | |
| a) Trasport internazzjonali tal-passiġġieri<br>(CPC 7211 trasport b'inqas kabottaġġ nazzjonali).<br>b) Trasport internazzjonali tal-merkanzija<br>(CPC 7212 trasport b'inqas kabottaġġ nazzjonali)[1] | UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ekwipaġġi tal-bastimenti<br>AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-maġġoranza tad-diretturi maniġerjali |
| D. Trasport fuq l-Art | |
| a) Trasport tal-passiġġieri<br>(CPC 7121 u CPC 7122) | AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal persuni u azzjonisti intitolati biex jirrappreżentaw persuna ġuridika jew soċjetà<br>DK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza għall-maniġers.<br>BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità |
| b) Trasport tal-merkanzija<br>(CPC 7123, għajr il-ġarr ta' oġġetti postali għall-kont proprju[2]). | AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal persuni u azzjonisti intitolati biex jirrappreżentaw persuna ġuridika jew soċjetà<br>BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità |
| E. Trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhumiex fjuwil[3]<br>(CPC 7139) | AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għald-diretturi maniġerjali. |
| 17 SERVIZZI AWŻILJARI GĦAT-TRASPORT [4] | |
| A. Servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu<br>a) Servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija marittima<br>b) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen<br>(parti minn CPC 742)<br>c) Servizzi ta' Permessi tad-Dwana<br>d) Servizzi ta' Stazzjon u Depot tal-Kontejners<br>e) Servizzi ta' Aġenzija Marittima<br>f) Servizzi marittimi ta' dispaċċ tal-merkanzija | UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ekwipaġġi tas-servizzi tal-imbuttar, irmunkar u għas-servizzi ta' appoġġ għat-trasport marittimu.<br>AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-maġġoranza tad-diretturi maniġerjali għal a), d), h), g), h), u i).<br><br>BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità<br>DK: Rekwiżit tar-residenza għas-servizzi ta' permessi tad-dwana<br>EL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-servizzi ta' permessi tad-dwana<br>IT: Rekwiżit tar-residenza għar-"raccomandatorio marittimo" |

1 Inklużi s-servizzi ta' distribuzzjoni (feedering) u ċ-ċaqliq ta' tagħmir bejn portijiet tal-istess Stat minn fornituri tat-trasport marittimu internazzjonali meta l-ebda dħul mhu involut

2 Parti mis-CPC 71235, li tinstab taħt SERVIZZI TAL-KOMUNIKAZZJONI f'7.A. Servizzi postali u tal-kurrier.

3 It-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsab taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA fi 18.B.

4 Ma tinkludix servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport, li jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJI taħt 6.F.l) 1 to 6.F.l) 4.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| g) Kiri ta' Bastimenti bl-Ekwipaġġ<br>(CPC 7213)<br>h) Servizzi ta' ġbid u rmunkar<br>(CPC 7214)<br>i) Servizzi ta' appoġġ għat-trasport marittimu<br>(parti minn CPC 745)<br>g) Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra<br>(parti minn CPC 749) | |
| B. Servizzi awżiljarji għat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni<br>e) Servizzi ta' ġbid u rmunkar<br>(CPC 7224)<br>f) Servizzi ta' appoġġ għat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni<br>( parti minn CPC 745) | UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ekwipaġġi |
| C. Servizzi awżiljarji għat-Trasport fuq l-Art<br>d) Kiri ta' Vetturi Kummerċjali tat-Triq bl-Operaturi<br>(CPC 7124)<br>e) Servizzi ta' Permessi tad-Dwana | AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal persuni u azzjonisti intitolati biex jirrappreżentaw persuna ġuridika jew soċjetà għas-servizzi ta' kiri ta' vetturi kummerċjali tat-triq bl-operaturi.<br><br>BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità<br>DK: Rekwiżit tar-residenza għas-servizzi ta' permessi tad-dwana<br>EL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-servizzi ta' permessi tad-dwana<br>PL: restrizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-rappreżentazzjoni diretta fis-servizzi ta' permessi tad-dwana: tista' titwettaq biss minn aġenti doganali li għandhom ir-residenza fit-territorju tal-UE.<br>FR: Mhux marbuta sakemm ma tingħatax reċiproċità sħiħa.<br>NL: il-permess lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi biex jaġixxu bħala rappreżentanti doganali hu soġġett għad-diskrezzjoni mill-ispettur, kif hemm fl-Artikoli 1(3) u 1(9) tal-Att Ġenerali dwar id-Dwana. Applikant ma jkunx aċċettat f'każ li kien sentenzjat irrevokabilment għal att kriminali fl-aħħar ħames snin. Rappreżentanti doganali, li mhumiex residenti ta' jew stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, huma meħtieġa li jirresjedu jew jistabbilixxu post fiss fil-Pajjiżi l-Baxxi, qabel ma jwettqu attivitajiet bħala rappreżentant doganali bil-permess. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| D. Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija[1]<br>a) Servizzi ta' Permessi tad-Dwana | BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità<br>DK: Rekwiżit tar-residenza għas-servizzi ta' permessi tad-dwana<br>EL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-servizzi ta' permessi tad-dwana<br>PL: restrizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-rappreżentazzjoni diretta fis-servizzi ta' permessi tad-dwana: tista' titwettaq biss minn aġenti doganali li għandhom ir-residenza fit-territorju tal-UE.<br>FR: Mhux marbuta sakemm ma tingħatax reċiproċità sħiħa.<br>NL: il-permess lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi biex jaġixxu bħala rappreżentanti doganali hu soġġett għad-diskrezzjoni mill-ispettur, kif hemm fl-Artikoli 1(3) u 1(9) tal-Att Ġenerali dwar id-Dwana. Applikant ma jkunx aċċettat f'każ li kien sentenzjat irrevokabilment għal att kriminali fl-aħħar ħames snin. Rappreżentanti doganali, li mhumiex residenti ta' jew stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, huma meħtieġa li jirresjedu jew jistabbilixxu post fiss fil-Pajjiżi l-Baxxi, qabel ma jwettqu attivitajiet bħala rappreżentant doganali bil-permess. |
| E. Servizzi awżiljari għat-trasport bl-ajru<br>a) Servizzi ta' permessi tad-dwana | BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità<br>DK: Rekwiżit tar-residenza għas-servizzi ta' permessi tad-dwana<br>EL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-servizzi ta' permessi tad-dwana<br><br>PL: restrizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-rappreżentazzjoni diretta fis-servizzi ta' permessi tad-dwana: tista' titwettaq biss minn aġenti doganali li għandhom ir-residenza fit-territorju tal-UE.<br>FR: Mhux marbuta sakemm ma tingħatax reċiproċità sħiħa.<br>NL: il-permess lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi biex jaġixxu bħala rappreżentanti doganali hu soġġett għad-diskrezzjoni mill-ispettur, kif hemm fl-Artikoli 1(3) u 1(9) tal-Att Ġenerali dwar id-Dwana. Applikant ma jkunx aċċettat f'każ li kien sentenzjat irrevokabilment għal att kriminali fl-aħħar ħames snin. Rappreżentanti doganali, li mhumiex residenti ta' jew stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, huma meħtieġa li jirresjedu jew li jistabbilixxu post fiss fil-Pajjiżi l-Baxxi, qabel ma jwettqu attivitajiet bħala rappreżentant doganali bil-permess. |

[1] Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi meta s-servizzi jeħtieġu l-użu tal-ispazju pubbliku.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| F. Servizzi awżiljari għat-trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhumiex fjuwil[1]<br>a) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen ta' oġġetti minbarra l-karburant trasportat bil-pajpijiet<br>(parti minn CPC 742) | AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għald-diretturi maniġerjali. |
| 18. SERVIZZI TAL-ENERĠIJA | |
| A. Servizzi Anċillari għall-Minjieri (CPC 883)[2] | SK: Rekwiżit tar-residenza. |
| 19. SERVIZZI OĦRA MHUX INKLUŻI MKIEN IEĦOR | |
| a) Servizzi ta' Ħasil, Tindif u Żebgħa tal-Ħwejjeġ<br>(CPC 9701) | UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati |
| b) Servizzi ta' qtugħ tax-xagħar<br>(CPC 97021) | BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati.<br>AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-apprendisti gradwati. |

1 Is-servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsabu taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 18.C.

2 Inkluż is-servizz li ġej li hu offrut fuq bażi ta' pagament jew kuntratt: servizzi ta' parir u konsulenza relatat mat-tħaffir fil-minjieri, it-tħejjija tas-siti fuq l-art, l-installazzjoni tal-impjanti tat-tħaffir fuq l-art, tħaffir, servizzi tal-golji tat-tħaffir, servizzi tal-"casing" u tat-tubi tat-tħaffir, inġinerija tat-tajn u provvista, kontroll tas-solidi, operazzjonijiet ta' sajd u operazzjonijiet "downhole" speċjali, ġeoloġija tas-siti tal-bjar u kontroll tat-tħaffir, teħid ta' kampjuni (cores) mill-art, testjar tal-bjar, servizzi wireline, provvista u użu ta' completion fluids (brines) provvista u installazzjoni ta' apparat ta' tlestija, simentar (ippumpjar bi pressjoni), servizzi ta' stimulazzjoni (tixqiq, aċidifikar u ppumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' "workover" u ta' tiswija tal-bjar, issiġillar u abbandunar tal-bjar.
Ma jinkludux aċċess dirett għal jew esplojtazzjoni ta' riżorsi naturali.
Ma jinkludux xogħol ta' preparazzjoni tas-sit għal minjieri ta' riżorsi li mhumiex żejt jew gass (CPC 5115), li jinstab f'8. SERVIZZI TA' KOSTRUZZJONI.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| c) Trattament kożmetiku, servizzi ta' manikura u pedikura<br>(CPC 97022) | BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati.<br>AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-apprendisti gradwati. |
| d) Servizzi oħra ta' trattamenti estetiċi n.e.c<br>(CPC 97029) | BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati.<br>AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-apprendisti gradwati. |
| e) Servizzi ta' spa u massaġġi mhux terapewtiċi, sakemm jingħataw bħala servizzi ta' rilassament għall-benesseri fiżiku u mhux għal skopijiet mediċi jew ta' rijabilitazzjoni [1]<br>(CPC ver. 1.0 97230) | UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati. |

[1] Servizzi ta' massaġġi terapewtiċi u ta' kura termali jinstabu taħt 6.A.h) Servizzi mediċi, 6.A.j) 2 Servizzi provduti minn infirmiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku u servizzi tas-saħħa (13.A u 13 C).

TAQSIMA C

IL-PERÙ

1. Il-lista tar-riservi ta' hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi mwettqa skont l-Artikolu 114 ta' dan il-Ftehim, li għalihom japplikaw limitazzjonijiet fuq il-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati skont l-Artikolu 124 ta' dan il-Ftehim u tispeċifika limitazzjonijiet bħal dawn. Il-listi huma komposti mill-elementi li ġejjin:

(a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew subsettur li fih japplikaw ir-riservi; u

(b) it-tieni kolonna tiddeskrivi r-riservi applikabbli, il-mezz ta' forniment u l-obbligi affettwati (L-Aċċess għas-Suq – MA jew it-Trattament Nazzjonali – NT). L-impenji tal-MA u l-NT huma indipendenti.

Il-Peruù ma jassumi l-ebda impenn għall-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati f'attivitajiet ekonomiċi li ma jkun sar l-ebda impenn għalihom (jibqgħu Mhux marbuta) skont l-Artikolu 114 ta' dan il-Ftehim.

2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u tas-subsetturi individwali:

(a) ISIC rev 3.1 tfisser il-Klassifikazzjoni Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha (International Standard Industrail Classification of all Economic Activites) kif stabbiliti fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002; u

(b) CPC tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali (Central Products Classification) kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 77, CPC prov, 1991.

3. Il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifiki, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar, u miżuri dwar il-kundizzjonijiet tal-impjiegi, tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali meta dawn ma jikkostitwixxu ebda limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 112 u 113 ta' dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (eż. il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, il-ħtieġa li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa li wieħed jgħaddi mill-eżamijiet speċifiċi, inklużi l-eżamijiet tal-lingwa, il-ħtieġa li wieħed ikollu domiċilju legali fit-territorju fejn titwettaq l-attività ekonomika, il-ħtieġa ta' konformità mar-regoli u l-prattiki nazzjonali li jikkonċernaw il-pagi minimi u mal-ftehimiet tal-pagi kollettivi fil-pajjiż ospitu), anki jekk mhumiex elenkati, japplikaw f'kull każ għall-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati tal-investitur tal-Parti l-oħra.

4. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 107 ta' dan il-Ftehim, il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri li jikkonċernaw sussidji jew għotjiet mill-Partijiet.

5. Il-lista ta' hawn taħt hija bla ħsara għall-eżistenza ta' monopolji pubbliċi u drittijiet esklussivi kif deskritti fil-lista ta' impenji dwar l-istabbiliment.

6. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' impenji ma għandu jkollhom ebda effett ta' awto-eżekuzzjoni u għalhekk ma jikkonferixxu ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi individwali.

| Settur jew Sub-Settur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| IS-SETTURI KOLLHA INKLUŻI F'DIN IL-LISTA | Nota: Għal ċertezza akbar, skont it-Titolu IV ta' dan il-Ftehim, din is-Sezzjoni hi soġġetta għar-riservi dwar l-Istabbiliment u l-Forniment Transkonfinali tas-Servizzi. F'dan is-sens, ir-riservi elenkati f'dawn is-Sezzjonijiet huma applikabbli għal din is-sezzjoni.<br><br>Dawn l-impenji japplikaw għas-setturi kollha elenkati taħt il-listi għas-Sezzjonijiet dwar it-Transkonfini, il-Kummerċ fis-Servizzi u l-Istabbiliment fis-setturi tas-servizz u dawk mhux tas-servizzi. Il-lista tas-setturi mehmuża hawn taħt tirreferi ħal dawk is-setturi fejn:<br>(i) "Mhux marbuta" impenji b'referenza għas-sezzjoni orizzontali huma meħuda. Dan ifisser li l-ebda obbligu fuq il-Persunal Ewlieni u l-Apprendisti Gwadwati ma japplika għal dak is-settur jew subsettur.<br>(ii) ir-restrizzjonijiet tal-Aċċess għas-Suq u Trattament Nazzjonal huma elenkati direttament. Dan ifisser li hemm restrizzjonijiet addizzjonali speċifiċi għas-settur minbarra dawk orizzontali.<br>(iii) meta l-qasam mhuwiex imsemmi, iżda s-settur kien trattat fil-lista tas-Servizzi Transkonfinali jew l-istabbiliment, ifisser li l-kategorija ta' persunal ewlieni u apprendisti gradwati tapplika mingħajr restrizzjoni.<br><br>Il-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura li tagħti drittijiet jew preferenzi lil gruppi żvantaġġati soċjalment jew ekonomikament. Għar-raġunijiet ta' din ir-riserva: "gruppi etniċi" jfissru komunitajiet indiġeni, nattivi u tal-bdiewa.[1]<br><br>Il-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kull kwalunkwe miżura fir-rigward tal-għoti tas-servizzi tal-infurzar tal-liġu u servizzi korrettivi, u s-servizzi li ġejjin sal-punt li huma servizzi soċjali stabbiliti jew mantenuti għal skop pubbliku: sigurtà u assigurazzjoni tad-dħul, sigurtà soċjali, benefiċċji soċjali, edukazzjoni pubblika, taħriġ pubbliku, saħħa u servizzi għall-indukrar tat-tfal.[2] |

[1] Din ir-riserva ma tapplikax, sal-punt ta' inkonsistenza, għas-subsetturi u modi fl-impenji li ttieħdu mill-Peru fl-Iskeda ta' Impenji tiegħu tal-1994 (GATS/SC/69) u l-modifiki tagħha fid-dokumenti GATS/SC/69/Suppl.1 u GATS/SC/Suppl.2 tal-GATS.

[2] *Idem*, nota f'qiegħ il-paġna 249.

| Settur jew Sub-Settur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| | Il-ħatra ta' ħaddiema barranin<br>It-trasferimenti intrakorporatorji, kif ukoll l-apprendisti gradwati, jistgħu jipprovdu servizzi fil-Perù soġġetti għall-miżuri li ġejjin:<br>- irid ikollhom kuntratt tax-xogħol bil-miktub b'perjodu stabbilit u jrid ikun approvat minn qabel mill-Ministeru tax-Xogħol ("Ministerio de Trabajo") bħala kundizzjoni biex tinkiseb awtorizzazzjoni tad-dħul bħala ħaddiem;<br>- il-perjodu massimu ta' żmien tal-kuntratt hu ta' tliet snin, li jista' jkun sussegwentament estiż għall-istess perjodu ta' żmien;<br>- impenn biex ikun imħarreġ persunal nazzjonali fl-istess okkupazzjoni;<br>- Il-persuni kollha li jimpjegaw fil-Peru, indipendentament mill-attività jew nazzjonalità tagħhom, għandhom jagħtu trattament ta' preferenza lil ċittadini nazzjonali meta jaħtru lill-impjegati tagħhom; u<br>- Persuni fiżiċi barranin jistgħu ma jirrappreżentawx aktar minn 20 fil-mija min-numru totali ta' impjegati ta' impriża, u l-pagi tagħhom ma jistgħux jisbqu t-30 fil-mija mill-pagi totali għall-pagi u s-salarji.<br><br>Dawn il-perċentwali ma japplikawx fil-każi li ġejjin:<br>- meta ċ-ċittadin barrani li qed jipprovdi s-servizz ikun miżżewweġ ma', ġenitur, iben/bint jew ħu/oħt ta' ċittadin Peruvjan ;<br>- meta l-persunal ikun qed jaħdem għal impriża barranija li tipprovdi servizzi internazzjoni tat-trasport fuq l-art, bl-ajru jew fuq il-baħar b'bandiera u reġistrazzjoni barranin;<br>- meta l-persunal barrani jaħdem f'bank multinazzjonali jew impriża li tipprovdi servizzi multinazzjonali, soġġetti għal-liġijiet li jirrigwardjaw il-każi speċifiċi;<br>- għal investitur barrani, jekk l-investiment tiegħu permanentement iżomm fil-Perù tal-inqas ħames Unitajiet ta' Taxxa Tributarja "UITs – *Unidad Impositiva Tributaria*" sakemm idum il-kuntratt tiegħu[1];<br>- għall-artisti, atleti jew fornituri oħra tas-servizzi li jipparteċipaw fi prestazzjonijiet pubbliċi fit-territorju Peruvjan, għal massimu ta' tliet xhur fis-sena;<br>- meta ċittadin barrani għandu visa ta' immigrant;<br>- għal ċittadin barrani li l-pajjiż tal-oriġini tiegħu għandu ftehim ta' reċiproċità fis-suq tax-xogħol jew ta' nazzjonalità doppja mal-Perù; u<br>- meta persunal barrani jipprovdi servizzi fil-Perù taħt ftehim bilaterali jew multilaterali konkluż mill-Gvern Peruvjan. |

[1] L-Unità tat-Taxxa Tributarja hi ammont fiss użat bħala referenza fir-regoli ta' tassazzjoni sabiex il-bażi tat-taxxa, it-tnaqqis, il-limiti ta' effett u aspetti oħra tat-taxxa jinżammu f'valuri kostanti li l-leġislatur jikkunsidra bħala konvenjenti

| Settur jew Sub-Settur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| | Dawk li jimpjegaw jistgħu jitolbu tneħħija tal-perċentwali relatati man-numru ta' barranin u s-sehem tagħhom fis-salarji tal-kumpanija f'dawk il-każijiet li jinvolvu:<br>- persunal professjonali u tekniku speċjalizzat;<br>- diretturi jew persunal tal-maniġment għal attività ta' negozju ġdida jew attività ta' negozju li nbidlet mill-ġdid;<br>- għalliema maħtura għall-edukazzjoni post-sekondarja, jew għal skejjel elementari barranin u skejjel ogħla barranin; jew għat-tagħlim tal-lingwi fi skejjel privati lokali; jew għal ċentri speċjalizzati fil-lingwi;<br>- persunal li jaħdem għal impriżi pubbliċi u privati bi ftehim kuntrattwali ma' organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet jew impriżi pubbliċi; u<br>- fi kwalunkwe każ ieħor determinat mid-Digriet Suprem minħabba l-kriterji ta' speċjalizzazzjoni, kwalifiki jew esperjenza.<br><br>Il-Perù jista' jeħtieġ ċittadin tal-Parti l-oħra li għandu bl-iskop ta' dħul temporanju fil-Perù skont din is-Sezzjoni, biex jikseb visa jew rekwiżit ekwivalenti għaliha qabel id-dħul.<br><br>Għal ċertezza akbar, l-aġenzija migratorja żżomm l-awtorità li tilqa' jew tiċħad l-awtorizzazzjoni għal dħul temporanju jew parmanenza ta' persuni koperti f'din is-Sezzjoni.<br><br>L-Arti Teatrali, l-Arti Viżwali, il-Mużika u l-Ippubblikar<br>Il-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura li tikkundizzjona l-għoti jew l-għoti kontinwu ta' appoġġ mill-gvern għall-iżvilupp u l-produzzjoni tad-diżinjar tal-ġojjelli, l-arti teatrali, l-arti viżwali, il-mużika u l-pubblikazzjoni fuq id-destinatarju li jikseb livell speċifiku jew persentaġġ ta' kontenut kreattiv domestiku.<br><br>L-industrija Awdjo-viżiva, l-Ippubblikar u l-Mużika<br>Il-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura li tagħti lil persuna fiżika jew persuna ġuridika tal-Parti l-oħra t-trattament li jingħata minn dik il-Parti l-oħra lil persuna fiżika jew ġuridika Peruvjana fis-setturi awdjoviżivi, tal-ippubblikar u mużikali. |
| 1. SERVIZZI TAN-NEGOZJI | |
| A. SERVIZZI PROFESSJONALI | Sabiex jingħataw servizzi professjonali fil-Perù, id-diplomi li nkisbu barra jridu jiġu rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti fil-Perù. Ir-residenza fil-Perù hi meħtieġa, mingħajr diskriminazzjoni lejn in-nazzjonalità, għar-rikonoxximent tad-diplomi. Barra minn hekk, f'ċerti professjonijiet hu neċessarju li tkun membru attiv tal-korp professjonali relevanti sabiex tipprattika l-professjoni. |

| Settur jew Sub-Settur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| a) Servizzi Legali<br>(CPC 861) | MA: Xejn, minbarra li n-numru ta' pożizzjonijiet notarili jiddependi min-numru ta' abitanti f'kull belt.<br>NT: Xejn, minbarra li ċittadini li twieldu fil-Perù biss jistgħu jipprattikaw bħala nutara. |
| b) Servizzi ta' kontabilità, verifika u żamma tal-kotba<br>(CPC 862) | MA, NT: Xejn, minbarra li kumpaniji tal-awditjar għandhom ikunu kostitwiti biss u esklussivament minn kontabbilisti pubbliċi liċenzjati u residenti fil-pajjiż u kkwalifikati kif xieraq mill-Bord tal-Kontabbilisti Pubbliċi ta' Lima ("*Colegio de Contadores Públicos de Lima*"). L-ebda sieħeb ma jista' jkun membru ta' soċjetà oħra tal-awditjar fil-Perù. |
| d) Servizzi arkitettoniċi<br>(CPC 8671) | MA: Xejn, minbarra li biex tinkiseb reġistrazzjoni temporanja, periti barranin mhux residenti jrid ikollhom kuntratt ta' assoċjazzjoni ma' perit Peruvjan li jgħix fil-Perù.<br>NT: Xejn, minbarra li jista' jkun hemm differenza fl-ammont tal-pagament għad-dħul għall-Peruvjani u l-barranin. Il-proporzjon ta' dik id-differenza ma jistax jaqbeż it-12-il darba. Għal trasparenza akbar, il-pagamenti attwali għad-dħul huma:<br>(a) US$250 għal ċittadin Peruvjan b'lawrea minn università Peruvjana;<br>(b) US$400 għal ċittadin Peruvjan b'lawrea minn università barranija; jew<br>(c) US$3,000 għal ċittadin barrani b'lawrea minn università barranija.<br>Barra minn hekk, biex tinkseb reġistrazzjoni temporanja, periti barranin mhux residenti jrid ikollhom kuntratt ta' assoċjazzjoni ma' perit Peruvjan li jgħix fil-Perù. |
| g) Ippjanar Urban u Servizzi Arkitettoniċi<br>ta' Pajżaġġar<br>(CPC 8674) | MA: Xejn, minbarra li biex tinkiseb reġistrazzjoni temporanja, periti barranin mhux residenti jrid ikollhom kuntratt ta' assoċjazzjoni ma' perit Peruvjan li jgħix fil-Perù.<br>NT: Xejn, minbarra li jista' jkun hemm differenza fl-ammont tal-pagament għad-dħul għall-Peruvjani u l-barranin. Il-proporzjon ta' dik id-differenza ma jistax jaqbeż it-12-il darba. Għal trasparenza akbar, il-pagamenti attwali għad-dħul huma:<br>(a) US$250 għal ċittadin Peruvjan b'lawrea minn università Peruvjana;<br>(b) US$400 għal ċittadin Peruvjan b'lawrea minn università barranija; jew<br>(c) US$3,000 għal ċittadin barrani b'lawrea minn università barranija.<br>Barra minn hekk, biex tinkseb reġistrazzjoni temporanja, periti barranin mhux residenti jrid ikollhom kuntratt ta' assoċjazzjoni ma' perit Peruvjan li jgħix fil-Peru. |

| Settur jew Sub-Settur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| C. SERVIŻŻI TA' RIĊERKA U ŻVILUPP<br>(CPC 85) | MA: Xejn, minbarra li jista' jkun meħtieġ permess għat-tħaddim u l-awtorizzazzjoni u l-awtorità kompetenti tista' tgħaddi lill-korporazzjoni mill-espedizzjoni ta' rappreżentattiv jew aktar tal-attivitajiet pertinenti Peruvjani, sabiex tipparteċipa u tkun taf l-istudji u l-ambitu tagħhom.<br><br>NT: Xejn, minbarra li proġetti ta' riċerka arkeoloġika jridu jimpjegaw arkeologu Peruvjan b'esperjenza rikonoxxuta reġistrat fir-Reġistru Nazzjonali tal-Arkeoloġisti bħala koordinatur xjentifiku jew subdirettur tal-proġett. Il-kodirettur u s-subdirettur għandhom jipparteċipaw fl-eżekuzzjoni integrali tal-proġett (ħidma fuq il-post u fl-uffiċċju). |
| F. SERVIZZI TAN-NEGOZJI OĦRAJN | |
| a) Servizzi ta' reklamar<br>(CPC 871) | MA, NT: Xejn, minbarra li: reklamar kummerċjali prodott fil-Perù, għandu jkollu tal-inqas 80 fil-mija mill-artisti nazzjonali. Aritist nazzjonali għandhom jirċievu mhux inqas minn 60 fil-mija mit-total ta' pagi u salarji mħallsa lill-artisti. L-istess perċentwali stabbiliti fil-paragrafi preċedenti għandu jikkontrollaw ix-xogħol ta' persunal tekniku involut fir-reklamar kummerċjali. |
| g) Servizzi relatati mas-sajd<br>(CPC 882) | MA, NT: Bastimenti tas-sajd b'bandiera barranija li għandhom permess għas-sajd irid ikollhom osservatur tekniku xjentifiku abbord maħtur miill-Istitut Marittimu tal-Perù ("IMARPE – *Instituto del Mar del Perú*"). Is-sid tal-bastiment irid jipprovdi akkomodazzjoni abbord għal dak ir-rappreżentant u paga kwotidjana, li trid tkun depożitata f'kont bankarju speċjali li jkun amministrat mill-IMARPE. Sidien tal-bastimenti tas-sajd b'bandiera barranija li joperaw f'ibħra ta' ġurisdizzjoni Peruvjana jrid ikollhom tal-inqas 30 fil-mija mill-ekwipaġġ li huwa Peruvjan, soġġett għal-leġiżlazzjoni domestika applikabbli.<br>Il-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura relatata mas-sajd artiġjanali. |
| l) Investigazzjoni u sigurtà<br>(CPC 873) | NT: Xejn, minbarra li persuni impjegati bħala gwardjani tas-sigurtà jridu jkunu ċittadini Peruvjani bit-twelid. Maniġer anzjan ta' impriża li tforni servizzi ta' sigurtà jrid ikun ċittadin Peruvjan bit-twelid u jkun resident tal-Peru. |

| Settur jew Sub-Settur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 5. SERVIZZI EDUKATTIVI | L-impenji taħt din is-sezzjoni ma japplikawx għas-servizzi edukattivi pubbliċi u t-taħriġ pubbliku.<br>Il-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura relatata mal-persuni fiżiċi li jagħtu servizzi edukattivi, inklużi għalliema u persunal awżiljarju li jagħtu servizzi edukattivi fl-edukazzjoni bażika u superjuri inkluża l-"educación técnico productiva" (taħriġ tekniku u produttiv) kif ukoll persuni oħra li jagħtu servizzi relatati mal-edukazzjoni inklużi sponsers ta' istituzzjonijiet edukattivi ta' kull livell jew stadju tas-sistema edukattiva. |
| A. SERVIZZI TA' EDUKAZZJONI PRIMARJA<br>(CPC 921)<br><br>B. SERVIZZI TA' EDUKAZZJONI SEKONDARJA<br>(CPC 922)<br><br>C. SERVIZZI TAL-EDUKAZZJONI OGĦLA<br>(CPC 923)<br><br>D. EDUKAZZJONI GĦALL-ADULTI<br>(CPC 924) | MA: Mhux marbuta |
| 6. SERVIZZI AMBJENTALI | MA: Mhux marbuta<br>NT: Il-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' persunal ewlieni u apprendisti gradwati fil-forniment pubbliku ta' ilma tax-xorb u servizzi pubbliċi ta' drenaġġ. |
| 7. SERVIZZI FINANZJARJI | NT: Il-Perù jista' jitlob li l-amministraturi ta' fornitur tas-servizzi finanzjarji jkunu residenti fil-Peru, u li minorità tal-bord tad-diretturi tkun komposta minn ċittadini tal-Perù, li jgħixu fit-territorju tal-Perù, jew kombinazzjoni minnhom. |

| Settur jew Sub-Settur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 10. SERVIZZI RIKREATTIVI, KULTURALI U SPORTIVI | |
| A. SERVIZZI TA' DIVERTIMENT | MA, NT: (a) kwalunkwe produzzjoni artistika awdjoviżiva domestika u (b) kwalunkwe prestazzjoni artistika domestika trasmessa live trid tittella' minn tal-inqas 80 fil-mija li huma artisti nazzjonali. Artisti nazzjonali għandhom jirċievu mhux inqas minn 60 fil-mija mit-total ta' pagi u salarji mħallsa lill-artisti. L-istess perċentwali stabbiliti fil-paragrafi ta' qabel għandhom jikkontrollaw ix-xogħol ta' persunal tekniku involut f'attivitajiet artistiċi.<br>Ċirku barrani jista' jibqa' fil-Perù bil-persunal oriġinali tiegħu għal massimu ta' 90 ġurnata. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż għall-istess perjodu ta' żmien. Jekk jiġi estiż, iċ-ċirklu barrani jkun jinkludi minimu ta' 30 fil-mija ċittadini Peruvjani bħala artisti u 15 fil-mija mit-teknixins iridu jkunu ċittadini Peruvjani. L-istess perċentwali għandhom japplikaw għat-total ta' salarji u pagi.<br>L-20 fil-mija li jibqa' jista' jitwettaq minn artisti barranin jekk huma jiċċertifikaw kuntratt li jsir qabel ma jidħol fis-seħħ, jkollu visa ta' artist u l-permess intersindikali korrispondenti.<br>Il-perċentwali relatati mal-prestazzjonijiet aristiċi domestiċi live (kif imsemmi f'(b)) m'għandhomx jiġu applikati f'każ ta' prestazzjonijiet mogħtija minn persunal barrani maħtur bħala tali barra l-Perù jekk il-prestazzjoni tiegħu tikkostitwixxi x-xogħol jew id-divertiment sħiħ u hu kkwalifikat kif xieraq bħala prestazzjoni kulturali.<br>Tal-inqas torero wieħed li hu ċittadin Peruvjan irid jipparteċipa f'kull avveniment ta' corrida. Tal-inqas torero apprendist li hu ċittadin Peruvjan irid jipparteċipa fi ġlidiet li jinvolvu barrin żgħar. |

| Settur jew Sub-Settur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| 11. SERVIZZI TAT-TRASPORT | |
| A. SERVIZZI TAT-TRASPORT MARITTIMU<br><br>Trasport Internazzjonali (merkanzija u passiġġieri)<br>(CPC 7211 u 7212)<br>Minbarra kabottaġġ (kif definit fil-paragrafu 1 tan-Nota 1ta' din it-Taqsima)<br><br>B. TRASPORT FIL-MOGĦDIJIET TAL-ILMA INTERNI<br>(trasport internazzjonali biss)<br><br>- Trasport tal-passiġġieri CPC 7221)<br>- Trasport tal-merkanzija<br>- (CPC 7222)<br>Minbarra kabottaġġ (kif definit fil-paragrafu 1 tan-Nota 1 ta' din it-Taqsima) | Il-president tal-bord tad-diretturi, il-maġġoranza tad-diretturi, u l-Maniġer Ġenerali jridu jkunu ċittadini Peruvjani u residenti fil-Peru.<br>Il-kaptan u l-ekwipaġġ ta' bastimenti b'bandiera Peruvjana kollha jridu jkunu ċittadini Peruvjani awtorizzati mid-"Dirección General de Capitanías u Guardacostas". F'każijiet eċċezzjonali u wara li jkun aċċertat li m'hemmx disponibbli persunal Peruvjan li hu kkwalifikat bl-esperjenza f'dak it-tip ta' bastiment, ċittadini barranin jistgħu jiġu ingaġġati sa massimu ta' 15 fil-mija mill-ekwipaġġ totali, u għal perjodu limitat. L-aħħar eċċezzjoni ma tmissx lill-kaptan tal-bastiment.<br>Ċittadin Peruvjan biss jista' jkun pilota liċenzjat tal-port. |
| F. SERVIZZI TAT-TRASPORT FUQ L-ART | |
| a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7121+7122)<br><br>b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7123)<br><br>Minbarra trasport tal-kabottaġġ bit-triq | Il-Perù jirriżerva d-dritt li jadotta jew li jżomm kwalunkwe miżura relatata mat-trasport internazzjonali fuq l-art ta' merkanzija jew passiġġieri fiż-żoni konfinali. |

| Settur jew Sub-Settur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| SERVIZZI AWŻILJARI GĦAT-TRASPORT | |
| A. SERVIZZI AWŻILJARJI GĦAT-TRASPORT MARITTIMU<br><br>B. SERVIZZI AWŻILJARJI GĦAT-TRASPORT FIL-MOGĦDIJIET TAL-ILMA INTERNI | NT: Ċittadini Peruvjani biss jistgħu jirreġistraw fir-Reġistru ta' Ħaddiema tal-Port. Ħaddiem tal-port hu persuna fiżika li, soġġett għall-impjegatur tal-port, iwettaq servizzi speċifiċi li jwasslu għal inkarigi relatati mal-port bħal: stivatur, "tarjador", "winchero", "gruero", "portalonero", "levantador de costado de nave", fost oħrajn li huma stabbiliti f'kull port skont ir-regoli tal-liġi attwali.<br><br>Għal servizzi ta' permessi tad-dwana, ir-rappreżentant legali u kull Direttur u Maniġer jridu jkunu residenti fil-Perù. Ir-rappreżentant legali korporattiv jrid ikun ċittadin Peruvjan. Għal ċertezza akbar, ir-rappreżentant legali korporattiv mhuwiex neċessarjament il-Maniġer ġenerali tal-impriżi tal-iżdoganar. |
| C. SERVIZZI AWŻILJARJI GĦAT-TRASPORT BIL-FERROVIJA | Għal servizzi ta' permessi tad-dwana, ir-rappreżentant legali u kull Direttur u Maniġer jridu jkunu residenti fil-Perù. Ir-rappreżentant legali korporattiv irid ikun ċittadin Peruvjan. Għal ċertezza akbar, ir-rappreżentant legali korporattiv mhuwiex neċessarjament il-Maniġer ġenerali tal-impriżi tal-iżdoganar. |
| D. SERVIZZI AWŻILJARJI GĦAT-TRASPORT FUQ L-ART | Għal servizzi ta' permessi tad-dwana, ir-rappreżentant legali u kull Direttur u Maniġer jridu jkunu residenti fil-Perù. Ir-rappreżentant legali korporattiv irid ikun ċittadin Peruvjan. Għal ċertezza akbar, ir-rappreżentant legali korporattiv mhuwiex neċessarjament il-Maniġer ġenerali tal-impriżi tal-iżdoganar. |
| E. SERVIZZI AWŻILJARI GĦAT-TRASPORT BL-AJRU | Għal servizzi ta' permessi tad-dwana, ir-rappreżentant legali u kull Direttur u Maniġer jridu jkunu residenti fil-Perù. Ir-rappreżentant legali korporattiv irid ikun ċittadin Peruvjan. Għal ċertezza akbar, ir-rappreżentant legali korporattiv mhuwiex neċessarjament il-Maniġer ġenerali tal-impriżi tal-iżdoganar. |
| SERVIZZI TAL-ENERĠIJA SERVIZZI RELATATI MAL-ESPLORAZZJONI U L-PRODUZZJONI | Għal twettiq ta' kuntratti ta' esplorazzjoni, impriżi barranin iridu jistabbilixxu fergħa jew jiffurmaw kumpanija skont il-*Ley General de Sociedades*, ikunu domiċiljati fil-kapitali tar-Repubblika tal-Perù u jaħtru Peruvjan bħala mandatarju. Persuni fiżiċi barranin iridu jkunu reġistrati fir-Reġistru Pubbliku u jaħtru aġent ta' nazzjonalità Peruvjana, li jirresjedi fil-kapitali tar-Repubblika tal-Perù. |

# APPENDIĊI 2

## RISERVI DWAR IL-FORNITURI TA' SERVIZZI KUNTRATTWALI U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI

(li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 126 u 127 ta' dan il-Ftehim)

## TAQSIMA A

## IL-KOLUMBJA

1. Il-lista tar-riservi ta' hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi liberalizzati mill-Kolumbja skont l-Artikoli 126 u 127 tat-Titlu IV (Kummerċ f'Servizzi, Stabbiliment u Kummerċ Elettoniku) ta' dan il-Ftehim li għalihom japplikaw limitazzjonijiet fuq il-forrnituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti. Il-lista hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

(a) l-ewwel kolonna li tindika s-settur jew is-subsettur fejn japplikaw il-limitazzjonijiet;

(b) it-tieni kolonna tiddeskrivi l-limitazzjonijiet applikabbli.

2. Il-Kolumbja ma tassumi l-ebda impenn għal persunal ewlieni u għal apprendisti gradwati f'attivitajiet ekonomiċi li mhumiex liberalizzati (jibqgħu Mhux marbuta) skont l-Artikoli 126 u127 ta' dan il-Ftehim.

3. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u tas-subsetturi individwali:

(a) ISIC rev 3.1 tfisser il-Klassifikazzjoni Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha (International Standard Industrail Classification of all Econimic Activites) kif stabbiliti fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002.

(b) CPC tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali (Central Products Classification) kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti,Serje M, Nru 77, *CPC prov*, 1991.

4. Il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifiki, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar, u miżuri dwar il-kundizzjonijiet tal-impjiegi, tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali meta dawn ma jikkostitwixxu ebda limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 112 u 113 ta' dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (eż. il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, il-ħtieġa li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa li wieħed jgħaddi mill-eżamijiet speċifiċi, inklużi l-eżamijiet tal-lingwa, il-ħtieġa li wieħed ikollu domiċilju legali fit-territorju fejn titwettaq l-attività ekonomika, il-ħtieġa ta' konformità mar-regoli u l-prattiki nazzjonali li jikkonċernaw il-pagi minimi u mal-ftehimiet tal-pagi kollettivi fil-pajjiż ospitu), anki jekk mhumiex elenkati, japplikaw f'kull każ għall-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati tal-investituri ta' Parti oħra.

5. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 107 ta' dan il-Ftehim, il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri li jikkonċernaw is-sussidji mogħtija mill-Partijiet.

6. Il-lista ta' hawn taħt hija bla ħsara għall-eżistenza ta' monopolji pubbliċi u drittijiet esklussivi kif deskritti fil-lista ta' impenji dwar l-istabbiliment.

7. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' riservi ma għandu jkollhom ebda effett ta' awto-eżekuzzjoni u għalhekk ma jikkonferixxu ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi individwali.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| IS-SETTURI KOLLHA | Minoritajiet u gruppi etniċi<br><br>Il-Kolombja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kwalunkwe miżura li tagħti drittijiet jew preferenzi lil minoritajiet u gruppi etniċi soċjalment u ekonomikament żvantaġġati, inklużi fir-rispett tal-artijiet komunali tal-gruppi etniċi skont l-Art. 63 tal-*Constitución Política* de Colombia. Il-gruppi etniċi tal-Kolombja huma: il-persuni indiġeni u Rom (żingari), il-komunitajiet Afro-Kolombjani u l-komunità Raizal tal-Arċipelagu ta' San Andres, Providencia, u Santa Catalina. |
| IS-SETTURI KOLLHA | Espressjonijiet Tradizzjonali<br><br>Il-Kolombja tirriżerva d-dritt li tadotta jew li żżomm kwalunkwe miżura li tagħti drittijiet jew preferenzi lil komunitajiet lokali fir-rigward tal-appoġġ u l-iżvilupp tal-espressjonijiet relatati mal-patrimonju kulturali intanġibbli dikjarat skont ir-*Resolución No. 0168 de 2005*. |
| IS-SETTURI KOLLHA | Kull persuna li timpjega b'persunal ta' aktar minn għaxar impjegati trid timpjega persuni Kolombjani bi proporzjon ta' mhux inqas minn 90 fil-mija mill-persunal tal-impjegati ordinarji u mhux inqas minn 80 fil-mija mill-ħaddiema tas-sengħa jew speċjalisti, persunal amministrattiv jew persuni f'impjiegi ta' responsabbiltà. |
| IS-SETTURI KOLLHA | Persuni fiżiċi jew ġuridiċi biss li għandhom l-uffiċċju ewlieni fil-port ħieles ta' *San Andres, Providencia, u Santa Catalina* jistgħu jipprovdu servizzi f'dan ir-reġjun. |
| 6. . SERVIZZI TAN-NEGOZJI | |
| A. Servizzi professjonali | |
| b) 1. Servizzi ta' Kontabilità u Żamma tal-Kotba<br>(CPC 862)<br><br>c) Servizzi ta' Konsulenza dwar it-Taxxa<br>(CPC 863) | Persuni li huma reġistrati fil-*Junta Central de Contadores* biss jistgħu jipprattikaw bħala kontabbilisti. Ċittadin barrani jrid ikun ilu domiċiljat kontinwament fil-Kolombja għal tal-inqas tliet snin qabel it-talba għar-reġistrazzjoni u juri esperjenza ta' kontabilista mwettqa fit-territorju tal-Kolombja għal perjodu ta' mhux inqas minn sena waħda. Din l-esperjenza tista' tkun miksuba matul studji pubbliċi fil-kontabbiltà jew wara dawn. |

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
| C. Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp | |
| a) Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp fix-xjenzi fiżiċi | Kwalunkwe persuna barranija li tippjana li tagħmel riċerka xjentifika dwar id-diversità bijoloġika fit-territorju tal-Kolombja trid tinvolvi tal-inqas riċerkatur Kolombjan wieħed fir-riċerka jew l-analiżi tar-riżultati ta' tali riċerka.<br><br>Għal ċertezza akbar, din il-miżura ma tindirizzax id-drittijiet ta' kwalunkwe persuna fir-rigward tar-riċerka jew l-analiżi xjentifika. |
| 12. SERVIZZI FINANZJARJI<br><br>A. Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni | Ċittadin barrani li għex fil-Kolombja għal inqas minn sena ma jistax jipprovdi servizzi fil-Kolombja bħala aġent tal-assigurazzjoni. |
| 15. SERVIZZI RIKREATTIVI, KULTURALI U SPORTIVI (minbarra servizzi awdjoviżivi)<br><br>B. Servizzi ta' aġenziji tal-aħbarijiet (CPC 962) | Id-direttur jew il-maniġer ġenerali ta' gazzetta ppubblikata fil-Kolombja li tiffoka fuq il-politika Kolombjana jrid ikun ta' nazzjonalità Kolombjana. |

TAQSIMA B

IL-PARTI UE

Fid-dokument jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| AT | L-Awstrija |
| BE | Il-Belġju |
| BG | Il-Bulgarija |
| CY | Ċipru |
| CZ | Ir-Repubblika Ċeka |
| DE | Il-Ġermanja |
| DK | Id-Danimarka |
| ES | Spanja |
| EE | L-Estonja |
| UE | L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha |
| FI | Il-Finlandja |
| FR | Franza |
| EL | Il-Greċja |
| HU | L-Ungerija |
| IE | L-Irlanda |
| IT | L-Italja |
| LV | Il-Latvja |
| LT | Il-Litwanja |
| LU | Il-Lussemburgu |
| MT | Malta |
| NL | Il-Pajjiżi l-Baxxi |
| PL | Il-Polonja |
| PT | Il-Portugall |

RO Ir-Rumanija

SK Ir-Repubblika Slovakka

SI Is-Slovenja

SE L-Isvezja

UK Ir-Renju Unit

1. Il-lista ta’ riservi ta’ hawn taħt tindika s-setturi tas-servizzi liberalizzati mill-UE skont l-Artikoli 126, il-paragrafi 2 u 3 u 127, il-paragrafi 2 u 3 ta’ dan il-Ftehim u l-limitazzjonijiet diskriminatorji speċifiċi li japplikaw għalihom.

   Il-lista hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

   (a) l-ewwel kolonna li tindika s-settur jew is-subsettur fejn japplikaw il-limitazzjonijiet; u

   (b) it-tieni kolonna li tiddeskrivi l-limitazzjonijiet applikabbli;

   Meta l-ebda limitazzjonijiet speċifiċi, għajr dawk speċifikati fit-Titolu IV ta’ dan il-Ftehim ma japplikaw la għall-fornituri ta' servizzi kuntrattwali (minn issa 'l quddiem magħrufa bħala "CSS"(contractual service suppliers)) u lanqas għall-professjonisti indipendenti (minn issa 'l quddiem magħrufa bħala "IP" (independent professionals)), il-kelma "xejn" titniżżel ma ġenb l-Istat(i) Membru/i rilevanti tal-UE.

2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u s-subsetturi individwali, "CPC" tfisser il-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti (Central Products Classification) kif stabbilit fl-Uffiċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Dokumenti ta' Statistika, Serje M, Nru 77, *CPC prov*, 1991.

3. Il-lista ta’ hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifiki, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-ħruġ tal-liċenzji, u miżuri rigward il-kundizzjonijiet tal-impjiegi, tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali meta dawn ma jkunu jikkostitwixxu l-ebda limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 126 il-paragrafi 2 u 3 u 127, il-paragrafi 2 u 3 ta’ dan il-Ftehim. Dawk il-miżuri (pereżempju; il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, il-ħtieġa li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki f’setturi rregolati, il-ħtieġa li individwi jgħaddu minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwi, il-ħtieġa ta’ domiċilju legali fit-territorju fejn tkun qiegħda ssir l-attività ekonomika, il-ħtieġa li tikkonforma mar-regolamenti u l-prattiċi nazzjonali dwar il-pagi minimi u mal-ftehimiet kollettivi dwar il-pagi fil-pajjiż ospitanti), anki jekk ma jkunux elenkati, japplikaw fi kwalunkwe każ għall-FSK u PI ta' Parti oħra.

4. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 107 ta’ dan il-Ftehim, il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri dwar sussidji mogħtija mill-Partiiet.

5. Ir-rekwiżiti kollha tal-liġijiet u r-regolamenti tal-UE u l-Istati Membri tagħha dwar id-dħul, il-permanenza, ix-xogħol u l-miżuri tas-sigurtà soċjali għandhom ikomplu japplikaw, inklużi regolamenti dwar il-perjodu ta’ permanenza, il-pagi minimi, kif ukoll il-ftehimiet kollettivi dwar il-pagi, anki jekk mhumiex elenkati hawn taħt.

6. Il-lista ta' hawn taħt hija mingħajr ħsara għall-eżistenza tal-monopolji pubbliċi u d-drittijiet esklussivi kif deskritti fil-lista ta' impenji dwar l-istabbiliment.

7. F'dawk is-setturi fejn jiġu applikati testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi, il-kriterji ewlenin tagħhom se jkunu l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni rilevanti tas-suq fl-Istat Membru tal-UE jew ir-reġjun fejn għandu jiġi pprovdut is-servizz, inkluż fir-rigward tan-numru ta', u l-impatt fuq, il-fornituri tas-servizzi eżistenti.

8. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' riservi ma għandu jkollhom l-ebda effett ta' awto-eżekuzzjoni u għalhekk ma jikkonferixxu l-ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi individwali.

9. L-impenji għa-CSS u l-IP ma japplikawx f'każijiet fejn l-intenzjoni jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom ikunu ta' interferenza jew jaffettwaw b'mod ieħor ir-riżultat aħħari ta' kwalunkwe tilwim jew negozjar relatati max-xogħol/mal-ġestjoni.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
| --- | --- |
| IS-SETTURI KOLLHA[1] | Perjodu ta' transizzjoni<br>BG, RO: L-impenji għandhom jidħlu fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.<br><br>AT, BE, DE, DK, EL, ES, FI, FR, IE, IT, LU, NL, PT, SE, UK: Xejn.<br><br>Rikonoxximent<br><br>UE: Id-direttivi tal-UE dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi japplikaw biss għal ċittadini tal-Istati Membri tal-UE. Id-dritt għall-prattika ta' servizzi professjonali regolat f'wieħed mill-Istati Membri ma jagħtix id-dritt ta' prattika fi Stat Membru ieħor tal-UE. [2] |
| Servizzi ta' Konsulenzi legali fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika u l-liġi barranija(jiġifieri liġi mhux tal-UE)<br>(parti minn CPC 861)[3] | AT, CY, DE, EE, IE, LU, NL, SE, UK: Xejn.<br>ES, IT, EL, PL: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal IP.<br>LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal CSS.<br>BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, għajr għas-CSS meta l-paga annwali hi ogħla mill-ammont definit mil-liġijiet u r-regoli relevanti.<br>BG, CZ, DK, FI, HU, LT, MT, PT, RO, SI, SK: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br>DK: Il-kummerċjalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' pariri legali hu riżervat għal avukati b'liċenzja tal-prattika Daniża. Il-ħtieġa ta' eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja tal-prattika Daniża.<br>FR: Ammissjoni sħiħa (simplifikata) għall-avukatura permezz ta' test tal-kapaċitajiet hi meħtieġa. |
| Servizzi ta' Kontabilità u Żamma tal-Kotba<br>(CPC 86212 minbarra "servizzi ta' awditjar", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220) | CY, DE, EE, ES, IE, IT, LU, NL, PL, SI, SE, UK: Xejn.<br>AT: Il-persuna li timpjega trid tkun membru tal-korp professjonali relevanti fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu fejn tali korp jeżisti.<br>BE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, għajr għas-CSS meta l-paga annwali hi ogħla mill-ammont definit mil-liġijiet u r-regoli relevanti.<br>FR: Rekwiżit tal-awtorizzazzjoni.<br>BG, CZ, DK, EL, FI, HU, LT, LV, MT, PT, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. |

[1] Nota għat-trasparenza tal-BE: fejn applikabbli, l-ammont li hemm referenza għalih għall-paga annwali hu attwalment stabbilit għal EUR 33,677 (Marzu 2007).

[2] Sabiex ċittadini ta' pajjiżi terzi jiksbu rikonoxximent madwar l-Unjoni Ewropea kollha tal-kwalifiki tagħhom, hemm bżonn ta' Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku negozjat fil-qafas definit fl-Artikolu 129 ta' dan il-Ftehim.

[3] L-għoti ta' dawn is-servizzi, bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għar-rekwiżiti tal-liċenzji u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Dawn jistgħu jieħdu inter alia l-forma tal-konformità mal-kodiċi lokali tal-etika, l-użu tar-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-titlu tal-pajjiż tal-oriġini (sakemm ma jkunx inkiseb rikonoxximent mat-titlu ospitu), reġistrazzjoni sempliċi mal-avukatura tal-pajjiż ospitu jew sempliċi ammissjoni fl-avukatura tal-pajjiż ospitu permezz ta' test tal-kapaċitajiet u domiċilju legali jew professjonali fil-pajjiż ospitu.

| Settur jew Subsettur | Deskrizzjoni tar-Riservi |
|---|---|
